# Diversità multikulturali u edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali



# DIVERSITÀ MULTIKULTURALI
# U
# EDUKAZZJONI BI ĦTIĠIJIET SPEĊJALI

**RAPPORT FIL-QOSOR**

**L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni**
**Għal Ħtiġijiet Speċjali**

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali hija organizzazzjoni indipendenti u li tmexxi lilha nnifisha, li hija sostnuta mill-pajjiżi membri tal-Agency u l-Istituzzjonijiet Ewropej (Il-Kummissjoni u l-Parlament).

Il-fehmiet espressi minn individwi f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-fehmiet uffiċjali tal-Agency, il-pajjiżi membri jew il-Kummissjoni. Il-kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument.

Dan ir-rapport kien editjat minn Axelle Grünberger, Mary Kyriazopoulou u Victoria Soriano, l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali, fuq il-bażi ta' kontribuzzjonijiet mill-membri tal-Bord Rappreżentattiv tal-Agency, il-Koordinaturi Nazzjonali u l-esperti Nazzjonali nnominati. Għal skop ta' kuntatt jekk jogħġbok tara l-lista tal-kontributuri fl-aħħar ta' dan id-dokument.

Il-kontribuzzjoni speċifika ta' Trinidad Rivera (konsulent tal-Agenzija Nazzjonali għal Edukazzjoni u Skejjel għal Ħtiġijiet Speċjali) fit-tħejjija ta' dan ir-rapport hija rikonoxxuta b'ħajr.

Estratti minn dan id-dokument jistgħu jsiru darba waħda ssir referenza ċara għas-sors, kif ġej: European Agency for Development in Special Needs Education, 2009. *Diversità multikulturali u edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali*, Odense, Denmark: European Agency for Development in Special Needs Education.

Verżjonijiet elettroniċi ta' dan ir-rapport b'21 lingwa wieħed jista' jsibhom fil-websajt tal-Agency: www.european-agency.org

Din il-verżjoni tar-rapport hija traduzzjoni prodotta mill-pajjiżi membri tal-Agency mill-manuskritt oriġinali bl-Ingliż tal-Agency.

Tradott minn: Tarcisio Zarb

L-istampa tal-faċċata: collage mix-xoghol ta' Pascal Souvais, Ecole d'Enseignement Secondaire Spécialisé de la Communauté Française, Verviers, Belgium.

ISBN: 978-87-92387-68-4 (Elettronika) ISBN: 978-87-92387-48-6 (Stampata)

**©L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali 2009**

Secretariat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

Education and Culture DG

Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet sostnuta mid-DG għall-Kummissjoni Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Kultura: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm

# TABELLA TAL-KONTENUT

**DAĦLA** ........................................................................................ **5**

**INTRODUZZJONI**........................................................................................ **7**

**1. ELEMENTI TA' TEORIJA MIR-RIĊERKA** ........................................ **11**

1.1 L-aħħar żviluppi fil-livell Ewropew ........................................ 11

1.2 Kontroversji u dibattiti ........................................ 14
*1.2.1 Popolazzjoni fil-mira* ........................................ *14*
*1.2.2 Data eżistenti* ........................................ *15*
*1.2.3 Miżuri edukattivi* ........................................ *15*

1.3 Sejbiet ewlenin komuni mix-xogħol ta' riċerka analizzata.......... 17
*1.3.1 Data eżistenti* ........................................ *17*
*1.3.2 Il-Proviżjoni Edukattiva* ........................................ *19*
*1.3.3 Miżuri ta' Sostenn* ........................................ *20*
*1.3.4 Assessjar* ........................................ *23*

**2. INFORMAZZJONI FUQ IL-PAJJIŻI** ........................................ **25**

2.1 Il-popolazzjoni fil-mira ........................................ 25

2.2 Data eżistenti fuq studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant.......... 28

2.3 Proviżjoni edukattiva ........................................ 32
*2.3.1 Proviżjoni indirizzata lil studenti bi sfond ta' immigrant* ....... *33*
*2.3.2 Proviżjoni għal studenti b'diżabilità/SEN u sfond ta' immigrant* ........................................ *35*
*2.3.3 Servizzi responsabbli* ........................................ *36*
*2.3.4 Kooperazzjoni bejn is-servizzi* ........................................ *37*
*2.3.5 Informazzjoni għal/u involviment tal-ġenituri* ....................... *38*
*2.3.6 Iffinanzjar tas-servizzi* ........................................ *39*

2.4 Miżuri ta' sostenn ........................................ 41
*2.4.1 L-isfidi ewlenin iffaċċjati mill-iskejjel/għalliema* .................... *41*
*2.4.2 Il-perċezzjonijiet tal-istakeholders* ....................................... *43*
*2.4.3 Ksib/riżultati pożittivi dwar miżuri ta' sostenn* ...................... *45*
*2.4.4 Il-fatturi ta' suċċess f'relazzjoni ma' ambjent ta' tagħlim inklużiv fil-qafas ta' klassi multikulturali* ........................................ *47*

2.5 Assessjar ........................................ 48

**3. RIŻULTATI FIL-QOSOR MILL-ANALIŻI PRATTIKA ................ 53**

3.1 Preżentazzjoni u l-karatteristiċi ewlenin tal-lokalitajiet miżjura .. 54

*3.1.1 Malmö (L-Isvezja)............................................................... 54*

*3.1.2 Ateni (Il-Greċja) .................................................................. 55*

*3.1.3 Pariġi (Franza)..................................................................... 57*

*3.1.4 Brussel (Il-Belġju) ............................................................... 59*

*3.1.5. Amsterdam (L-Olanda)....................................................... 61*

*3.1.6 Varsavja (Il-Polonja) ........................................................... 64*

3.2 Kummenti ġenerali ...................................................................... 66

*3.2.1 Il-popolazzjoni fil-mira ......................................................... 66*

*3.2.2 Data eżistenti ...................................................................... 67*

*3.2.3 Il-proviżjoni edukattiva......................................................... 67*

*3.2.4 Miżuri ta’ sostenn ................................................................ 69*

*3.2.5 Assessjar............................................................................. 70*

**4. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET............... 71**

4.1 Data eżistenti ............................................................................... 71

4.2 Proviżjoni edukattiva .................................................................... 72

4.3 Miżuri ta’ sostenn .......................................................................... 74

4.4 Assessjar ...................................................................................... 75

**REFERENZI.................................................................................... 77**

**KONTRIBUTURI............................................................................. 81**

L-ismijiet u l-indirizzi tal-pajjiżi miżjura ........................................... 84

# DAĦLA

Dan ir-rapport huwa taqsira tar-riżultati ta' analiżi li saret mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali (l-Agency) li jiffoka fuq is-suġġett ta' Edukazzjoni Speċjali u l-Immigrazzjoni – qasam ta' prijorità għall-pajjiżi membri tal-Agency.

Fl-2005, ir-rappreżentanti mill-ministeri tal-edukazzjoni involuti fl-Agency esprimew l-interessi tagħhom f'investigazzjoni li esplorat dan is-suġġett sensittiv, bil-qofol tal-attenzjoni tkun fuq kif twieġeb bl-aħjar mod possibbli għall-ħtiġijiet edukattivi speċjali tal-istudenti ġejjin minn kulturi differenti u li ħafna drabi jużaw lingwa differenti minn dik użata fil-pajjiż li jkunu fih.

Total ta' 25 pajjiż kienu involuti f'din l-analiżi – l-Awstrija, il-Belġju (il-komunitajiet li jitkellmu bil-Fjammin u l-Franċiż), Ċipru, id-Dannimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Islanda, l-Isvezja, l-Isvizzera (il-komunitajiet li jitkellmu bil-Franċiż u l-Ġermaniż), l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugal, ir-Renju Unit (l-Ingilterra), ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Ungerija.

Kienu innominati minn wieħed sa żewġ esperti minn kull pajjiż biex jipparteċipaw fl-analiżi. Mingħajr l-expertise tagħhom l-analiżi ma kinetx tkun possibbli. Huma pprovdew tagħrif prezzjuż fil-livell lokali u/jew nazzjonali u kkontribwew bir-riflessjonijiet tagħhom għar-riżultat finali. Id-dettalji tal-kuntatt tal-esperti jinkisbu fl-aħħar ta' dan ir-rapport kif ukoll fuq web page tal-proġett. Is-sehem tagħhom, kif ukoll dak mill-membri u l-Koordinaturi Nazzjonali tal-Board Rappreżentattiv tal-Agency, huwa apprezzat ħafna. Is-sehem tagħhom kollha, assiguraw is-suċċess tal-proġett tal-Agency.

Dan ir-rapport fil-qosor jippreżenta s-sejbiet ewlenin mill-proġett. Huwa mibni fuq tagħrif minn rapporti ta' pajjiżi li ġew sottomessi mill-pajjiżi parteċipanti kollha u l-analiżi tal-prattika. Din l-informazzjoni kollha tinstab fil-*web page* tal-proġett tal-SNE u d-Diversità Kulturali f': http://www.european-agency.org/agency-projects/

**Cor J.W. Meijer**

Direttur
Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali

## INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport huwa taqsira tal-analiżi li saret mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni bi Ħtiġijiet Speċjali, fuq talba tar-rappreżentanti tal-pajjiżi membri fuq is-suġġett ta' Ħtiġijiet Speċjali Edukattivi u l-Immigrazzjoni. Ir-rappreżentanti tal-Agency talbu li jirċievu tagħrif minn pajjiżi differenti dwar l-effetti miġbura flimkien ta' dawn iż-żewġ aspetti. Intalbu wkoll rakkomandazzjonijiet konkreti fformulati bħala riżultat tal-analiżi.

It-terminu ħtiġijiet edukattivi speċjali (SNE) jirreferi għall-proviżjoni indirizzata lil studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN). Il-UNESCO (1994) tiddefenixxi l-SNE fil-qafas ta' edukazzjoni inklużiva bħala intervent edukattiv u sostenn iddisinjat biex jindirizza ħtiġijiet edukattivi speċjali. It-terminu beda jintuża minflok it-terminu 'edukazzjoni speċjali'.

Il-migrazzjoni hija suġġett sensittiv li jista' jintqies li għandu konnotazzjoni negattiva. Movimenti migratorji minn dejjem kienu karatteristika tas-soċjetà Ewropea – ħafna drabi minħabba raġunijiet ekonomiċi fejn iċ-ċittadini jfittxu ħajja u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar – u dan l-aħħar, tipi ġodda ta' immigrazzjoni, riżultat ta' konflitti u gwerer kienu evidenti. Madanakollu, jista' jidher li nies f'soċjetajiet Ewropej mhux dejjem jaraw il-popolazzjonijiet bi sfond kulturali differenti bħala sors ta' għana għas-soċjetà tagħhom, jew għas-sistemi ta' edukazzjoni tagħhom. Minflok, din id-differenza tidher bħala sitwazzjoni ta' sfida.

Din hija r-raġuni għalfejn organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali taw importanza lil din il-kwistjoni u ħeġġew l-awtoritajiet nazzjonali biex isostnu u jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha minkejja l-oriġini u s-sitwazzjoni kulturali tagħhom. Il-UNESCO (1994) esprimiet b'mod ċar: 'l-iskejjel għandhom jakkomodaw it-tfal kollha irrispettivament mill-kundizzjonijiet fiżiċi, intellettwali, soċjali, emozzjonali, lingwistiċi u oħrajn. Din għandha tinkludi fiha tfal b'diżabiltà jew b'ħiliet speċjali, tfal li jaħdmu jew li jgħixu fit-toroq, tfal minn popolazzjonijiet remoti jew nomadiċi, tfal minn minortajiet lingwistiċi, etniċi jew kulturali u tfal minn oqsma jew gruppi żvantaġġjati jew marġinalizzati' (p. 6).

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 2006–2015 jirrakkomanda wkoll li 'nies b'diżabiltajiet minn gruppi ta' minorità, migranti

b'diżabiltà u refuġjati jistgħu jesperjenzaw żvantaġġi multipli minħabba diskriminazzjoni jew nuqqas ta' familjarità ma' servizzi pubbliċi. L-istati membri għandhom jassiguraw li sostenn għal nies b'diżabilità jagħti każ tal-lingwi tagħhom jew tal-isfond kulturali u l-ħtiġijiet partikolari tal-grupp minoritorju li jkun' (Appendiċi 4.6, p.32).

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Dritt tal-Persuni b'Diżabiltà tgħid li nies b'diżabiltà għandhom ikunu intitolati fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għal rikonoxximent u sostenn tal-identità lingwistika u l-kultura speċifika tagħhom (Artiklu 30, 2008).

It-terminu 'immigrant' huwa definit b'mod differenti f'pajjiżi differenti. Id-differenzi jikkorrispondu ma' sitwazzjonijiet nazzjonali f'relazzjoni mal-popolazzjoni kkonċernata. Id-definizzjonijiet jikkorrispondu wkoll mal-istorja u s-sitwazzjoni politika ta' dawn il-pajjiżi. Il-pajjiżi jużaw it-terminu immigranti jew barranin skont il-post tat-twelid tal-istudenti jew il-ġenituri tagħhom, jew skont l-ewwel lingwa użata fid-dar – ximindaqqiet differenti minn dik tal-pajjiż fejn ikunu.

L-OECD (2006) u l-Eurydice (2004) jużaw it-terminu studenti immigranti meta jirreferu għal 'studenti barranin', jew 'studenti tal-ewwel ġenerazzjoni' meta l-istudenti u l-ġenituri tagħhom ikunu twieldu barra mill-pajjiż fejn ikunu. Studenti tat-tielet jew ir-raba' ġenerazzjoni jikkorrispondu ma' 'nattivi': dawn jista' jkollhom iċ-ċittadinanza tal-pajjiżi fejn ikunu residenti, ikunu twieldu fil-pajjiż fejn ikunu qegħdin jgħixu u għallinqas wieħed mill-ġenituri tagħhom kien ukoll twieled fil-pajjiż fejn ikunu qegħdin jgħixu. F'pajjiżi bi tradizzjoni twila ta' immigrazzjoni, migranti tat-tielet ġenerazzjoni jew aktar, mhumiex meqjusa bħala studenti immigranti, imma aktar bħala studenti bi sfond etniku differenti, li jappartjenu għal gruppi ta' minorità, jew ġejjin minn gruppi ta' minorità etnika.

Huwa importanti li ngħidu li l-analiżi li saret mill-Agency ma ffukatx fuq aspetti edukattivi ġenerali relatati ma' studenti minn sfond ta' immigranti, imma fuq aspetti purament edukattvi relatati ma' tfal bl-SEN u sfond ta' immigranti. L-għan ewlieni tal-analiżi kien li jinvestiga kif nistgħu nirrispondu għall-ħtiġijiet edukattivi ta' studenti bl-SEN bi sfond kulturali differenti u li f'xi każijiet jużaw lingwa differenti minn dik użata mill-pajjiż fejn ikunu, bl-aħjar mod possibbli.

Din il-konsiderazzjoni duwalistika tat importanza lil dawn l-aspetti:

a) Sa liema livell, problemi ta' lingwi, jitqiesu bħala diffikultajiet ta' tagħlim;

b) Kif inhuma assessjati l-abilitajiet u l-ħtiġijiet ta' studenti bi sfond ta' immigrant;

c) Kif insostnu lill-għalliema u lill-familji bl-aħjar mod possibbli.

Għall-għan tal-analiżi, il-grupp ta' Esperti tal-Proġett nominati identifikaw il-karatteristiċi tal-grupp fil-mira tal-proġett bħala studenti:

- B'kull tip ta' diżabilità/ħtiġijiet speċjali;

- Min huma l-'immigranti' fis-sens ta':

    i) ikunu migranti tal-ewwel, it-tieni u t-tielet ġenerazzjoni;

    ii) li jużaw lingwa differenti jew forsi lingwa simili għal dik tal-pajjiż fejn ikunu residenti;

    iii) bin-nazzjonalità jew mingħajr nazzjonalità tal-pajjiż fejn ikunu;

    iv) b'edukazzjoni/jew b'edukazzjoni baxxa u/jew sfond ekonomiku meta mqabbel mal-pajjiż fejn ikunu;

- Li għandhom sfond kulturali differenti minn dak tal-pajjiż fejn ikunu.

Fl-analiżi nħasset dejjem aktar il-ħtieġa li jiġi kkjarifikat it-terminu 'immigrant'. Definizzjoni ta' dan it-tip riedet tagħti każ il-popolazzjoni tal-iskola kollha kkonċernata, jiġifieri, studenti li jkunu għadhom kif waslu (li jikkorrispondu mat-terminu ta' 'immigranti') u dawk l-istudenti li huma ċittadini tal-pajjiz, imma li jappartjenu għal gruppi ta' minoritajiet etniċi. Għalhekk il-grupp fil-mira għall-analiżi qies studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali li huma immigranti, jew li jappartjenu għal gruppi etniċi ta' minorità. It-terminu sfond ta' immigrant użat fid-dokument ikopri l-grupp definit fil-mira.

Minkejja d-differenzi fost il-pajjiżi, l-analiżi ppruvat tiġbed l-attenzjoni għal ħames oqsma ewlenin. Dawn l-oqsma kienu identifikati bħala ċentrali għall-ġbir ta' informazzjoni u l-analiżi prattika sussekwenti dwar l-edukazzjoni għal studenti b'karatteristiċi kumbinati ta' SEN u sfond ta' immigrant:

1. Il-popolazzjoni fil-mira, kif definita fil-livell ta' pajjiż;

2. Id-data eżistenti fil-livell lokali (u/jew nazzjonali);

3. Il-proviżjoni edukattiva offruta lill-istudenti u lill-familji;

4. Miżuri ta' sostenn;

5. Għodod ta' assessjar użati biex inizjalment jiġu identifikati l-ħtiġijiet u l-abiltajiet tal-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u bi sfond ta' immigrant.

In-nuqqas ta' data eżistenti f'relazzjoni mas-suġġett kienet sfida importanti li kellha tiġi indirizzata waqt l-analiżi. Wieħed jista' jgħid li l-qagħda ta' data jew nuqqas tagħha hija riżultat pożittiv u konsegwenza ta' policies mhux-diskriminatorji implimentati fis-sistemi edukattivi tal-pajjiżi.

Jinħass li l-proġett tal-Agency irriżulta fil-ġbir ta' informazzjoni li twassal għal aktar riflessjoni partikolari tar-realtà, li hija deskritta fil-kapitli li ġejjin.

L-analiżi kollha tal-proġett hija r-riżultat ta' proċess li kien jinvolvi fih diversi passi:

- Sinteżi ta' studenti u riżultati ppubblikati minn riċerka fuq is-suġġett inkwistjoni, li jagħtu każ il-ħames oqsma ewlenin li wieħed isib hawn fuq. Kaptilu 1 jippreżenta din il-ħarsa ġenerali tal-letteratura ewlenija.

- Kien imħejji kwestjonarju flimkien mal-esperti tal-proġett biex b'hekk huma jiġbru l-informazzjoni essenzjali mil-livell lokali, li jirrelata mal-ħames oqsma mniżżla hawn fuq. Kwestjonarju estiż biex jiġbor l-informazzjoni fil-livell nazzjonali kien ippreparat bħala xogħol opzjonali. Rapporti ta' pajjiżi fil-livell lokali/nazzjonali kienu mħejjija fil-fażi ta' abbozz mill-esperti li użaw is-sejbiet tal-kwestjonarji. Dawn ir-rapporti mbagħad intużaw bħala l-bażi għas-sinteżi globali ppreżentata f'kapitlu 2.

- Il-ħames oqsma ewlenin tal-kwestjonarju jikkostitwixxu wkoll il-bażi għal analiżi prattika li saret fil-proġett. Ingħażlu sitt lokalitajiet biex jeżaminaw kif l-edukazzjoni hija implimentata fil-pajjiżi bi tradizzjoni ta' immigrazzjoni twila, jew ma' studenti li għadhom kif jaslu. Ir-riżultati ta' din l-analiżi prattika huma ppreżentati f'kapitlu 3.

- Is-sejbiet mir-riċerka, ir-rapporti tal-pajjiżi u l-eżempji tal-prattika, kienu mqassra mit-team tal-proġett tal-Agency u mbagħad kienu ċ-ċentru tad-diskussjoni flimkien mal-esperti tal-grupp tal-proġett. Il-proposti, kif ukoll il-konklużjonijiet ewlenin minn din ir-riflessjoni flimkien huma ppreżentati f'kapitlu 4: Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet.

# 1. ELEMENTI TA' TEORIJA MIR-RIĊERKA

## 1.1 L-aħħar żviluppi fil-livell Ewropew

L-għan ta' dan il-kapitlu huwa li jagħti fil-qosor l-elementi ewlenin li ngħataw importanza f'għadd ta' studji Ewropej, analiżijiet u studji ta' riċerka fuq l-edukazzjoni ta' studenti bi ħtiġijiet speċjali (SEN) u bi sfond ta' immigrant billi ffukaw fuq il-ħames oqsma li diġà tkellimna dwarhom fl-introduzzjoni (definizzjoni, data, proviżjoni edukattiva, miżuri ta' sostenn u proċeduri ta' assessjar). Lista ta' referenzi dwar id-dokumenti eżistenti Ewropej, internazzjonali u nazzjonali, li ngħataw każhom f'din l-analiżi tista' tinkiseb mill-web area tal-Agency li hija ddedikata għall-proġett tematiku: www.european-agency.org/agency-projects

Il-metodoloġija użata f'dan l-istudju tal-letteratura kienet li b'mod sistematiku jirriċerka databases (bħal ERIC, EBSCO Academic Search Elite, Google Scholar, Libris, eċċ.) u pubblikazzjonijiet mitbugħa li jsemmu, jew jiffukaw fuq edukazzjoni ta' studenti b'SEN u sfond ta' immigrant. Minħabba l-użu dejjem jiżdied ta' informazzjoni u teknoloġiji ta' komunikazzjoni għat-tixrid tal-informazzjoni, saret riċerka estensiva fuq l-internet, biex jiġu identifikati websites relevanti, astratti online, rapporti u dissertazzjonijiet li jistudjaw jew jirreferu għar-rabta bejn studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant.

Għall-għan ta' din l-analiżi, ir-riċerka ffukat primarjament fuq ir-riżultati minn riċerka u xogħol li sar fl-Ewropa, għaliex din l-area ġeografika kienet il-pern tal-proġett tal-Agency. Madankollu, xogħol importanti sar ukoll barra l-Ewropa u ngħatat importanza lis-sehem interessanti minn sorsi Amerikani u Kanadiżi (eż. AMEIPH, 1998 u 2001; National research Council, Committee on Minority Representation in Special Education, 2002; Losen and Orfield, 2002).

Barra analiżijiet li saru minn individwi, jew għal skop nazzjonali jew lokali, ingħatat attenzjoni għal stħarriġiet u rapporti ppubblikati minn istituzzjonijiet f'iffukar Ewropew, bħall-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ kontra r-Razziżmu u x-Xenofobija (issa l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali), Eurydice, jew bi sferi ġeografiċi akbar, bħall-organizzazzjoni għal-Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (OECD) jew l-Organizzazzjoni Kulturali, Edukattiva u Xjentifika tan-Nazzjonijiet Uniti (UNESCO).

Is-sejbiet u r-riċerka sa 15-il sena ilu ttieħdu inkonsiderazzjoni: din l-iskala fuq żmien fit-tul dehret li hija neċessarja minħabba l-livell għoli ħafna ta' speċifiċità tas-suġġett ikkunsidrat, u l-eżistenza limitata tal-letteratura fuq dan is-suġġett.

Qabel nidħlu fid-dettall fuq is-sejbiet ewlenin fl-analiżi ta' xogħol li sar qabel li huwa relatat mal-ħames oqsma ewlenin definiti għall-proġett tal-Agency, huwa importanti li wieħed jagħti idea dwar il-fatturi importanti li jipprovdu l-kuntest għall-analiżi.

Ħafna pajjiżi Ewropej qegħdin jesperjenzaw il-wasla ta' immigrazzjoni sinifikanti u għal xi pajjiżi, din ix-xejra qiegħda ssir fi sfond ta' tradizzjoni twila. Għal xi pajjiżi oħra, l-immigrazzjoni hija fenomenu ġdid; f'xi partijiet tal-Ewropa fejn qabel l-emigrazzjoni kienet predominanti, pajjiżi oħra llum qegħdin jaraw l-popolazzjonijiet barranin jissetiljaw 'il ġewwa mill-fruntieri tagħhom. Studju riċenti tal-OECD fuq il-migrazzjoni (2006) juri li l-immigrazzjoni 'hemm iċ-ċans' li tibqa' għolja u anke tiżdied fil-pajjiżi Ewropej. Dawn il-bidliet demografiċi ta' karatteristiċi varji immodifikaw l-identità tal-popolazzjoni Ewropea: is-soċjetà Ewropea qiegħda ssir aktar multikulturali.

Din id-diversità hija riflessa fil-popolazzjoni kurrenti tal-iskola fl-Ewropa. L-iskejjel qegħdin ikollhom studenti b'oriġini etnika differenti, li joriġinaw minn pajjiż li huwa differenti minn dak tal-pajjiż fejn qegħdin joqogħdu, jew kellhom ġenituri li kienu twieldu barra. Għandhom kultura u xi mindaqqiet lingwa differenti minn dawk tal-pajjiż fejn jgħixu u fejn jieħdu l-edukazzjoni tagħhom.

Is-sistemi edukattivi u l-leġiżlazzjoni għandhom rwol li jsostnu l-integrazzjoni tal-popolazzjoni bi sfond ta' immigrant fis-soċjetà li jkunu fiha. Il-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-migrazzjoni (2008) tgħid li: 'il-preżenza ta' għadd sinifikanti ta' studenti migranti għandha implikazzjonijiet importanti għas-sistemi edukattivi. L-iskejjel iridu jaġġustaw għall-preżenza tagħhom u jdaħħlu l-ħtiġijiet partikolari tagħhom fil-fokus tradizzjonali, fil-proveddiment ta' edukazzjoni ekwitabbli u ta' kwalità għolja … L-iskejjel għandu jkollhom rwol ewlieni għal żgħażagħ ta' komunitajiet migranti u li jilqgħu nies ta' dan it-tip fihom biex jibdew isiru jafu u jirrispettaw lil xulxin … Id-diversità lingwistika u kulturali tista' ġġib riżorsa ta' valur kbir fl-iskejjel' (p. 3). Li tiġi indirizzata din il-popolazzjoni ġdida u li jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti bi sfond ta'

immigrant fl-iskola hija problema ewlenija għall-policy-makers u sfida importanti li s-sistemi tal-edukazzjoni qegħdin jippruvaw jaffaċċjaw mal-Ewropa kollha.

Fil-qasam ta' edukazzjoni għal dawk bi ħtiġijiet speċjali, il-prattikanti, ir-riċerkaturi u min jieħu d-deċiżjonijiet fil-livell tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali wrew interess dejjem jikber fis-sitwazzjoni ta' studenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant. Madanakollu, minkejja l-fatt li l-pajjiżi kollha Ewropej juru tħassib biex jaġġustaw il-policies edukattivi u l-prattika biex jieħdu inkonsiderazzjoni l-identità multikulturali ġdida tal-popolazzjoni tal-iskola, l-ebda studju fuq skala kbira ma saret biex tanalizza l-impatt ta' din il-bidla għal edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali fl-Ewropa.

Il-proġett tematiku li sar mill-Agency huwa l-ewwel inizjattiva li ppruvat tanalizza s-sitwazzjoni tal-istudenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant fl-iskejjel fl-Ewropa.

Tagħrif minn letteratura eżistenti f'dan il-qasam juri li xi studji Ewropej saru u ffukaw jew fuq l-aspett ta' edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali (eż. Meijer, Soriano u Watkins, 2003, 2006; OECD, 2004) jew fuq il-kwistjoni tal-edukazzjoni ta' żgħażagħ bi sfond ta' immigrant (eż. Eurydice, 2004; OECD, 2006). Madanakollu, l-ebda analiżi ma ffukat fuq il-kumbinazzjoni taż-żewġ aspetti bi skop Ewropew.

L-uniċi referenzi li nstabu li jirrelataw max-xogħol li sar fil-livell Ewropew fuq l-għaqda ta' dawn iż-żewġ oqsma huma: proġett Comenius Action 2 (intitolat proġett 'Żvilupp ta' Kondizzzjonijeit għal Tfal b'Diżabiltà ta' Gypsies u Ħaddiema Migranti – il-Proġett SEN') li sar bejn l-1996 u l-1998 u li kien jinvolvi disa' pajjiżi; proġett Comenius Action 2 (intitolat 'Materjal ta' Tagħlim għal studenti b'diżabiltà u sfond ta' immigrant') li sar mill-1999 sa 2001 u li kien jinvolvi tliet pajjiżi u l-Konferenza Ewropea fuq Tfal Migranti bi Ħtiġijiet Għal Edukazzjoni Speċjali, li saret f'Copenhagen nhar is-7 u t-8 ta' Ġunju 1999.

B'dan kollu ġo moħħna, ikun għal kollox ħażin li nikkonkludu li l-ebda riċerka ma saret fl-Ewropa li eżaminat l-iżvantaġġi edukattivi potenzjalment doppji li jaffaċċjaw l-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant. Xi analiżijiet u studji relevanti fir-realtà saru, imma dawn huma limitati għal iffukar lokali jew nazzjonali.

Il-bqija ta' dan il-kapitlu titkellem dwar is-sejbiet ewlenin li nistgħu nenfasizzaw billi neżaminaw dawn il-biċċiet ta' xogħol. Irid jingħad

b'saħħa li l-analiżi intenzjonalment iffukat fuq xogħol li kien jindirizza l-aspett tat-teħid flimkien ta' dawn iż-żewġ aspetti tal-immigrazzjoni u edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali. Għalhekk, għalkemm ta' interess għal dan il-proġett, l-ammont massiv ta' riċerka li saret u kienet ippubblikata fuq il-qagħda tal-istudenti bi sfond ta' immigrant fl-iskola kienet studjata sew anke meta din ma indirizzatx ukoll il-kwistjoni ta' edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali.

Qabel nidħlu fid-dettall fuq is-sejbiet komuni mix-xogħol ippubblikat għall-iskop tal-proġett tal-Agency (sezzjoni 1.3), se niddeskrivu (sezzjoni 1.2) aspetti fejn hemm kontroversja, kif ukoll mistoqsijiet li fuqhom ġew identifikati riżultati-mira u approċji differenti fil-letteratura. Fiż-żewġ sezzjonijiet li jsegwu s-sejbiet kollha huma deskritti fil-linja tal-ħames oqsma ewlenin identifikati għall-analiżi tal-proġett.

## 1.2 Kontroversji u dibattiti

### *1.2.1 Popolazzjoni fil-mira*

M'hemm l-ebda qbil Ewropew fuq it-terminoloġija użata biex jiġu identifikati studenti bi sfond ta' immigrant. Xi analiżijiet jużaw it-terminu 'minorità etnika' jew 'gruppi ta' minorità etnika' (UNESCO, 1994; SIOS, 2004; Lindsay, Pather and Strand, 2006; Rosenqvist, 2007) filwaqt li oħrajn jużaw it-termini 'migranti' (OECD, 2007; European Commission, 2008), 'immigranti' (OECD, 2006; Eurydice, 2004), 'studenti bilingwi' jew 'gruppi ta' minorità' (Kunsill tal-Ewropa, 2006). Bħalissa fl-Ewropa, il-biċċa l-kbira tat-tfal jitwieldu fil-pajjiż tar-residenza u tal-iskola. Madanakollu, f'oqsma lokalizzati ħdejn il-fruntieri Ewropej, immigranti tranżjenti (li jista' jkun li ma jkollhomx l-intenzjoni li jibqgħu f'pajjiż Ewropew li huwa l-ewwel art fejn ikunu spiċċaw, għalkemm jistgħu wkoll joqogħdu hemm għal żmien twil) huma realtà li qiegħda tikber. Għalhekk, l-użu ta' termini relatati ma' xi forom ta' 'migrazzjoni' jistgħu jkunu problematiċi.

Din id-diversità fin-nuqqas ta' qbil fuq it-terminoloġija użata, tirrifletti approċji differenti – fil-livell ta' politika u prattika – għall-fenomenu tal-migrazzjoni li l-pajjiżi Ewropej fittxew li jsegwu. Dawn id-differenzi jirriflettu wkoll l-isfond storiku distint ta' kull pajjiż. L-għan ta' din l-analiżi ma kienx li jiġu esplorati d-differenzi li jeżistu fil-livell ta' definizzjonijiet. Minflok, l-iffukar kien fuq kif wieħed jilħaq il-ħtiġijiet edukattivi ta' studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant.

### *1.2.2 Data eżistenti*

Il-proġett tal-ħarsa mill-ġdid lejn il-letteratura wera li preżentement huwa impossibbli li jkollok stampa globali u komparabbli tan-numru ta' studenti bi sfond ta' immigrant bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali fl-Ewropa. L-istudji wrew li huwa kważi impossibbli li jkollna statistika ta' pajjiżi dwar il-migrazzjoni fil-livell internazzjonali, għaliex is-sistemi nazzjonali tal-istatistika m'humiex armonizzati ma' xuxlin.

Kif Poulain, Perrin and Singleton (2006) juru: 'huwa fatt magħruf li d-data tal-migrazzjoni mhijiex faċli li tinġabar u li s-sistemi tal-ġbir tad-data, kif ukoll id-definizzjonijiet użati biex jiddefinixxu eventi ta' migrazzjoni fil-pajjiż jvarjaw sinifikatament' (p. 77). Huma jkomplu jgħidu: '… Min-naħa tal-istatistika, ma kien adottat l-ebda indikatur approprijat fil-livell internazzjonali biex jgħodd il-popolazzjoni bi sfond ta' barrani jew immigrazzjoni … Data li tista' tintqies bħala li tista' toqgħod fuqha mhijiex neċessarjament komparabbli fil-livell tal-Unjoni Ewropea, minħabba l-varjetà tas-sorsi tad-data, definizzjoni u kunċetti użati' (p. 373).

Skond Fassmann (f'Pflegerl, 2004) bħalissa – u f'kuntrast mal-1950ijiet – l-immigrazzjoni tikkonċerna wisq aktar nies minn sempliċiment popolazzjoni żgħira. L-istatistika li tiffoka fuq kif timxi l-immigrazzjoni trid tiġi ttrattata b'kawtela għaliex l-estent veru tal-immigrazzjoni ħafna drabi jiġi stmat inqas milli hu. Fassman qal li fl-2002 il-migrazzjoni pożittiva netta tal-Unjoni Ewropea kienet ogħla milli fl-Istati Uniti tal-Amerka, għalkemm l-Istati Unit ital-Amerka ħafna drabi hija meqjusa bħala l-pajjiż ewlieni tal-migrazzjoni.

L-analiżi li saret mill-Agency ippruvat tistabbilixxi stampa tal-qagħda reali. Data, fil-qofol tagħha mil-livell lokali, hija ppreżentati f'kapitlu 2.

### *1.2.3 Miżuri edukattivi*

Insibu diversi opinjonijiet dwar strateġiji differenti biex tintjieb il-kwalità ta' edukazzjoni pprovduta għall-istudenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant.

Il-kontroversja ewlenija li tidher fir-riċerka analizzata għal dan l-istudju tikkonċerna l-pajjiż u r-rwol tal-ilsien matern tal-istudent fl-iskola. M'hemmx qbil sħiħ dwar l-użu tal-ilsien tal-omm tal-istudenti fl-iskola: filwaqt li xi riċerkaturi huma favur edukazzjoni bilingwi, oħrajn jargumentaw li l-istudenti għandhom jużaw biss il-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu fl-iskola (u ximindaqqiet anke fil-familja).

Bl-istess mod, l-użu tal-ilsien matern tal-istudent fl-iskola jista' jidher bħala sostenn għall-istudent, imma jista' wkoll jippreżenta riskju li jeskludi l-istudenti li jitkellmu l-istess lingwa barranija mill-grupp li jitkellem il-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu. L-approċju plurilingwistiku għall-istudenti kollha (Candelier, 2003; Perregaux, de Goumoëns, Jeannot and de Pietro, 2003) huwa mod didattiku u soċjali ġdid biex jingħataw rikonoxximent il-lingwi kollha u biex it-tfal kollha jinfetħu għad-diversità.

Dibattitu ieħor fil-letteratura fuq is-suġġett jiffoka fuq il-profili tal-professjonisti. Xi riċerka tikkonkludi li mhuwiex neċessarju għall-professjonisti li jkunu jafu ħafna dwar l-istudenti u l-isfond kulturali tal-familja għal skop ta' interazzjoni tajba magħhom: 'Wieħed m'għandux għalfejn ikun jaf kollox fuq l-isfond kulturali tal-persuna biex joħloq laqgħa tajba u b'hekk ix-xogħol isir tajjeb … Wieħed m'għandux għalfejn ikun espert fuq il-'kultura' jew lingwi differenti. Imma wieħed għandu jiltaqa' ma' persuna u "l-kultura" tiegħu/ha inkondizzjonalment … dak li huwa tal-aktar importanza hu dak li n-nies jaqsmu bejniethom, dak li hu l-istess għal kulħadd' (SIOS, 2004, p. 64).

F'kuntrast, dokumenti oħra jsostnu li l-intervent minn professjonisti li jkollhom l-istess sfond etniku bħall-istudent jew l-familja: 'Tfal bilingwi għandhom jiġu ttrattati b'mod esklussiv – jekk mhux bilfors bħala professjonisti bilingwi u/jew bikulturali għallinqas – b'ħaddiema b'għarfien wiesa' tax-xejriet ewlenin tal-isfond kulturali u tal-lingwa tat-tfal' (Rapport mill-Konferenza Ewropea fuq Tfal Migranti bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali li nżammet f'Copenhagen f'Ġunju 1999, p. 7).

Leman (1991) isemmi l-preżenza ta' għalliema mill-kommunità tal-immigranti bħala fattur interkulturali importanti: dawn l-għalliema jista' jkollhom funzjoni ta' għaqda u lingwa mal-kommunità tal-oriġini. Verkuyten and Brug (2003) jagħrfu wkoll li għalliema bi sfond etniku differenti jistgħu jġibu perspettiva addizzjonali lill-iskola u jistgħu jiffunzjonaw bħala mudelli ta' rwol.

Minkejja dawn id-differenzi, il-letteratura Ewropea fuq il-qagħda edukattiva tal-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant turi għadd ta' sejbiet u konklużjonijiet komuni. Dawn huma preżenti fis-sezzjoni li jmiss.

## 1.3 Sejbiet ewlenin komuni mix-xogħol ta’ riċerka analizzata

### *1.3.1 Data eżistenti*

L-ewwel element li fuqu r-riċerka u l-istudji analizzati jikkonverġu huwa l-fatt li hemm diskrepanza fil-proporzjonijiet li studenti bi sfond ta’ immigrant huma rrappreżentati fl-edukazzjoni speċjali. Xi xogħol ta’ riċerka lokali u nazzjonali (Leman, 1991; Manço, 2001; Henriot, 1996; Lindsay, Pather and Strand, 2006; Werning, Löser and Urban, 2008) juru li hemm preġudizzju sinifikanti fl-assessjar ta’ studenti bi sfond ta’ immigrant li jwassal biex jkunu jew irrappreżentati żżejjed jew in-nieqes fl-edukazzjoni speċjali. Stħarriġiet internazzjonali jikkonfirmaw l-istess xejra li ‘gruppi ta’ immigranti u ta’ minorità huma strimjati b’mod sproporzjonat f’istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni speċjali’ (OECD, 2007, p. 156).

Kif wera ċ-Ċentru tal-Minitoraġġ Ewropew fuq ir-Razziżmu u x-Xenofobija, ‘f’xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, rappreżentazzjoni aktar milli suppost ta’ studenti migranti jew ta’ minorità etnika fl-iskejjel għal edukazzjoni speċjali hija komuni … Jekk wieħed jassumi li t-tqassim tal-istudenti b’diżabilità hija l-istess fost il-gruppi etniċi kollha, rappreżentazzjoni aktar milli suppost ta’ studenti ta’ minorità u migranti f’dawn il-klassijiet tindika li proporzjoni minn dawn l-istudenti huma assenjati b’mod żbaljat fi klassijiet bħal dawn’ (Ċentru tal-Minitoraġġ Ewropew fuq ir-Razziżmu, 2004, p. 28). Studji li saru l-Istati Uniti tal-Amerka juru din l-istess tendenza. Kif jgħidu Losen u Orfield (2002), ‘prattiċi mhux f’posthom fi klassijiet kemm ġenerali kif ukoll speċjali wasslu għal rappreżentazzjoni aktar milli suppost, klassifikazzjoni ħażina, u tbatija għal studenti ta’ minorità, partikolarment tfal suwed’ (p. xv).

Sproporjonar fir-rappreżentazzjoni ta’ studenti bi sfond ta’ immigrant fl-edukazzjoni speċjali jsiru fil-biċċa l-kbira tagħhom meta l-aktar ikunu involuti diżabilitajiet intellettwali u diżabilitajiet fit-tagħlim. Ir-raġunijiet possibbli għal dawn id-disproporzjonijiet li wieħed isib fil-letteratura huma: aktar problemi ta’ mġiba soċjali frekwenti fost il-popolazzjoni tal-immigranti u l-gruppi ta’ minoritajiet etniċi; in-nuqqas ta’ intervent bikri jew ħarsien tas-saħħa fost dawn il-gruppi; l-eżistenza ta’ preġudizzji fil-pajjiż fejn ikunu fuq nies bi sfond ta’ immigrant; u fl-aħħar, problemi meta jsir l-assessjar tal-ħtiġijiet u l-abilitajiet tal-istudenti bi sfond ta’ immigrant.

Li wieħed jiddistingwi diffikultajiet fit-tagħlim minn diffikultajiet fil-lingwa jibqgħu sfida. Per eżempju, 'ir-rappreżentazzjoni inqas milli suppost tal-gruppi Ażjatiċi kollha u ta' studenti Ċiniżi għal Diffikultajiet f'Tagħlim Speċifiku u l-Autistic Spectrum Disorder tista' tissuġġerixxi li xi mindaqqiet hemm problemi li jiddistingwu diffikultajiet fit-tagħlim minn aspetti assoċjati mal-Ingliż bħala Lingwa Addizzjonali' (Lindsay, Pather and Strand, 2006, p. 117). Barra minn hekk kif jistqarr Salameh (2003; 2006), 'il-bilingwiżmu qatt ma jikkawża ħsara fil-lingwa. Tifel bilingwi b'diżabilità jkollu xi ħaġa ħażina fiż-żewġ lingwi: l-ilsien matern u l-ilsien tal-pajjiż fejn ikun'.

Ir-riċerka wkoll turi l-fatt li l-faqar għandu impatt qawwi fuq il-post tal-istudenti f'edukazzjoni speċjali. F'relazzjoni mal-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi baxxi li xi immigranti u minoritajiet etniċi jgħixu fihom, jistgħu jwasslu għal problemi ta' saħħa li jaffettwaw l-iżvilupp ta' studenti bħal dawn. Il-faqar għalhekk huwa fattur ta' riskju għal xi ħtieġa ta' edukazzjoni speċjali li jista' jkun hemm bżonn aktar tard. Din hija l-bażi tat-teorija tad-deprivazzjoni soċjo-ekonomika, li ssostni li studenti bi sfond ta' immigrant jaffaċċjaw l-istess problemi bħal studenti tal-post bi status soċjo-ekonomiku simili (Nicaise, 2007).

Wieħed jista' jasal biex jgħid li r-rappreżentazzjoni disproporzjonata ta' studenti bi sfond ta' immigrant f'edukazzjoni speċjali tista' tiġi spjegata bil-fatt li r-rappreżentazzjoni ta' minoritajiet etniċi hija ikbar fil-livelli soċjo-ekonomiċi aktar 'l isfel tas-soċjetà Ewropea. Kif Werning, Löser and Urban (2008) isostnu, 'is-sitwazzjoni ta' tfal u l-familji tagħhom minn sfond ta' immigrant tista' tiġi mifhuma bħala esklużjoni multisistematika. L-esklużjoni tal-familji miċ-ċittadinanza u l-marġinalizzazzjoni tagħhom fil-possibiltajiet li jipparteċipaw fis-sistema ekonomika u l-aċċess tagħhom fis-suq tax-xogħol huma marbuta ma' restrizzjonijiet kbar fil-potenzjal tat-tfal għas-suċċess edukattiv' (p. 51).

Madanakollu, sitwazzjonijiet bħal dawn, għandhom jiġu analizzati bir-reqqa, kif sostnew Lindsay, Pather and Strand (2006): 'L-iżvantaġġ soċjo-ekonomiku (faqar) u l-ġeneru (gender) għandhom assoċjazzjo-nijiet aktar qawwija milli għandha l-etniċità fejn tidħol l-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali u ċerti kategoriji ta' din l-istess edukazzjoni. Madanakollu, wara l-ikkontrollar għall-effetti tal-iżvantaġġi soċjo-ekonomiċi, ta' ġeneru u tal-grupp tas-sena, meta studenti ta' gruppi etniċi ta' minorità jiġu mqabbla ma' studenti Brittaniċi, dawn ikunu

rappreżentanti b'mod sinifikanti ħafna aktar 'il fuq jew 'l isfel min-norma' (p. 3).

Ir-rappreżentazzjoni diżproporzjonata ta' studenti bi sfond ta' immigrant fi skejjel speċjali tista' tindika li f'xi każijiet l-edukazzjoni mainstream falliet milli tlaħħaq mal-ħtiġijiet ta' dawn l-istudenti. Dan wassal lir-riċerkaturi biex jikkwestjonjaw il-kwalità tal-edukazzjoni mogħtija lill-istudenti bi sfond ta' immigrant fis-sistema tal-iskola, bi skrutinju partikolari fil-letteratura li jiġi ffukata fuq żewġ aspetti: fuq naħa waħda, eżerċizzji ta' referral u assessjar, u fuq in-naħa l-oħra metodi ta' tagħlim imwettqa ma' studenti bi sfond ta' immigrant.

Analiżijiet li saru minn pajjiżi Ewropej differenti fuq is-suġġett identifikaw aspett importanti ieħor; nies individwali bl-SEN kif ukoll nies individwali bi sfond ta' immigrant huma t-tnejn meqjusa minn nies oħra (ħaddiema soċjali, professjonisti tal-iskejjel, studenti oħra, eċċ.) bħala rappreżentattivi tal-gruppi tagħhom. Fi kliem ieħor, jidher li hemm it-tendenza għall-ikkategorizzar u l-ittrattar ta' dawn l-istudenti bi sfond ta' immigrant u studenti bl-SEN fuq il-bażi ta' prikonċezzjonijiet dwar il-'gruppi' li jappartjenu għalihom. Dawn il-prikonċezzjonijiet jaħbu l-persuna vera, għaliex l-istudent individwali jsir simbolu ta' grupp kollettiv u l-grupp ikun assoċjat mal-ħarsien u s-sostenn (fil-każ ta' nies bl-SEN) jew mal-kultura u r-reliġjon (fil-każ ta' immigranti u minoritajiet etniċi). Din it-tendenza hija ta' min jistmerra, għax kif nafu n-nies mhumiex rappreżentanti ta' kultura sħiħa jew ta' grupp sħiħ. Kategorizzazzjonijiet u prikonċezzjonijiet dwar il-'grupp' joskuraw il-persuna reali li tkun u tagħmlu/tagħmilha insinifikanti; jokkorri proċess ta' marġinalizzazzjoni (SIOS, 2004).

### *1.3.2 Il-Proviżjoni Edukattiva*

Riċerka analizzata u pubblikazzjonijiet fuq is-suġġett jissuġġerixxu wkoll li r-rappreżentazzjoni diżproporzjonata ta' studenti bi sfond ta' immigrant fl-edukazzjoni speċjali tista' tirrifletti l-fatt li l-pedagoġija u l-metodi tat-tagħlim applikati fil-klassijiet mainstream ifallu milli jindirizzaw il-ħtiġijiet edukattiv ta' dan il-grupp speċifiku.

Il-letteratura fuq il-qagħda ta' dawn l-istudenti bl-SEN u l-isfond ta' immigrant tissuġġerixxi li l-għalliema ma jirrealizzawx kemm it-tagħlim tagħhom għandu għeruq fondi fil-kultura tagħhom. Fil-verità, metodi ta' tagħlim u l-attitudnijiet tal-istudenti jvarjaw ħafna skont il-kulturi. F'xi soċjetajiet, huwa normali li studenti jitgħallmu billi jinteraġixxu mal-għalliema, filwaqt li f'kulturi oħra, it-tfal mhumiex

suppost li jitkellmu direttament mal-adulti, imma jitgħallmu billi jisimgħu lill-adulti jitkellmu bejniethom. Għalhekk, l-għalliema għandhom jispjegaw – kemm jista' jkun – l-isfond kulturali għat-tagħlim tagħhom u jiċċaraw dak li jkun mistenni mill-istudenti minflok ikollhom it-tendenza li jnaqqsu l-kumplessità tal-ħidmiet mogħtija lill-istudenti bi sfond ta' immigrant (b'mod speċjali meta ma jkunux kelliema nattivi tal-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu), l-għalliema għandhom jaraw li jżidu l-familjarità tal-istudenti bi sfond ta' immigrant mal-attivitajiet li jsiru fil-klassi (Rapport mill-Konferenza Ewropea fuq Tfal Migranti bi Ħtiġijiet ta' Edukazzjoni Speċjali, Copenhagen, Ġunju 1999).

*1.3.3 Miżuri ta' Sostenn*

Il-letteratura ddedikata għall-edukazzjoni ta' studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant tenfasizza wkoll l-importanza tar-rwol tal-familji. Analiżijiet juru li familji ta' studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant ġeneralment ma jużawx is-servizzi ta' sostenn kemm hemm bżonn. L-aktar raġunijiet mogħtija għal dan, fost oħrajn insibu: il-familja tal-istudent ma titkellimx il-lingwa tal-post fejn ikunu; il-familja tal-istudent ma tifhimx is-sistema u s-servizzi offruti għal din il-popolazzjoni tajjeb biżżejjed, jew ma humiex familjari ma' dawn it-tipi ta' servizzi fil-pajjiż tal-oriġini; il-familja tal-istudent/a tibża' li titkeċċa mill-pajjiż tar-residenza jekk tagħmel 'talbiet eċċessivi'.

Għalhekk, li tipprovdi informazzjoni komprensiva lill-familji ta' studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant hija kruċjali. L-informazzjoni għandu jkollha l-għan li tassigura li l-ġenituri jifhmu kif il-pajjiż tar-residenza jqis l-ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali u s-sistema tal-edukazzjoni u l-approċju edukattiv fil-pajjiż tar-residenza. Sa mill-bidu, informazzjoni ċara, aċċessibbli u diretta għandha tipi pprovduta lill-familji. Jekk ikun hemm bżonn, din għandha ssir permezz ta' interpretu jew membru tal-istaff li jitkellem il-lingwa tal-familja; l-użu ta' tipi differenti ta' materjal (ritratti dwar l-attivitajiet tal-istudenti, eċċ) jista' wkoll biex tgħaddi informazzjoni bejn l-iskola u l-familja tal-istudent/a mingħajr wisq problemi. Gruppi ta' diskussjoni fost il-familji huma wkoll prattika tajba u jippreżentaw il-vantaġġ li joħolqu rabta bejn il-ġenituri u li jeħilsu mill-iżolazzjoni tal-familji ta' studenti b'SEN u sfond ta' immigrant.

Ir-riċerka tissuġġerixxi li l-mixja tal-informazzjoni m'għandhiex issir biss f'direzzjoni waħda jiġifieri mill-iskola għall-familja. Il-familji

għandhom ukoll jipprovdu lill-iskejjel informazzjoni fuq it-tifel/tifla tagħhom u jistgħu jiġu kkonsultati u involuti fid-deċiżjonijiet li jittieħdu dwar it-tifel/tifla tagħhom. Kif jidher fil-Konferenza Ewropea fuq Tfal Migranti bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali li saret f'Copenhagen f'Ġunju 1999, 'edukazzjoni ta' suċċess ta' student/a bi sfond ta' minorità etnika tiddependi fuq ħafna kooperazzjoni, konsultazzjoni u għarfien mutwu bejn il-ġenituri u l-għalliema. Il-professjoni tal-għalliema għandha tiġi dimitoloġizzata u l-ġenituri għandu jkollhom aċċess għal deċiżjonijiet li jittieħdu fl-iskola minn isfel għal fuq' (Rapport tal-Konferenza, p. 15).

Fuq kollox, il-familji għandhom ikunu involuti mal-partijiet l-oħra. Studju fuq dan is-suġġett insista li l-familja kollha għandha tittieħed inkonsiderazzjoni mill-iskejjel, mhux il-ġentiuri biss, imma anke l-aħwa kif ukoll in-nanniet u l-familja estiża. Xi analiżijiet juru wkoll li, partikolarment fil-kuntest ta' familji bi sfond ta' immigrant, li jkollhom tifel/tifla bl-SEN għandhom impatt qawwi fuq l-istruttura tal-familja; xi mindaqqiet twassal għal bidliet fir-rwoli rispettivi tal-membri tal-familja (SIOS, 2004).

Ir-rwol tal-professjonisti huwa fil-qosor li jassigura interazzjoni tajba mal-familji u li jevita konfronti kulturali. Kif intqal minn Moro (2005): 'għal tfal ta' immigranti kull … teknika li ma tiħux inkonsiderazzjoni s-singularità kulturali tagħhom twassal biss biex tikkontribwixxi għar-rabta li teżisti bejn iż-żewġ dinjiet referenzjali tagħhom. B'dan il-mod aħna nkunu qegħdin nikkontribwixxu għall-esklużjoni de facto tagħhom mis-soċjetà li tkun qiegħda tirċevihom, għall-marġinalizzazzjoni tagħhom. Li nagħtu każ tal-isfond kulturali tagħhom iwassal min-naħa l-oħra biex niffavorixxu strateġiji ta' trattament individwali, il-proċess tat-tagħlim u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà li tkun qiegħda tirċevihom' (p. 21).

Il-letteratura tissuġġerixxi li approċji pożittivi li jinvolvu lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom li jiffukaw fuq is-suċċessi għandhom jiġu kkunsidrati. L-iċċelebrar tad-diversità soċjokulturali, konoxxittiva u tal-lingwa tal-familji u tal-istudenti huwa fundamentali mhux biss biex niġġieldu kontra l-attitudnijiet diskriminatorji possibbli, imma wkoll biex intejbu l-istima personali u l-motivazzjoni tal-istudent bl-SEN u bi sfond ta' immigrant.

Fl-aħħar, il-letteratura tagħfas fuq il-fatt li biex wieħed jilħaq dan il-għan u jagħmel suċċess minn dawn l-isfidi li tiffaċċja l-popolazzjoni

ġdida tal-iskola, il-professjonisti jridu jkunu mħarrġa tajjeb ħafna. L-analiżijiet kollha fuq il-qagħda edukattiva tal-istudenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant juru l-importanza kruċjali tat-taħriġ tal-professjonisti biex intejbu l-proċess tal-assessjar, il-kwalità tal-edukazzjoni pprovduta u l-kooperazzjoni mal-familji tal-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant. Biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni tal-iskola l-ġdida, hemm ħtieġa dejjem tikber ta' taħriġ ta' aġġornament, kif ukoll l-iżvilupp ta' metodi ta' tagħlim għall-istaff tal-iskola. Barra minn hekk, prattikanti diffferenti huma meħtieġa biex jikkoperaw biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant; mhux biss għalliema, imma anke psikologi, staff ta' sostenn, professjonisti tas-saħħa, eċċ.

Il-konklużjoni ewlenija li tista' ssir mill-analiżi tax-xogħol ippubblikat, l-aktar fl-Ewropa, fuq l-edukazzjoni tal-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant hija dik li minkejja l-fatt li din l-għalqa hija dejjem aktar viżibbli u fuq l-aġenda tal-policy-makers u l-prattikanti attivi f'dan il-qasam ta' edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali, l-ammont ta' riċerka u l-analiżi ddedikata għal dan l-aspett speċifiku huwa proporzjonalment limitat ħafna. Bħala regola, attenzjoni tingħata lil xi wieħed jew ieħor mill-fatturi involuti: l-edukazzjoni ta' studenti bl-SEN, jew l-edukazzjoni ta' studenti bi sfond ta' immigrant. Ftit huma l-istudju li eżaminaw it-teħid flimkien ta' dawn iż-żewġ aspetti edukattivi.

Il-policy u l-prattika edukattiva fil-pajjiżi Ewropej jidhru li jsegwu l-istess approċju fuq binarju wieħed. Analiżijiet juru li l-proviżjoni ta' sostenn għall-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant ħafna drabi jindirizzaw waħda biss minn dawn iż-żewġ karatteristiċi tal-grupp fil-mira. L-attenzjoni tingħata jew lill-studenti bi ħtiġijiet speċjali, jew lill-isfond ta' immigrant tiegħu/tagħha. Per eżempju, programmi proposti lil studenti bi sfond ta' immigrant biex jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż fejn ikun bħala regola ma jindirizzawx l-SEN. Min-naħa l-oħra, l-għodod u l-metodi li għandhom l-għan li jidentifikaw l-abilitajiet tal-istudent/a bħala regola ma jagħtux każ l-identità kulturali tal-istudent/a.

Ix-xogħol kollu ta' riċerka fuq il-qagħda edukattiva ta' studenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant juri li jinħtieġu aktar żviluppi f'dan il-qasam: dan jinħtieġ riflessjoni fuq policies u prattika ġdida biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant. Biex jintlaħaq dan, huwa neċessarju li ssir aktar riċerka u analiżi f'dan il-qasam.

### *1.3.4 Assessjar*

Fid-dawl tal-parteċipazzjoni tal-istudenti bi sfond ta' immigrant fl-edukazzjoni speċjali, b'mod sproporzjonat daqshekk sinifikanti bħala l-punt tat-tluq, l-istudji ddubitaw dwar il-kwalità (l-aktar inizjali) tal-proċeduri tal-assessjar li jsiru ma' dawn l-istudenti bi sfond ta' immigrant (Andersson, 2007; Rosenqvist, 2007). Metodi u għodod ta' assessjar bħal dawn ħafna drabi jkunu mniżżla fil-kultura tal-pajjiż tar-residenza u l-iskola tal-istudent/a. Il-proċess ta' assessjar għalhekk huwa kulturalment preġudikat; it-tfal b'kultura differenti minn dik tal-pajjiż tar-residenza għandhom inqas ċans biex jaċċessjaw u jikkodifikaw ir-referenzi kulturali impliċitament preżenti fil-materjal tal-assessjar li huma jiġu ttestjati bih. Għalhekk, il-lettertura tissuġġerixxi li l-proċess u l-materjal tal-assessjar għandhom jiġu skrutinati qabel biex jiġu ċċarati xi referenza kulturali li jista' jkollhom.

Wieħed mill-ostakli kulturali ewlenin u ovvji li tifel/a bi sfond ta' immigrant jista' jaffaċċja meta jiġi assessjat – u wieħed li ssir referenza għalih ta' sikwit fil-letteratura – huwa relatat mal-lingwa użata biex wieħed jassessja l-ħtiġijiet u l-abilitajiet tal-istudentii. Kif Landon (1999) wera permezz tal-eżempju tad-dyslexia fil-Konferenza Ewropea fuq Tfal Migranti bi Ħtiġijiet Għal Edukazzjoni Speċjali organizzata f'Copenhagen, 'hemm bżonn li nneħħu d-diffikultajiet li dawn l-istudenti jesperjenzaw qabel insibu dawk li għandhom problemi perċettivi u konoxxittivi. In-numru ta' tfal bilingwi suspettati li huma dyslexic huwa inqas minn dak tan-nies tal-post: fir-realtà, l-istudenti jkollhom diffikultajiet fil-qari imma ħadd ma jagħmel dijanjożi ċara … L-għalliema ma jarawx il-problema għaliex huma ma jafux kif jagħmlu l-assessjar' (Rapport tal-konferenza, p. 18).

Xi wħud jinsistu li studenti bilingwi bi sfond ta' immigrant għandu jkollhom assessjar inizjali bilingwi sħiħ u/jew li dan ikun magħmul minn professjonisti li jkunu jifhmu bis-sħiħ fl-ilsien tal-istudenti u l-isfond kulturali tagħhom (Cline, 1999; Andersson, 2007; Rosenqvist, 2007).

Ċertament, xi wħud jinsistu, li f'xi każi, assessjar inizjali jista' jsir ukoll mingħajr l-użu tal-lingwa. Madanakollu, hemm differenzi kulturali (per eżempju fil-livell tad-definizzjoni tal-kuluri jew tal-kuntest tat-tagħlim, kif intqal minn Salameh, 2006) li jista' jkollu effett fuq l-proċessi tal-assessjar mhux-verbali jekk dawn ma jittiħdux inkonsiderazzjoni.

Kapitlu 2 jagħti dettalji aktar fil-fond fuq l-użu tal-assessjar mhux-verbali.

Fl-aħħar, analiżi tar-riċerka turi li l-assessjar irid ikun komprensiv, fis-sens li jrid jagħti każ il-qagħda kollha tal-istudent/a; iċ-ċirkustanzi fl-oriġini tal-migrazzjoni tal-familja, il-lingwa, il-kultura, il-qagħda tal-komunità fil-pajjiż tar-residenza, l-ambjent tad-dar, eċċ.

L-analiżi li saret mill-Agency (Watkins, 2007) fuq l-Assessjar f'Qagħdiet Inklużivi wriet li kien hemm bidla fl-għarfien ta' assessjar formattiv[1] f'ħafna pajjiżi Ewropej f'dawn l-aħħar snin; id-dgħjufijiet tal-approċju tal-ittestjar ħarġu fil-beraħ. Bħala konsegwenza, l-iffukar tal-assessjar formattiv twessa' biex jkopri fih aktar minn sempliċiment kontenut akkademiku. Fl-istess ħin, minflok li jsir minn professjonist minn barra l-klassi, il-proċeduri ta' assessjar formattiv huma żviluppati akar u aktar f'kollaborazzjoni mal-istudent/a, il-familja tiegħu/tagħha u l-għalliema flimkien. Il-proġett tal-Agency wera li għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, dan l-approċju għadu biss objettiv li jrid jintlaħaq fir-rigward ta' assessjar inizjali fi ħtiġijiet edukattivi speċjali.

---

[1] Kif definit fil-proġett tal-assessjar tal-Agency, 'assessjar formattiv' (li jissejjaħ ukoll 'assessjar kontinwu') ikopri proċeduri li jsiru fil-klassijiet, l-aktar minn għalliema fil-klassi u professjonisti li jaħdmu ma' għalliema fil-klassi li jinfurmaw lit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-metodi tat-tagħlim u l-passi l-oħra fit-tagħlim tal-istudent. 'Assessjar inizjali' jew 'identifikazzjoni inizjali' tkopri r-rikonoxximent/detezzjoni ta' student/a possibimnet SEN, li jwassal għall-proċess li jiġbor informazzjoni sistematika li tista' tintuża biex jiġi żviluppat profil tas-saħħiet, id-dgħjufijiet u l-ħtiġijiet li l-istudent/a jista' jkollu. Identifikazzjoni inizjali ta' SEN tista' tinrabat ma' proċeduri ta' assessjar ieħor u tista' tinvolvi professjonisti 'l barra mill-iskola mainstream (fosthom professjonisti mill-qasam tas-saħħa).

## 2. INFORMAZZJONI FUQ IL-PAJJIŻI

L-għan ta' dan il-kapitlu huwa li jipprovdi sinteżi tar-rapporti tal-pajjiżi mħejjija f'relazzjoni mal-ħames oqsma ewlenin tal-analiżi tal-proġett – definizzjoni tal-popolazzjoni fil-mira, id-data, il-proviżjoni edukattiva, il-miżuri ta' sostenn u l-assessjar. Il-kapitlu huwa msejjes fuq tagħrif u data miġbura permezz ta' kwestjonarju – minn esperti ta' pajjiżi f'kooperazzjoni mas-servizzi differenti involuti, muniċipialitajiet u skejjel, dwar l-edukazzjoni tal-istudenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant, u li jirriflettu qagħdiet lokali u/jew nazzjonali. Għalkemm aspetti li jirriflettu sitwazzjonijiet nazzjonali jittieħdu inkonsiderazzjoni, l-informazzjoni miġbura hija fil-qofol tagħha ffukata fuq informazzjoni li tirrappreżenta sitwazzjonijiet lokali. Dan il-kapitlu jippreżenta wkoll xi data fuq il-persentaġġ tal-popolazzjoni bi sfond ta' immigrant u l-persentaġġ ta' studenti bi sfond ta' immigrant fil-popolazzjoni tal-iskola, f'pajjiżi differenti. Id-data fuq il-persentaġġ tal-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant mhijiex ippreżentata minħabba l-informazzjoni limitata li ġiet ipprovduta fir-rapporti tal-pajjiżi.

Aktar informazzjoni dettaljata dwar data nazzjonali u lokali, aspetti u dibattiti dwar is-sitwazzjoni tal-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant fil-pajjiżi parteċipanti differenti tista' tinkiseb mir-rapporti dwar il-pajjiżi, fuq il-web area tal-Agency iddedikata għall-proġett tematiku: www.european-agency.org/agency-projects

Sinteżi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet hija ppreżentata hawn taħt.

### 2.1 Il-popolazzjoni fil-mira

Hemm fluss ta' immigrazzjoni sinifikanti fl-Ewropa u aspetti dwar il-'migrazzjoni' qegħdin isiru dejjem aktar ta' interess f'ħafna pajjiżi. Skont ir-rapporti tal-pajjiżi, hemm definizzjonijiet differenti dwar it-terminu 'immigrant' fl-Ewropa. Ħafna pajjiżi jużaw it-terminu 'immigrant' jew 'barrani' jew 'aljen' f'relazzjoni mal-pajjiż tat-twelid tal-persuna u l-ġenituri tiegħu/ha, in-nazzjonalità u l-lingwa mitkellma tagħhom id-dar.

Pajjiżi bi tradizzjonijiet ta' immigrazzjoni twila jagħmlu d-distinzjoni bejn:

- Immigranti li jkunu għadhom kif waslu u/jew immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni, meta l-istudenti u/jew il-ġenituri tagħhom jitwieldu f'pajjiż differenti minn dak tal-pajjiż fejn ikunu;

- Immigranti tat-tieni ġenerazzjoni li jirreferu għal dawk li twieldu fil-pajjiż fejn qegħdin, imma li l-ġenituri tagħhom twieldu f'pajjiż differenti; u

- Immigranti tat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni, li twieldu fil-pajjiż fejn qegħdin u li għallinqas wieħed/waħda mill-ġenituri tagħhom twieled fil-pajjiż fejn qegħdin u li jista' jkollhom iċ-ċittadinanza tal-pajjiż tar-residenza. F'ħafna każi, il-ġenerazzjoni tat-tielet, ir-raba' (jew aktar) ma jintqisux bħala 'immigranti', imma bħala 'studenti bi sfond etniku differenti', li jappartjenu għal 'gruppi ta' minorità' jew 'gruppi etniċi'.

Fil-kuntest edukattiv ta' ħafna pajjiżi, leġiżlazzjoni li tirreferi għal studenti ta' immigranti kif ukoll bħala prattika, hija mibnija fuq approċju ta' orjentazzjoni edukattiva li jikkorrispondi mal-ħiliet tal-lingwa tal-istudenti: studenti bilingwi/multilingwi, jew studenti b'ilsien matern ieħor minn dak tal-pajjiż tar-residenza. Din id-definizzjoni tikkorrispondi għall-istudenti kollha li jkollhom ħtieġa li jaħkmu aktar minn lingwa waħda fit-tfulija tagħhom.

Għall-għan tal-analiżi – u kif diġà għedna fl-introduzzjoni l-esperti tal-pajjiż instaqsew biex jipprovdu tagħrif dwar l-istudenti kollha bl-SEN u bi sfond ta' immigrant (immigranti li jkunu għadhom kif waslu, kif ukoll studenti li jappartjenu għal gruppi etniċi ta' minorità).

Fil-linja tal-mudelli ta' fluss tal-immigrazzjoni fl-Ewropa, il-pajjiżi jistgħu jinqasmu fi gruppi differenti:

- Pajjiżi bi tradizzjonijiet twal ta' immigrazzjoni, relatati mal-karatteristiċi industrijali u ekonomiċi u/jew tal-passat kolonjali (eż. l-Awstrija, il-Belġju, id-Dannimarka, Franza, il-Ġermanja, il-l-Isvezja, l-Isvizzera, Lussemburgu, l-Olanda, ir-Renju Unit);
- Pajjiżi fejn l-immigrazzzjoni hija fenomenu ftit jew wisq ġdid, li beda fl-aħħar tas-seklu 20, bħal fil-Fillandja, l-Islanda, in-Norveġja jew pajjiżi li qabel kienu pajjiżi ta' emigrazzjoni bħal, Ċipru, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Portugal, Spanja;
- Stati membri ġodda tal-Unjoni Ewropea bħar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, l-Ungerija, li fil-qofol tagħhom jirċievu fittiexa ta' kenn (asylum seekers) jew refuġjati minn pajjiżi ta' dik li kienet l-Unjoni Sovjetika.

Immigranti li ssetiljaw fl-Ewropa oriġinaw minn ħafna pajjiżi, imma jistgħu jinġemgħu fi tliet kategoriji ewlenin: nies li kienu ċittadini tal-Unjoni Ewropea (EU), l-Area Ekonomika Ewropea (EEA) jew l-

Isvizzera; fittiexa ta' kenn, refuġjati u nies li kienu ċittadini mill-Afrika ta' Fuq; u oħrajn li kienu ċittadini minn pajjiżi oħra.

Il-persentaġġ tal-popolazzjoni bi sfond ta' immigrant ivarja ħafna bejn il-pajjiżi Ewropej, b'xi pajjiżi li għandhom madwar 1% ta' immigranti (eż. il-Polonja, il-Litwanja) u xi pajjiżi b'madwar 40% tal-popolazzjoni li għandhom sfond ta' immigrant (eż. il-Lussemburgu). Mhux faċli li wieħed iqabbel id-data tal-pajjiżi minħabba.

- Definizzjonijiet differenti tat-terminu 'immigrant';
- Proċeduri differenti għan-naturalizzazzjoni fil-pajjiżi;
- Id-data tirreferi jew għal qagħdiet lokali jew nazzjonali jew it-tnejn;
- Snin differenti ta' ġbir tad-data (2005 jew 2006 jew 2007).

B'dawn ir-riservazzjonijiet f'moħħna, f'Tabella 1 huwa possibbli li naraw li l-maġġoranza tal-pajjiżi, bejn is-6–20% tat-total tal-popolazzjoni għandha sfond ta' immigrant.

**Tabella 1** Persentaġġ tal-popolazzjoni li għandha sfond ta' immigrant (data bbażata fuq ir-rapporti tal-pajjiżi għall-2005/2006/2007)

| 1–5 % | 5.01–10% | 10.01–20% | > 20% |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | Il-Belġju | L-Awstrija | L-Isvizzera |
| Il-Fillandja | Ċipru | L-Estonja | Il-Lussemburgu* |
| Il-Litwanja | Il-Greċja | Franza | |
| Malta | L-Islanda | Il-Ġermanja | |
| Il-Polonja | L-Italja | L-Isvezja | |
| Il-Portugal | In-Norveġja | Il-Latvja | |
| Ir-Repubblika Ċeka | Spanja | L-Olanda | |
| L-Ungerija | | Ir-Renju Unit (l-Ingilterra) | |

*aktar minn 40%

In-numru ta' lingwi differenti mitkellma mill-istudenti u l-familji tagħhom bi sfond ta' immigrant ivarja konsiderevolment fil-pajjiżi differenti u l-muniċipalitajiet: minn 18 sa aktar minn 100 lingwa differenti f'xi pajjiżi.

Persentaġġ għoli tal-popolazzjoni għandha sfond ta' immigrant – f'xi pajjiżi/muniċipalitajiet aktar minn nofs il-popolazzjonijet lokali joriġinaw minn pajjiżi mhux-Ewropej (eż. it-Turkija, l-Iraq, is-Somalja, ir-Russja, il-Pakistan, il-Brażil, l-Ukrajna, il-Marokk, eċċ.).

Għal xi pajjiżi bħall-Isvezja, sas-1970ijiet u għal pajjiżi oħra sal-1990, il-maġġoranza tal-immigranti fl-Ewropa kienu migranti ekonomiċi li kienu qegħdin ifittxu kundizzjonijiet ta' xogħol u għajxien aħjar. Matul id-1990ijiet in-numru ta' refuġjati ġejjin mil-Lvant Nofsani u ċ-ċittadini mill-Ewropa tal-Lvant u dik li kienet l-Unjoni Sovjetika kibru konsiderevolment.

Id-data hija differenti skont il-pajjiżi involuti, imma l-fatt ewlieni jibqa' li l-Ewropa bħalissa qiegħda tesperjenza tkabbir ta' immigranti f'termini soċjo-ekonomiċi. Fattur li qiegħed jikkontribwixxi għal dan huwa wkoll il-mobiltà ħielsa taċ-ċittadini Ewropej 'l ġewwa mill-fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

## 2.2 Data eżistenti fuq studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant

Ħafna pajjiżi involuti fil-proġett irrapportaw li bħalissa hemm nuqqas ta' data fuq studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant. Aġenziji differenti tal-gvern għandhom responsabiltajiet differenti u ma hemmx approċju koordinat ta' kif tinġabar id-data. Hemm raġunijiet oħra għal din in-nuqqas ta' data. Xi pajjiżi ma jżommux statistika uffiċjali dwar l-oriġini etnika tal-poplu aktar minn dik taċ-ċittadinanza u l-pajjiż tat-twelid tagħhom fuq il-prinċipju li l-ipproċessar ta' data personali li tidentifika r-razza, l-oriġini etnika, id-diżabiltà u t-twemmin reliġjuż huwa pprojbit. F'pajjiżi oħra m'hemmx ġbir ta' data b'mod sistematiku dwar studenti bl-SEN jew studenti b'SEN u sfond ta' immigrant fil-livell nazzjonali jew lokali. F'xi muniċipalitajiet in-numru ta' studenti bi sfond ta' immigrant hija tant żgħira li mhux neċessarju, lanqas relevanti biex tinġabar l-informazzjoni. L-aktar mod raġjonevoli u prattikabbli biex taċċessja d-data huwa bħalissa mill-iskejjel – it-tfal insibuhom hawnhekk. Xi muniċipalitajiet jiġbru data bħal din, imma l-istatistika nazzjonali mhijiex ta' min joqgħod fuqha.

Fuq il-bażi tad-data lokali u/jew nazzjonali miġbura mill-esperti tal-pajjiż, jidher li l-persentaġġ ta' studenti bi sfond ta' immigrant ivarja ħafna bejn il-pajjiżi tal-Eworpa kif ukoll bejn muniċipalitajiet differenti u/jew skejjel tal-istess pajjiż. Barra minn hekk, id-data tal-pajjiż mhux dejjem komparabbli faċilment, minħabba definizzjonijiet differenti tat-

terminu ‘immigrant’ u l-fatt li d-data tista’ tippreżenta sitwazzjonijiet lokali jew nazzjonali, jew it-tnejn.

B’dawn ir-riservazzjonijiet f’moħħna, f’Tabella 2, huwa possibbli li naraw li fil-maġġoranza tal-pajjiżi parteċipanti l-persentaġġ tal-istudenti bi sfond ta’ immigrant huwa bejn is-6–20% tal-popolazzjoni tal-iskola obbligatorja, (fil-Lussemburgu hija aktar minn 38%).

**Tabella 2** Persentaġġ ta’ studenti bi sfond ta’ immigrant fil-popolazzjoni tal-istudenti (relatata mal-istudenti fl-edukazzjoni obbligatorja fil-livell lokali, is-sena skolastika 2005/2006/2007)

| 1–5% | 5.01–10% | 10.01–20% | >20% |
|---|---|---|---|
| Il-Fillandja<br>Il-Litwanja<br>Malta<br>Il-Polonja<br>Il-Portugal<br>Ir-Repubblika Ċeka<br>L-Ungerija | Il-Belġju<br>Ċipru<br>Id-Danimarka<br>Il-Greċja<br>L-Islanda<br>L-Italja*<br>In-Norveġja<br>Spanja | L-Awstrija<br>L-Estonja<br>Franza<br>L-Isvezja<br>Il-Latvja<br>L-Olanda<br>Ir-Renju Unit (L-Ingilterra) | Il-Ġermanja<br>L-Isvizzera<br>Il-Lussemburgu |

*Fl-Italja d-data hija mis-sena skolastika 2007/2008

In-numru u l-proporzjonijiet ta’ familji/studenti bi sfond ta’ immigrant ivarjaw konsidervolment minn muniċipalità għal oħra fl-istess pajjiż u ta’ sikwit huma relatati ma’ lokazzjoni ġeografika u l-qies tal-muniċipalità kkonċernata bil-ġbir tad-data. Il-biċċa l-kbira tal-familji bi sfond ta’ immigrant jgħixu fl-ibliet il-kbar, jew fis-subborgi ta’ dawn l-ibliet, minħabba l-opportunitajiet ta’ xogħol u edukattivi meqjusa aħjar fl-ambjenti urbani. Konsegwenza ta’ din il-konċentrazzjoni ta’ studenti bi sfond ta’ immigrant fl-ibliet kapitali (eż. Amsterdam, Ateni, Brussel, Lisbona, Londra, Madrid, Pariġi, eċċ.) tista’ tkun id-doppju u xi mindaqqiet anke tliet darbiet aktar mill-persentaġġ fuq livell nazzjonali.

Għalkemm f’dan l-istudju m’hemmx data ta’ studenti bl-SEN u sfond ta’ immigrant fil-pajjiżi parteċipanti kollha, xi pajjiżi pprovdew xi data fil-livell nazzjonali, federali, reġjonali, u/jew lokali. Pajjiżi (eż. l-Awstrija, Ċipru, il-Ġermanja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-

Olanda, Spanja, l-Isvizzera) ipprovdew xi data kemm fuq livell nazzjonali u federali, reġjonali jew lokali. Pajjiżi oħra (eż. il-Belġju, il-Fillandja, Franza, il-Greċja) ipprovdew xi data fuq livell reġjonali jew lokali/ta' skola. F'xi każi oħra (eż. fir-Repubblika Ċeka, il-Portugal, ir-Renju Unit (l-Ingilterra) id-data pprovduta tirreferi għall-livell nazzjonali. Id-data tal-pajjiż miġbura mill-esperti tirreferi jew għan-numru ġenerali jew persentaġġ tal-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant fil-livell nazzjonali, federali, reġjonali u/jew lokali, jew għal numri u persentaġġi speċifiċi f'muniċipalitajiet differenti u/jew skejjel. Konsegwentement, din id-data mhix komparabbli faċilment u ma tistax tiġi ppreżentati fil-forma ta' tabella.

Aktar informazzjoni dettaljata dwar data nazzjonali u speċifika fil-pajjiżi parteċipanti differenti tista' tinkiseb fir-rapporti tall-pajjiżi, fuq il-web area tal-Agency iddedikata għall-proġett.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija hawn fuq, ħafna rapporti ta' pajjiżi juru sproporzjon sinifikanti li jaffettwa studenti bi sfond ta' immigrant li jwassal għal rappreżentazzjoni aktar jew anqas min-normal fl-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali. Din kienet kawża għal tħassib kbir għal aktar minn 30 sena f'xi pajjiżi, pereżempju fir-Renju Unit (l-Ingilterra). Fis-1970ijiet kien hemm evidenza ta' rappreżentazzjoni aktar min-normal ta' tfal li kienu emigraw mill-Gżejjer Karibej fir-Renju Unit (l-Ingilterra) li kienu tqiegħdu fi skejjel speċjali. Pajjiżi oħra (eż. il-Belġju, id-Danimarka, il-Fillandja, in-Norveġja, l-Isvezja) irrapportaw li f'ħafna muniċipalitjiet, hemm komparatttivament aktar studenti bi sfond ta' immigrant f'edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali u n-numru tagħhom jikber skont il-livell ogħla ta' edukazzjoni (fl-aħħar tal-primarja u l-livelli ta' wara l-primarja). Studju li sar f'Oslo fl-1998 wera li studenti bi sfond ta' immigrant kienu rrappreżentati aktar min-norma fil-forom kollha ta' edukazzjoni speċjali (Nordahl and Øverland, 1998).

Barra minn hekk, il-persentaġġ ta' studenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant fi skejjel speċjali huwa ogħla mill-istudenti b'SEN fil-pajjiż fejn ikunu jgħixu – u konsegwentement il-kontra huwa veru fi skejjel mainstream. Ir-rapport tal-pajjiż tal-Isvizzera juri li din ir-rappreżentanza aktar min-normal żdiedet b'mod kontinwu f'dawn l-aħħar 20 sena u li ż-żieda medja tal-istudenti bi sfond ta' immigrant fi skejjel speċjali hija ħafna ogħla miż-żieda totali tal-istudenti bi sfond ta' immigrant f'edukazzjoni obbligatorja.

Meta wieħed jeżamina l-informazzjoni statistika mill-muniċipalitajiet/ skejjel (eż. l-Awstrija, il-Fillandja, il-Greċja) jinħass li hemm paradoss. Jibda jidher ċar li f'xi skejjel, hemm aktar studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant minn studenti bl-SEN li m'għandhomx sfond ta' immigrant. F'munċipalitajiet/skejjel oħra, il-kuntrarju jidher li huwa indikat.

Spjegazzjoni possibbli għal dan, li kienet irrapportata mill-pajjiżi, tista' tkun li l-koinċidenza biss tiddetermina kemm studenti bl-SEN jistudjaw f'kull skola. Possibiltà oħra tista' tkun li xi skejjel jassessjaw il-progress b'mod aktar effettiv minn oħrajn. Rapporti oħra jagħfsu fuq l-offerta dejjem tiżdied ta' klassijiet speċjali u ż-żieda tan-numru ta' personnel speċjali jaffettwa t-talba għal dawn l-offerti – jekk offerta tista' tinkiseb, l-għalliema jkollhom it-tendenza li jużawha speċjalment jekk ma jkollhomx xi sostenn ieħor. Finalment, possibiltà oħra hija li f'xi skejjel, l-istudenti bi sfond ta' immigrant jistgħu jinħasbu li jkollhom SEN, meta fir-realtà jista' jkun li din tkun diffikultà komunikattiva relatata mal-lingwa. Rappreżentazzjoni aktar min-normal ħafna drabi tokkorri f'relazzjoni ma' diffikultajiet ma' taħdit u qari (imma wkoll ma' fatturi oħra).

Fuq in-naħa l-oħra, studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant jista' jkun li ma jiġux identifikati bħala tali għaliex l-iskola tispjega d-diffikultajiet fit-tagħlim, lingwa, qari u spelling bħala nuqqas ta' kompetenza fil-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu. L-isfida ewlenija tidher li hija d-distinzjoni bejn studenti bi sfond ta' immigrant li għandhom ħtieġa ta' sostenn lingwistiku fl-edukazzjoni u studenti bi sfond ta' immigrant li għandhom ħtiġijiet edukattivi speċjali.

Studju nazzjonali riċenti fir-Renju Unit (l-Ingilterra) eżamina l-popolazzjoni totali tal-istudenti fl-iskejjel tal-istat, Ingliżi (madwar 6.5 miljun student) u sab sitwazzjoni aktar kumplessa (Lindsay, Pather and Strand, 2006). Fil-qosor, l-istudenti minn grupp etniku minoritarju li jintqiesu bħala li għandhom xi SEN, jew tip partikolari ta' SEN, varjat b'mod kumpless. Xi konklużjonijiet jintqiesu bħala importanti: l-ewwel, dan l-istudju wera varjazzjoni sostanzjali bejn il-gruppi etniċi minoritarji fir-rigward tal-iżvantaġġ soċjo-ekonomiku. Per eżempju, filwaqt li 14.1% tal-istudenti bojod Ingliżi kienu eliġibbli għal ikliet tal-iskola b'xejn (programm ta' sostenn mill-iskola għal tfal minn oqsma sojo-ekonomiċi baxxi, użat bħala indikatur ta' faqar), dan kien il-każ ta' 30% ta' studenti Karibej Suwed u 43.8% ta' studenti Afrikani Suwed.

It-tieni ħaġa, darba waħda l-influenza tal-iżvantaġġ soċjoekonomiku, ġeneru u età ttieħdu inkonsiderazzjoni, iċ-ċans li studenti minn gruppi etniċi minoritarji jkollhom SEN urew xejriet interessanti. Meta mqabbla ma' studenti Brittaniċi bl-SEN, il-persentaġġ ta' studenti suwed b'SEN *ma kienx* sostanzjalment differenti. Madanakollu, studenti Karibej Suwed kienu għadhom 1½ darba aktar biċ-ċans li jkunu kkunsidrati li għandhom diffikultajiet soċjali, emozzjonali u ta' mġiba. Studenti ta' eredità Pakistanija u Bangladexxija kellhom ċans inqas mill-istudenti bojod Ingliżi li jkollhom medda ta' tipi differenti ta' SEN. Madanakollu, studenti Pakistanin b'mod partikolari, kellhom madwar 2½ darba aktar ċans li jkollhom diżabiltà fis-smigħ, fil-vista u diffikultajiet profondi u multipli fit-tagħlim.

## 2.3 Proviżjoni edukattiva

Fuq il-bażi tar-rapport tal-pajjiżi, it-tendenza ġenerali f'ħafna pajjiżi dwar iż-żieda fil-fluss tal-immigrazzjoni fl-Ewropa hija l-promozzjoni ta' policy ta' integrazzjoni bbażata fuq il-prinċipji tad-drittijiet umani u ta' opportunitajiet indaqs. F'termini aktar operazzjonali din il-policy tiġi attwata f'medda ta' servizzi differenti offruti lil nies minn sfond ta' immigrant u l-familji tagħhom, billi tiffoka fuq tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu, l-għoti ta' xogħol u l-integrazzjoni fil-kommunità lokali. Proviżjoni ta' dan it-tip, fost ħwejjeġ oħra tinkludi: korsijiet tal-lingwa, opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali u edukattiv adekwat, it-titjib fis-sitwazzjoni edukattiva u soċjali għat-tfajliet u għan-nisa, l-integrazzjoni fil-komunità lokali, l-għajxien f'ambjenti multikulturali u t-titjib ta' kompetenzi interkulturali, l-integrazzjoni permezz ta' attivitajiet ta' sports, eċċ.

Konsegwentement, fil-qafas tal-politika tal-edukazzjoni ġenerali, f'ħafna pajjiżi Ewropej studenti bi sfond ta' immigrant għandhom l-istess drittijiet ta' edukazzjoni ta' qabel il-primarja, obbligatorja u ta' edukazzjoni sekondarja ogħla bħall-istudenti tal-pajjiż. Fi kliem ieħor, l-istess leġiżlazzjoni edukattiva u r-regolazzjonijiet japplikaw għall-istudenti kollha inklużi l-istudenti bi sfond ta' immigrant.

Fil-linja mal-politika ta' edukazzjoni ġenerali, ir-rapporti tal-pajjiżi jindikaw b'mod ċar li l-medda ta' proviżjonijiet offruti lill-istudenti bl-SEN japplikaw ukoll għal studenti b'SEN u sfond ta' immigrant. Għalhekk, skond il-leġiżlazzjoni u regolazzjoni edukattiva f'ħafna counties Ewropew, l-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant huma intitolati għall-istess tip ta' edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali u huma

offruti l-istess tipi ta' proviżjoni edukattiva u servizzi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, bħal studenti fil-pajjiż li jkunu fih. Studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant jirċievu l-istess servizzi bħal studenti oħra fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi rrappurtati hawnhekk.

Barra minn hekk, huma wkoll intitolati għal proviżjoni żejda li tista' tinġabar taħt żewġ kategoriji: il-proviżjoni indirizzata għall-istudenti kollha bi sfond ta' immigrant u l-proviżjoni indirizzata speċifikatament għal studenti b'SEN u sfond ta' immigrant. Fiż-żewġ każijiet, tiġi offruta varjetà ta' proviżjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u/jew anke lokali tal-pajjiżi differenti. It-tipi ta' proviżjoni ċara f'dawn iż-żewġ kategoriji huma deskritti fis-sezzjonijiet t'hawn taħt.

*2.3.1 Proviżjoni indirizzata lil studenti bi sfond ta' immigrant*

- Dipartiment ta' akkoljenza speċjali: fil-livell lokali u anke ta' skola li jilqa' u li jkollu x'jaqsam fil-biċċa l-kbira tiegħu mal-istudenti l-ġodda;

- Klassijiet preparatorji jew ta' akkoljenza għal studenti bi sfond ta' immigrant: bħala regola indirizzati għal studenti ġodda u studenti li ma jkollhomx il-ħiliet fil-lingwa tal-pajjiż li jkunu fih. L-istudenti jirċievu tagħlim fil-lingwa miżjuda biex jitgħallmu l-lingwa u jiġu aktar midħla tal-kultura tal-pajjiż, bħala regola għal perjodu ta' sena. Wara, jibqgħu mexjin għat-tip ta' edukazzjoni addatta għalihom l-aħjar;

- Ċentri ta' kenn (asylum centres): għal fittiexa ta' kenn u refuġjati fejn ikun hemm ukoll skejjel għat-tfal tagħhom;

- Iskrinjar tal-lingwa indirizzat lill-istudenti bilingwi kollha jibda mill-iskola, biex ikun jista' jiġi magħruf l-livell tal-abiltà fil-lingwa tal-pajjiż li jkunu fih u jadottaw il-lezzjonijiet għar-riżultati;

- Korsijiet tal-lingwi intensivi: biex tintgħallem il-lingwa tal-pajjiż li jkun;

- Ċentri ta' expertise għall-multikulturaliżmu: bħala regola fil-livell lokali skola waħda tiġi ddisinjata biex tirċievi studenti bi sfond ta' immigrant;

- Interpreti kulturali: bħala regola għalliema ta' studenti tal-lingwa materna li jibnu pont kulturali bejn il-familji bi sfond ta' immigrant u l-kommunità tal-iskola;

- Attivitajiet ta' homework: l-istudenti jkollhom l-opportunità biex jingħataw is-sostenn fix-xogħol tal-homework wara l-ħin tal-iskola;

- Sostenn edukattiv: l-istudenti jkollhom iċ-ċans li jkollhom aktar iggwidar individwali u sostenn fi gruppi iżgħar;

- Assistenti tal-Iskola: xi wħud mill-assistenti tal-iskola jkollhom sfond ta' immigrant u jkunu jistgħu jagħtu għajnuna lill-istudenti fil-lingwa materna;

- Servizzi ta' interpeti: ikunu aċċessibblii għal diskussjonijiet bejn il-personnel tal-iskola u l-ġenituri li jkollhom sfond ta' immigrant;

- Programmi interkulturali għat-tfal kollha; imwettqa f'livelli edukattivi differenti bil-għan li jiġu żviluppati ħiliet soċjali, konoxxittivi, affettivi u strumentali, konxjożità multilingwi, ħiliet fil-lingwa u l-komunikazzjoni;

- Distribuzzjoni ta' tagħrif għall-ġenituri dwar is-servizzi tal-iskola u tal-edukazzjoni: fuljetti ta' tagħrif ta' dat-tip ta' sikwit ikun tradott f'lingwi differenti (l-aktar f'dawk il-lingwi barranin l-aktar komuni);

- Sostenn ta' tagħlim supplimentari, l-użu ta' materjal għal edukazzjoni kross-kulturali, proviżjoni ta' iggwidar edukattiv u vokazzjonali, żvilupp u użu ta' kotba u materjal adattat, materjal interattiv fuq l-Internet, eċċ.;

- Taħriġ interkulturali inizjali u kontinwu għall-għalliema kollha.

Rapporti tal-pajjiżi jagħtu importanza lill-għarfien ta' riżorsi miġjuba mill-istudenti bi sfond ta' immigrant u l-familji tagħhom biex isostnu lill-immaġni nifsija tagħhom u l-komponenti tal-identità tagħhom u jiżviluppaw il-motivazzjoni tagħhom li jitgħallmu.

F'xi pajjiżi l-assistenza fil-lingwa materna u struzzjoni fil-lingwa materna fl-iskola ta' qabel il-primarja, fl-iskola obbligatorja u skola sekondarja ogħla huma legalment iggarantiti. Dawn huwa riżultat ta' riċerka li ssuġġeriet li t-tagħlim tal-lingwa materna jtejjeb il-profiċjenza tal-istudenti u r-riżultati edukattivi fil-mira, l-aktar fit-tfulija bikrija. Barra minn hekk, għall-bżonn, l-istudenti jistgħu wkoll jirċievu struzzjonijiet fil-lingwa materna għal suġġetti oħra. L-għan hu li l-istudenti jingħenu jibnu l-istima personali tagħhom u jippromwovu l-iżvilupp tagħhom bħala individwi bilingwi b'identità kulturali multipla.

Għalkemm f'ħafna rapporti tal-pajjiżi l-istruzzjoni bilingwi hija meqjusa bħala inizjattiva pożittiva, il-qabża bejn l-impenn legali u l-prattika kurrenti f'dan il-qasam tingħata l-importanza tagħha, l-istess kif tingħata importanza lil strateġiji ta' twettiq fost reġjunijiet/muniċipalitajiet differenti fl-istess pajjiż.

### *2.3.2 Proviżjoni għal studenti b'diżabilità/SEN u sfond ta' immigrant*

Barra mill-proviżjoni mniżżla hawn fuq, l-istudenti bl-SEN u sfond ta' immigrant huma offruti servizzi oħra relatati mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Dawn bħala regola huma l-istess servizzi offruti lil studenti oħra b'SEN u jistgħu jinkludu:

- Studenti li jattendu klassijiet mainstream u li huma sostnuti minn għalliem/a tal-edukazzjoni speċjali fil-klassi;

- Studenti li jattendu klassijiet mainstream u huma sostnuti minn għalliema ta' edukazzjoni speċjali għal perjodi limitati 'l barra mill-klassi;

- Studenti li jattendu klassijiet mainstream, imma li jattendu wkoll grupp iżgħar ma' għalliem/a ta' edukazzjoni speċjali, għal perjodu iqsar jew itwal;

- L-istudent/a u l-għalliem/a tal-klassi jistgħu jiksbu sostenn mis-servizz tar-riżorsi lokali jew speċjalisti oħra;

- L-istudenti huma suġġetti għall-iżvilupp u t-twettiq ta' pjanijiet edukattivi individwali;

- L-istudenti jattendu klassijiet speċjali fuq bażi full jew part-time fl-iskejjel mainstream;

- L-istudenti jattendu skejjel speċjali.

L-isfida ewlenija mistqarra b'mod ċar f'ħafna rapporti tal-pajjiżi hija li dawn il-miżuri, azzjonijiet, jew proviżjonijiet jittrattaw b'mod separat jew mal-aspett tal-'isfond tal-immigrant' jew mal-komponent tal-'SEN'. M'hemmx wisq inizjattivi u miżuri li jikkumbinaw kompetenzi u expertise fiż-żewġ oqsma biex jassiguraw li tittieħed azzjoni li tgħin waħda lil oħra u li twieġeb għall-ħtiġijiet kollha tal-istudent/a. Dawk li jipprovdu s-servizzi, l-iskejjel, l-għalliema u l-ispeċjalisti għandhom ftit esperjenza dwar studenti bi sfond ta' immigrant b'mod ġenerali. Terġa' hemm inqas li huma kompetenti fiż-żewġ oqsma tal-edukazzjoni tal-istudenti bi sfond ta' immigrant u bi ħtiġijiet edukattivi speċjali. Irid isir aktar xogħol biex jiġu żviluppati ħiliet u metodi ta' xogħol li jassiguraw sostenn għal din l-isfida doppja li jkollok SEN u sfond ta' immigrant.

### 2.3.3 Servizzi responsabbli

Varjetà ta' servizzi huma responsabbli għal miżuri, azzjonijiet u inizjattivi favur studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant. Il-proviżjoni ta' dawn is-servizzi hija fil-linja mal-politika ġenerali u s-sistema amministriva ċentralizzata jew diċentralizzata, kif ukoll fis-sistema edukattiva fil-pajjiżi Ewropej differenti.

F'ħafna każi, ir-responsabiltà fuq kollox hija fil-Ministeru tal-Edukazzjoni li jiddefinixxi l-objettivi nazzjonali ġenerali tal-policy u l-attivitajiet edukattivi, jevaljuwa r-riżultati u jsostni żviluppi ta' kwalità f'dan il-qasam. F'xi każijiet dan ix-xogħol isir bil-kooperazzjoni ma' ministeri relevanti oħra (eż. il-Ministeru tal-Immigrazzjoni u l-Affarijiet Integrattivi).

Skont il-livell u l-estent tad-diċentralizzazzjoni tas-sistema edukattiva fil-pajjiżi differenti, it-tqassim tar-responsabiltajiet hija msejsa fuq l-għan prinċipali li l-Ministeru konċernat jiddefinixxi l-miri nazzjonali għall-edukazzjoni, filwaqt li awtoritajiet ċentrali jew federali, muniċipalitajiet u skejjel ikunu responsabbli billi jassiguraw li l-attivitajiet edukattivi jkunu implimentati f'relazzjoni mal-qafas leġiżlattiv u li l-għanijiet nazzjonali u federali jintlaħqu.

F'ħafna każijiet, il-gwidi tal-kurrikulu tal-pajjiż u l-oqfsa jispeċifikaw l-valuri edukattivi ewlenin, ir-responsabilta tal-aspetti differenti tal-attivitajiet tal-iskejjel u l-għanijiet edukattivi. F'dan il-qafas, kull muniċipalità jew skola tissettja pjan għas-sistema edukattiva fil-livell lokali. F'ħafna każi, kull skola hija ħielsa li torganizza l-mezzi u r-riżorsi biex tilħaq dawn l-għanijiet u hemm varjetà ta' modi differenti kif tpoġġi l-kurrikulu fil-prattika.

Numru ta' servizzi differenti u aġenziji huma involuti fl-edukazzjoni u s-sostenn offruti lill-istudenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant, fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. L-aktar komuni huma dawn:

- Aġenziji nazzjonali għall-edukazzjoni;
- Aġenziji nazzjonali għal titjib fl-iskola;
- Istitut nazzjonali għal edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali;
- Aġenziji nazzjonali għal skejjel speċjali;
- Universitajiet (eż. għat-taħriġ tal-għalliema);
- Organizzazzjonijiet nazzjonali għal gruppi ta' minortajiet etniċi;

- Ċentri għas-saħħa u s-servizzi soċjali;
- Ċentri għad-dijanjożi, l-assessjar u l-counselling;
- Ċentri għall-iżvilupp ta' materjal edukattiv;
- Ċentri ta' riżorsi;
- Servizzi ta' pariri ta' xeħta edukattiva-psikoloġika;
- Innetwerkjar ta' skejjel, aġenzija ta' għajnuna u organizzazzjonijiet, muniċipalitajiet, eċċ.;
- Ċentri ta' rijabilitazzjoni;
- Ċentri interkulturali;
- Assoċjazzjonijiet reliġjużi.

F'xi muniċipalitajiet fejn ikun hemm għadd kbir ta' studenti bi sfond ta' immigrant, koordinaturi speċjali, speċifikatament jippjanaw u jiżviluppaw l-edukazzjoni ta' dawn l-istudenti. F'muniċipalitajiet oħra, dan isir permezz ta' team speċjali ta' esperti differenti għal edukazzjoni multikulturali, ġejjin minn livelli varji ta' edukazzjoni: edukazzjoni u għajnuna fit-tfulija bikrija, edukazzjoni primarja, taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni tal-adult. It-team jaħdem biex joħloq forom effettivi ta' sostenn għall-iżvilupp u l-kundizzjonijiet edukattivi tal-istudenti bi sfond ta' immigrant fil-perspertivi ta' tagħlim matul il-ħajja.

Ħafna drabi fil-pajjiżi l-kbar fejn ikun hemm numru kbir ta' familji bi sfond ta' immigrant, xi skejjel jilqgħu l-maġġoranza vasta ta' dawn it-tfal, ġejjin mill-belt kollha. Konsegwentement fi ftit skejjel aktar minn 80% tal-istudenti ikollhom sfond ta' immigrant. Dan jista' jwassal għar-riskju li jinħolqu 'ghettos'. Eżempju ta' strateġija biex ma jinħoloqx dawn l-hekk imsejħa ghettos tal-iskejjel hija dik tad-Danimarka fejn il-leġiżlazzjoni tħalli lill-istudenti minn oqsma etniċi differenti li jiġu referuti lil skejjel oħrajn minflok dawk lokali.

*2.3.4 Kooperazzjoni bejn is-servizzi*

L-importanza tal-kooperazzjoni bejn is-setturi differenti, livelli u atturi fl-amministrazzjoni edukattiva dwar l-edukazzjoni tal-istudenti bl-SEN u l-isfond ta' immigrant, hija msemmija b'mod ċar fir-rapporti kollha tal-pajjiż. Kollaborazzjoni attiva intersettorjali bejn is-servizzi edukattivi, soċjali u tas-saħħa; bejn is-sezzjonijiet tax-xogħol taż-żgħażagħ, edukazzjoni għat-tfulija bikrija u l-ħarsien, il-welfare tat-

tifel/tifla, il-ħarsien tas-saħħa, ix-xogħol soċjali, eċċ., huma meqjusa bħala prerekwiżiti bażiċi. Fil-prattika, in-nuqqas ta' kooperazzjoni suffiċjenti bejn is-servizzi involuti tidher li hi waħda mill-ostakli ewlenin għall-effiċjenza fl-edukazzjoni ta' studenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant f'ħafna pajjiżi.

*2.3.5 Informazzjoni għal/u involviment tal-ġenituri*

Dwar il-proviżjoni ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-estent ta' involviment ta' ġenituri, miżuri differenti qegħdin f'posthom fil-pajjiżi Ewropej, bil-għan li jassistu lill-istudenti bi sfond ta' immigrant u l-familji tagħhom fil-livell ta' ingaġġ, f'li jissetiljaw fil-post u li jiksbu informazzjoni dwar għażliet li jirrigwardjaw is-sistema ta' skola. Saret ftit enfasi fuq il-proviżjoni tal-edukazzjoni għal ġenituri ta' immigranti, minħabba li l-biċċa l-kbira tal-enfasi marret fuq it-tixrid tal-informazzjoni. F'dan ir-rispett hemm differenza kbira fil-metodi użati minn pajjiżi differenti, muniċipalitajiet differenti u anke skejjel fl-istess pajjiż fir-rigward ta' kemm ikunu attivi l-ġenituri.

It-tipi varji ta' proviżjoni jinkludu:

- Materjal miktub jew ta' (i.e. DVD) f'lingwi differenti (ħafna drabi fl-iktar lingwi barranin komuni) dwar is-sistema edukattiva fil-mainstream u f'dik ta' edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali, is-servizzi pprovduti, il-kurrikulu, eċċ.;

- L-organizzazzjoni ta' jiem ta' informazzjoni fil-livell muniċipali jew ta' skola bl-għajnuna ta' interpreti biex jagħtu tagħrif dwar is-sistema edukattiva, is-servizzi pprovduti lill-istudenti bi sfond ta' immigrant, il-kurrikulu, eċċ.;

- Interpreti f'sitwazzjonijiet fejn komunikazzjoni bejn skola u dar isiru realtà u f'xi każijiet, jinkludu laqgħat bejn il-ġenituri u l-għalliem/a. Tiġi pprovduta wkoll interpretazzjoni jekk ikun hemm bżonn f'laqgħat speċjali introduttorji li jinżammu ma' familji li jkunu għadhom kif waslu biex b'hekk jiġi spjegat lilhom id-drittijiet tagħhom f'dak li jirrigwardja l-edukazzjoni ta' qabel l-l-iskola u tal-iskola, kif ukoll il-valuri bażiċi li jkun hemm fil-kurrikulu nazzjonali;

- Għalliema tal-ilsien matern jew assistenti biex jikkoperaw mal-familji;

- Laqgħat flimkien ma' organizzazzjonijiet attivi għal familji ta' immigranti, fejn il-familji jistgħu jiksbu l-informazzjoni u jistaqsu mistoqsijiet fil-bidu u waqt l-iskola tat-tifel/tifla;

- Korsijiet tal-lingwa fil-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu qegħdin;

- F'xi każijiet, l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri jikkuntattjwaw lill-ġenituri tal-istudenti bi sfond ta' immigrant.

Il-biċċa l-kbira tar-rapporti tal-pajjiżi jenfasizzaw l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-iskejjel u l-familji għall-aħjar u l-aktar żvilupp bilanċjat u integrazzjoni ta' studenti bi sfond ta' immigrat fil-kommunità edukattiva. Huma wkoll jagħtu importanza lill-fatt li dan jieħu ħafna żmien u aktar xogħol huwa meħtieġ dwar l-involviment attwali tal-ġenituri fl-attivitajiet tal-iskola.

*2.3.6 Iffinanzjar tas-servizzi*

Huwa diffiċli tiddeskrivi fid-dettall l-implikazzjonijiet dwar il-proviżjoni għal studenti bl-SEN u sfond ta' immigrat u l-familji tagħhom. Dan minħabba l-fatt li f'ħafna pajjiżi l-proviżjoni hija offruta lill-istudenti kollha bl-SEN, irrispettivament mill-origini tagħhom jew l-istatus. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u ministeri oħra responsabbli għall-integrazzjoni u l-policies tal-inklużjoni għal studenti bl-SEN u l-isfond ta' immigrant jipprovdu fondi biex isostnu proġetti u attivitajiet addizzjonali relevanti. F'ħafna każi l-awtoritajiet lokali u l-iskejjel huma l-aħjar ikkwalifikati biex jiddeterminaw il-prioritajiet u jirċievu l-grants mill-gvern ċentrali jew federali għas-servizzi kollha neċessarji – b'ċerti restrizzjonijiet fuq dak li jista' jintefaq.

Budget addizzjonali huwa pprovdut għal attivitajiet ta' integrazzjoni u l-programmi li għandhom l-għan li jeliminaw żvantaġġi edukattivi u diffikultajiet tal-lingwa. Fost oħrajn, dan l-investiment ikopri l-ispejjeż għal klassijiet preparatorji/ta' reception, qabel tibda l-iskola, skola primarja u sekondarja, proviżjoni ta' ħtiġijiet edukattivi speċjali, għajnuna għal korsijiet ta' taħriġ fil-lingwa u għajnuna għat-tagħlim tal-ilsien matern. Ikopri wkoll proġetti fl-edukazzjoni primarja u sekondarja biex jiġu eliminati d-diffikultajiet fil-lingwi għal studenti li għadhom kif waslu u li jkollhom sfond ta' immigrant, proġetti għall-involviment tal-ġenituri, miżuri li jsostnu t-tranżizzjoni f'livelli edukattivi differenti, kwalifikazzjonijiet għal għalliema tal-lingwa, inizjattivi għall-kontroll u t-tnaqqis tan-numru kbir ta' studenti li jħallu l-iskola qabel u li ma jkunux ikkwalifikati, eċċ.

Inizjattiva finanzjarja ġdida, imwettqa fi ftit muniċipalitajiet (eż. l-Olanda), il-'budget marbut-mal-istudent' jidher li huwa effiċjenti fil-każ ta' studenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant. L-idea wara din l-inizjattiva hija li tbiddel minn iffinanzjar li jkun orjentat lejn l-għoti, għal

sistema li fiha l-mezzi jiġu indirizzati lejn il-persuna li jkollha bżonn dawn is-servizzi; fi kliem ieħor iffinanzjar li jkun immexxi skont il-ħtieġa. L-istudenti jistgħu jieħdu l-fondi magħhom l-iskola tal-għażla tagħhom, jew dik li se jkunu jattendu.

Madankollu, f'xi rapporti ta' pajjiżi oħra l-approċju ta' ffinanzjar immexxi skont il-ħtieġa (demand-oriented approach) huwa ġġudikat kritikament. Xi awturi (eż. Bleidick, Rath and Schuck, 1995) jirreferu għall-problematika tal-'illejbiljar-riżors-dilemma' (labelling-resource-dilemma); l-iskejjel jieħdu riżorsi biss biex jaħdmu fuq sitwazzjonijiet ta' sfidi (bħal żieda fl-immigrazzjoni) jekk l-istudenti huma llejbiljati bi ħtieġa speċjali, b'defiċjenza jew devjazzjoni.

Sistema ta' ffinanzjar alternattiv kienet introdotta f'xi cantons Svizzeri: minflok li jiġu llejbiljati studenti individwali b'defiċjenzi jew SEN, l-iskejjel jirċievu fondi skont l-istatus soċjo-ekonomiku tal-popolazzjoni tal-iskola tagħhom. Għalhekk, din tagħti l-priorità lill-iskejjel tal-qrib li jkollhom nuqqas ta' xogħol għoli u inqas djar ta' familji b'ġenitur wieħed li jirċievu aktar studenti bi sfond ta' immigrant. L-indiċi-soċjali li jħejji l-bażi għad-distribuzzjoni tar-riżorsi kien żviluppat fuq bażi empirika (Milic, 1997, 1998). L-iskejjel imbagħad jiddeċiedu għalihom infushom fejn iridu jużaw il-flus addizzjonali eż. biex inaqqsu d-daqs tal-klassijiet mainstream, biex jimpjegaw għalliema għal edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali, jew biex jibagħtu studenti individwali għal programmi speċjali.

Li wieħed jgħallem suġġetti oħrajn fil-lingwa materna jidher li huwa suġġett għal kontroversja f'ħafna pajjiżi. Xi professjonisti kif ukoll xi riċerkaturi jitkellmu dwar l-prezz għoli ta' edukazzjoni bilingwi u l-isfida tal-obbligazzjoni legali tal-istat biex jorganizzaha. Barra minn hekk, huwa iebes ħafna biex jiġi ggarantit b'mod raġjonevoli d-dritt tat-tagħlim tal-ilsien matern jekk ikun hemm aktar minn 100 lingwa jintkellmu f'pajjiż. Xi professjonisti jenfasizzaw ukoll in-nuqqas ta' taħriġ ta' għalliema f'dan il-qasam, filwaqt li oħrajn isostnu li hemm il-ħtieġa ta' toroq individwali, bi tranżizzjoni gradwali minn edukazzjoni għall-ilsien matern għal tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż li jkun.

Huwa importanti li wieħed jiddistingwi bejn:

- Il-proviżjoni tal-ilsien matern separatament mill-proviżjoni fil-livell mainstream;
- Il-proviżjoni ta' spjegazzjonijiet fl-ilsien matern tal-istudenti (eż. permezz tal-użu tal-interpreti) waqt it-tagħlim tal-lingwa;

- Il-proviżjoni bilingwi għas-suġġetti kollha.

F'xi pajjiżi, dan l-aspett bilingwi huwa meqjus mhux biss f'termini finanzjarji, imma jiddependi wkoll fuq il-policy tal-edukazzjoni kif ukoll l-ideoloġiji li jikkonċernaw l-identità nazzjonali tal-pajjiż.

Tipi varji u kwalità ta' proviżjoni huma offruti fil-pajjiżi kif ukoll bejn ir-reġjunijiet u l-muniċipalitajiet fl-istess pajjiż. Skont xi rapporti tal-pajjiżi din il-varjazzjoni hija minħabba raġunijiet bħal: il-policy edukattiva nazzjonali jew federali; ir-responsabiltà ċentralizzata jew deċentralizzata għall-proviżjoni edukattiva; l-adekwatezza tar-riżorsi umani u finanzjarji; il-kooperazzjoni bejn is-servizzi u dawk li jipprovdu s-servizzi; l-adekwatezza u l-koerenza tal-istrateġiji; il-kompetenza tal-komunità edukattiva u l-impenn, eċċ.

## 2.4 Miżuri ta' sostenn

Fuq il-bażi ta' miżuri ta' sostenn differenti pprovduti mill-pajjiżi lil studenti b'SEN u sfond ta' immigrant, ir-rapporti tal-pajjiż jagħfsu fuq l-isfidi ewlenin li jaffaċċjaw l-iskejjel, l-għalliema, l-istudenti u l-familji tagħhom kif ukoll ir-riżultati pożittivi dwar il-miżuri tas-sostenn.

### *2.4.1 L-isfidi ewlenin iffaċċjati mill-iskejjel/għalliema*

Varjetà ta' fatturi, irrapportati mill-pajjiżi, jidħlu f'xulxin biex joħolqu l-isfidi ewlenin iffaċċjati mill-iskejjel, l-għalliema, l-istudenti u l-familji tagħhom. Ir-rapporti kollha tal-pajjiżi qalu ċar u tond li l-assessjar inizjali tal-ħtiġijiet ta' studenti bilingwi jikkawża sfidi ewlenin għal skejjel u għalliema. Ir-riżultati ta' assessjar standardizzat u/jew testijiet psikoloġiċi ma jidhrux li huma ta' min joqgħod ħafna fuqhom u ma jagħtux l-kejl eżatt tal-abilitajiet u l-potenzjal tal-istudenti. Ir-raġuni ewlenija hi li dawn ġew żviluppati u standardizzati, imsejsa fuq tfal monolingwi fil-kultura tal-pajjiż fejn ikunu, jew anke f'pajjiżi oħra eż. l-Istati Uniti tal-Amerka.

Sejbiet minn riċerka li tidher f'ħafna rapporti ta' pajjiżi, per eżempju d-diskrepanza fil-proporzjonijiet li fihom it-tfal bi sfond ta' immigrant huma rrappreżentati f'edukazzjoni speċjali. L-isproporzjoni jwassal għal rappreżentazzjoni ogħla jew anqas fil-forom kollha tal-edukazzjoni speċjali. Rappreżentazzjoni ogħla ħafna drabi tidher skont id-diffikultajiet tal-lingwa, il-komunikazzjoni u l-qari. Fuq in-naħa l-oħra, studenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant jistgħu ma jiġux identifikati għaliex l-iskola tispjega d-diffikultajiet fit-tagħlim, lingwa, qari u spelling bħala nuqqas ta' kompetenza fil-lingwa tal-pajjiż fejn

ikunu. L-isfida ewlenija għall-iskejjel u l-għalliema tidher li qiegħda meta jddistingwu bejn studenti li għandhom ħtieġa ta' sostenn lingwistiku u studenti li għandhom ħtiġijiet edukattivi speċjali.

F'ħafna muniċipalitajiet kif ukoll fil-livell ta' pajjiżi, ir-rapporti tal-pajjiżi jissuġġerixxu li m'hemmx biżżejjed sostenn fl-iskejjel biex jgħin lil studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant biex jiksbu l-objettivi tal-kurrikulu. Dan huwa partikolarment diffiċli meta l-istudenti jkunu għadhom qegħdin jitgħallmu l-aspetti bażiċi tal-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu. Rapporti tal-pajjiżi huma tal-fehma li ftit hemm materjal għat-tagħlim ta' suġġetti differenti fl-ilsien matern kif ukoll għal tfal bl-SEN u bi sfond ta' immigrant. Studenti li jaslu fil-pajjiż fl-età ta' bejn it-13–16-il sena u li jkunu rċevew skola limitata u jista' jkollhom ħafna problema fil-litteriżmu, jesperjenzjaw diffikultajiet serji meta jkollhom jaffaċċjaw l-isfida tal-iskola. In-nuqqas ta' qbil ta' skola bejn il-pajjiż tal-oriġini u l-pajjiż fejn ikunu hija sfida, u l-iskejjel għandhom diffikultajiet kbar biex isostnu lill-istudenti f'dawn is-sitwazzjonijiet.

Kwistjoni oħra hija relatata ma' nuqqas ta' kompetenza tal-iskejjel u l-għalliema dwar studenti bi sfond ta' immigrant b'mod ġenerali. Jidher li inqas skejjel qed ikollhom esperjenza ta' studenti li jkollhom kemm l-SEN kif ukoll bi sfond ta' immigrant.

Xi pajjiżi jitkellmu dwar ostakli fl-attitudni ta' xi għalliema, li jqisu li studenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant fil-klassi bħala problema addizzjonali. L-għalliema ħafna drabi jadattaw għal waħda biss miż-żewġ karatteristiċi tal-istudent/a: jew għall-SEN tal-istudent jew għall-isfond ta' immigrant. Ximindaqqiet l-għalliema jippreżentaw dawn iż-żewġ aspetti separatament jew b'mod oppost; per eżempju każi ta' studenti b'awtiżmu li jkunu rrifjutati tagħlim bl-ilsien matern tagħhom kienu rrappurtati f'xi rapporti tal-pajjiż. F'dawn il-każi, l-istudenti bi ħtiġijiet speċjali tpoġġew l-ewwel u ġew ppreżentati bħala ostaklu biex jaċċessjaw proviżjoni ddedikata għal studenti bi sfond ta' immigrant. L-għalliema jinħtieġ li jirriflettu fuq u jaddattaw l-approċju tat-tagħlim tagħhom għal sitwazzjonijiet edukattivi ġodda. Dan jinvolvi li jridu jirrikunsidraw il-kontenut, il-metodi u l-proċessi użati fit-tagħlim, il-materjal tat-tagħlim u t-tagħmir, l-involviment tal-ġenituri, eċċ. Barra minn hekk, l-għalliema li jaħdmu ma' studenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant ħafna drabi jinsew l-ambjent tal-istudenti waqt ix-xogħol tagħhom li jkollhom x'jagħmlu matul il-ġurnata. Għalhekk huma jiffukaw fuq l-immaniġġjar ta' kif jgħallmu lill-istudenti minn perspettiva ta' diżabiltà.

F'xi rapporti tal-pajjiżi, insibu indikaturi li studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant, fis-settur speċjali tas-sekondarja b'mod speċjali, ikollhom riskju għoli li jkunu influenzati minn studenti oħra. Għalhekk, l-iskejjel jinħtieġ li jaffaċċjaw l-isfida biex jeħilsu mill-possibiltà li l-istudenti jiġu involuti fil-krimini. Approċju pożittiv għal dan hija t-tħejjija ta' dawn l-istudenti b'mod attiv għad-dinja tax-xogħol. Barra minn hekk, skont rapport Svizzeru, sfida oħra li tita' tiġi identifikata hija s-segregazzjoni soċjali fi/ġewwa l-iskejjel, b'mod speċjali jekk l-iskejjel jistabbilixxu klassijiet speċjali għal studenti b'SEN, jew għal studenti li minnhom ikun mistenni ftit li xejn suċċess. Studenti fi gruppi bħal dawn ikollhom ir-riskju li jitgħallmu ħwejjeġ minn studenti oħra li mhux dejjem jarawhom bħala soċjalment aċċettabbli, għalhekk jiżviluppaw imġiba mhux mixtieqa. Biex neħilsu milli dan jirriżulta, l-inklużjoni soċjali tal-istudenti kollha għandha tkun is-soluzzjoni.

Finalment, kooperazzjoni insuffiċjenti bejn is-servizzi involuti fl-identifikazzjoni u t-twettiq ta' strateġiji ta' intervent li jindirizzaw lil studenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant, hija aspett ieħor li ġie rrapportat dwaru minn ħafna pajjiżi. Barra minn hekk, f'ħafna muniċipalitajiet jidher li hemm nuqqas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni sistematiċi tat-twettiq tal-metodi pedagoġiċi interkulturali.

Forom ta' omoġeneità kulturali – bħalma huwa l-każ bi klassijiet separati – jistgħu jidhru bħala li jwasslu għal aktar diffikultajiet soċjali, filwaqt li l-approċju inkluživ li jippromwovi diversità edukattiva jista' jidher bħala ċans biex jiġu żviluppati l-kompetenzi soċjali mal-istudenti kollha.

### *2.4.2 Il-perċezzjonijiet tal-istakeholders*

F'xi skejjel jidher li hemm ir-razziżmu u attittudnijiet negattivi lejn studenti bi sfond ta' immigrant. Mill-eżaminar ta' rapporti tal-pajjiżi, jidher li ma sarx biżżejjed xogħol fuq l-aġġustament mutwu bejn studenti bi sfond ta' immigrant u studenti mtellgħa fil-pajjiż fejn ikunu. Barra minn hekk kien hemm approċji interkulturali insuffiċjenti fil-livell ta' skola. Ġie rrapurtat li ximindaqqiet studenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant iħossuhom iżolati għaliex xi mindaqqiet huwa diffiċli li tintegra studenti bi sfond ta' immigranti fil-klassi mainstream wara li hi/hu jkun għamel il-klassi preparatorja.

Il-proċess ta' integrazzjoni jitlob ħafna flessibiltà mill-għalliema mainstream. Rapporti tal-pajjiżi jitkellmu dwar studenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant li ħafna drabi jesperjenzaw ukoll ibbulijar fl-iskola.

Rapporti tal-pajjiż jitkellmu dwar ġenituri li ximindaqqiet ikollhom diffikultà fl-għajnuna tat-tfal tagħhom fil-homework minħabba in-nuqqas ta' kompetenza fil-lingwa tal-pajjiż li jkun, nuqqas ta' edukazzjoni u/jew minħabba li huma illitterati. Il-ġenituri minn sfond ta' immigrant mhux dejjem jikkooperaw b'mod attiv mal-iskola. Il-ġenituri jistgħu wkoll ikollhom twemmin dwar l-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali u istruzzjoni rimedjali differenti minn dawk tan-nies li jkunu mtellgħin fil-pajjiż fejn ikunu. Huma jistgħu jqisu l-edukazzjoni speċjali bħala forma ta' illejbiljar negattiv. Il-ġenituri jista' wkoll ikollhom aspettazzjonijiet differenti għal bniet u subien; xi wħud jistgħu jaħsbu li l-edukazjoni tal-bniet mhijiex daqshekk ta' valur daqs l-edukazzjoni tas-subien u konsegwentement jistgħu jqumu xi diffikultajiet bejn il-valuri tad-dar u l-valuri tal-iskola. Għalhekk jinħtieġ li jkun hemm ftehim komuni bejniethom, għalkemm huwa importanti li wieħed isostni li hija wkoll ir-responsabiltà tal-iskola u s-sistema li jtejbu l-kollaborazzjoni mad-dar, biex b'hekk inaqqsu d-differenzi soċjali.

Skont rapporti tal-pajjiż, ir-relazzjoni bejn l-aspetti kulturali u reliġjużi jistgħu wkoll jikkawżaw diffikultajiet għal studenti b'SEN u sfond ta' immigrant u l-ġenituri tagħhom. Pereżempju l-istil tat-tagħlim tal-pajjiż fejn ikunu jista' jkun differenti ħafna minn kif l-għalliema jaħdmu fil-pajjiż tal-oriġini tal-istudent. F'ċerti kulturi t-tfal bl-SEN m'humiex inkoraġġuti xejn fl-iżvilupp tagħhom – jew il-ġenituri jkunu jħossuhom jistħu li wliedhom għandhom diżabiltà. Teenagers, tfajliet b'mod partikolari, ukoll jinżammu d-dar biex jgħinu fix-xogħol tad-dar. Barra minn hekk, il-proċess tal-aġġustament tal-ġenituri ħafna drabi huwa kkomplikat ħafna u l-ġenituri ħafna drabi jkollhom jaraw kif isolvu diffikultajiet soċjali. Il-problemi tal-istudenti jistgħu jirriflettu dawn is-sitwazzjonijiet diffiċli tal-familja.

Rapporti oħra tal-pajjiż jagħfsu fuq l-isfidi ewlenin li nsibu fl-iskejjel li ma jaġġustawx għall-bidla fl-ambjent u l-popolazzjoni tal-iskola speċifika taghom. Ir-riżultati per eżempju, f'sitwazzjonijiet fejn l-ambjent ta' madwarhom huwa multikulturali, u l-iskejjel u l-għalliema għadhom jidderieġu t-tagħlim tagħhom lejn udjenza monolingwi, u jippreparaw l-istudenti kollha għal futur statiku u monokulturali.

Il-policies tad-djar dwar abitanti bi sfond ta' immigrant f'ħafna muniċipalijiet jirriżultaw f'ħafna familji bi sfond ta' immigrant li jgħixu fl-istess ambjenti. Popolazzjoni li jkollha żieda ta' immigranti f'ambjent lokali wieħed, jista' jkollha konsegwenzi negattivi għall-

integrazzjoni ta' studenti fil-kommunità lokali. Min-naħa l-oħra, muniċipalitajiet oħra jilqgħu biss ftit studenti bi sfond ta' immigrant u bħala konsegwenza dawn l-iskejjel ikollhom ftit li xejn sostenn għal dawn l-istudenti. F'ħafna każi, ikun hemm nuqqas ta' għalliema kkwalifikati u riżorsi biex isostnu studenti bi sfond ta' immigrant.

Finalment, ħafna rapporti tal-pajjiżi jgħidu li d-diffikultajiet kulturali u tal-lingwa ta' waħda jew tnejn mill-ġenituri – u ħafna drabi tat-tifel/tifla wkoll – jistgħu joħolqu sfidi meta jiġu biex jikkomunikaw mal-iskola.

*2.4.3 Ksib/riżultati pożittivi dwar miżuri ta' sostenn*

Barra dawn l-isfidi, numru ta' riżultati pożittivi dwar il-miżuri ta' sostenn pprovduti għal/mal-iskejjel, lil/mill-għalliema u lil studenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant f'pajjiżi differenti jistgħu jiġu identifikati. Xi ftit eżempji qegħdin jingħataw hawn taħt.

F'ħafna pajjiżi fil-livell muniċipali, hemm koordinaturi f'livelli edukattivi differenti responsabbli mill-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-iżvilupp ta' edukazzjoni għal studenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant. Jista' jkun hemm wkoll esperti li huma speċjalisti fl-immigrazzjoni: psikologi, ħaddiema soċjali, eċċ. Ħafna muniċipalitajiet wkoll għandhom personnel għall-ikkonsultar u l-koordinazzjoni li jaħdmu ma' skejjel, għalliema u familji bi sfond ta' immigrant.

Fil-livell ta' skola, staff speċjali, bħal għalliema tal-ilsien matern u assistenti, għalliema tal-lingwa tal-pajjiżi fejn ikunu bħala t-tieni lingwa, għalliema tal-klassi preparatorja, esperti pedagoġiċi li jikkooperaw flimkien bħala interpreti kulturali u għalliema għal ħtiġijiet speċjali għal studenti bi sfond ta' immigrant, huma meqjusa bħala fundamentali.

Pjanijiet Edukattivi Individwali żviluppati u mwettqa għal studenti b'SEN u sfond ta' immigrant huma meqjusa bħala miżura ta' sostenn importanti. Tagħlim bilingwi huwa użat wkoll f'xi muniċipalitajiet għaliex jidher bħala miżura ta' sostenn, effettiva. Student bi sfond ta' immigrant jista' jimxi 'l quddiem skont l-programm personali ta' studju tiegħu/tagħhom minflok sillabu organizzat bil-progressjoni skont il-grupp tas-sena – dan jidher li hu effettiv ħafna speċjalment ma' studenti li jkunu għadhom kif waslu. Dan ifisser flessibiltà fil-ħin tal-istudju u l-kontenut u fl-istess ħin l-istudent mhuwiex sfurzat li jirrepeti s-sena ta' skola jekk hu/hi ma jkunx laħaq l-għanijiet kollha tal-grupp tas-sena. F'ħafna skejjel, insibu wkoll sostenn addizzjonali u sostenn għall-homework wara l-iskola għal studenti bi sfond ta' immigrant.

Meta tgħallem studenti b'SEN u sfond ta' immigrant, is-sostenn tal-kap tal-iskola huwa meqjus bħala importanti ħafna. L-għalliema jqisu wkoll ix-xogħol f'team u s-sostenn mill-kommunità bħala essenzjali għas-suċċess tax-xogħol tagħhom mal-istudenti b'SEN u sfond ta' immigrant. Il-ħiliet tal-għalliem għandhom rwol importanti fis-suċċess tas-sostenn ipprovdut. Xi għalliema segwew korsijiet bejn l-iskejjel u taħriġ u kkowċjar tal-iskejjel fuq kif jgħinu studenti b'SEN jew bi sfond ta' immigrant (jew it-tnejn).

Riċerka li saret f'xi pajjiżi (eż. l-Ungerija) waslet għall-konklużjoni li fatturi inċidentali u individwali – primarjament l-attitudni tal-għalliema, il-mobiltà u l-identità professjonali – huma importanti ħafna biex jiddeterminaw l-adattazzjoni b'suċċess tal-istudenti b'SEN u sfond ta' immigrant. Is-suċċess tal-integrazzjoni tal-istudenti jiddependi primarjament fuq il-personalità, l-impenn professjonali u l-esperjenza pedagoġika tal-għalliema.

Stimulazzjoni fil-lingwa bikrija ta' studenti bi sfond ta' immigrant (eż. tfal li jkollhom bejn 3–5 snin) għandha effetti pożittivi u l-iżvilupp lingwistiku tal-istudenti aktar tard. Barra minn hekk riċerkaturi jagħrfu l-fatt li stimulazzjoni tal-lingwa twassal għal għarfien bikri ta' tfal bilingwi b'SEN. F'xi każijiet (eż. fl-Isvezja), teamijiet ta' riżorsa żviluppaw programm fuq kif tgħin tfal żgħar fil-ksib tal-lingwa tagħhom. Dan il-programm hu bbażat fuq studji riċenti u riċerka.

Xi wħud mill-prinċipji tal-programm huma: li jinkoraġġixxu tfal biex jitkellmu l-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu kif ukoll tal-ilsien matern; jgħinu lit-tfal biex jilħqu livell ta' lingwa tajba; jitkellmu magħhom ħafna u jħalluhom jitkellmu huma; jisimgħu u jkollhom attitudni miftuħa; isostnu interazzjoni ma' adulti u tfal tal-età tagħhom; ikollhom djalogi; joħolqu ambjent, li huma għanja u stimulanti; jaħdmu fi gruppi żgħar; jagħrfu r-riżorsi ta' tfal u l-familji tagħhom.

F'xi każijiet oħra (eż. Zurich, l-Isvizzera), ir-riżultati ta' evalwazzjonijiet esterni juru li l-immaġni ta' skejjel multikulturali titjieb jekk l-iskejjel kumplessivament jirċievu sostenn fil-mod kif jittrattaw maż-żieda fil-popolazzjoni tal-istudenti li jkollhom sfond ta' immigrant. Ġenituri u l-pubbliku inġenerali għandhom opinjoni aħjar ta' dawn l-iskejjel; it-tagħlim tal-istudenti kollha – mhux biss dawk bi sfond ta' immigrant – jitjieb; l-għalliema jiżviluppaw l-ħiliet tagħhom konsidervevolment; l-għalliema jtejbu x-xogħol f'team u jiżviluppaw strateġiji edukattivi komuni.

F'xi pajjiżi, l-iskejjel jadottaw approċju interkulturali biex isaħħu l-kommunità soċjali bejn it-tfal kollha, u programmi multilingwi biex isaħħu l-ħiliet konoxxitivi, soċjali u affettivi. F'xi każijiet oħra (eż. il-Portugal), il-proviżjonijiet kollha, is-sostenn u l-assessjar huma r-responsabiltà tal-għalliema tal-klassi individwali biex b'hekk it-tipi kollha ta' proviżjoni li jkun hemm bżonn biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti jiġu kkordinati fil-livell mainstream tal-iskola. Sostenn fil-ħiliet tal-lingwa huwa kkoordinat bis-sostenn tal-SEN matul il-pjan edukattiv individwali. Il-policy hija meqjusa bħala inklużiva u ttejjeb il-prattika tajba fil-qafas ta' approċju ċċentrat fuq it-tifel/tifla.

### *2.4.4 Il-fatturi ta' suċċess f'relazzjoni ma' ambjent ta' tagħlim inklużiv fil-qafas ta' klassi multikulturali*

Rigward referenzi għal miżuri ta' sostenn ta' evalwazzjoni ppjanati jew li jkun diġà saru li jindirizzaw l-isfida doppja tal-SEN u sfond ta' immigrant, ħafna pajjiżi rrappurtaw li għalkemm ma hemmx ħafna studji ta' riċerka kompluti fuq din il-kwistjoni doppja, insibu xi ftit studji fuq skala żgħira u rapporti ta' evalwazzjoni li kienu/huma qegħdin isiru fil-livell nazzjonali jew lokali. Il-fatturi ewlenin ta' suċċess u l-ostakli relatati jew ma' ambjent ta' tagħlim inklużiv jew segregat fi ħdan il-qafas tal-klassi multikulturali rrapportati mill-pajjiżi, u li nkisbu minn dawn l-istudji fuq skala żgħira u r-rapporti ta' evalwazzjoni, huma ppreżentati hawn taħt.

Nibdew biex ngħidu, il-prinċipju ta' tagħlim inklużiv ilu jintlaħaq b'suċċess f'ħafna skejjel fejn studenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant jattendu skola lokali flimkien ma' sħabhom. Ta' min jgħid li dan it-tip ta' suċċess jinħtieġ il-proviżjoni ta' riżorsi suffiċjenti addizzjonali u sostenn għal studenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant. Id-diversifikazzjoni tal-kurrikulu, li jinkorpora kontenuti u materjal ta' tagħlim li jagħrfu l-esperjenzi tal-istudenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant ukoll huma meqjusa bħala importanti ħafna. Gruppi ta' tagħlim iżgħar f'xi suġġetti jidhru li huma ta' vantaġġ.

L-intervent ta' għalliema tal-ilsien matern jew assistenti, għalliema bilingwi, jew għalliema għal ħtiġijiet speċjali fil-klassi, flimkien mal-għalliem/a tal-klassi, ġie ppruvat li huma prattika tajba.

Is-sostenn tal-kap tal-iskola u l-attitudni pożittiva mill-istaff tal-iskola huma wkoll fatturi pożittivi għal ambjent ta' tagħlim inklużiv. L-aġġornament inizjali u waqt ix-xogħol tal-għalliema wkoll huwa meqjus bħala importanti. Il-professjonisti tal-iskola ċċelebraw l-ftuħ

mentali tal-iskejjel fejn l-għalliema jikkoperaw ma' xulxin u ma' organizzazzjonijiet u professjonisti 'l barra mill-edukazzjoni. Xi muniċipalitajiet jikkunsidraw li klassijiet preparatorji għandhom jirċievu gruppi multikulturali u mhux gruppi ta' studenti b'etniċità waħda jew tnejn. Huwa kkunsidrat li staff ta' skola bi sfond ta' immigrant huwa riżiorsa importanti.

Finalment, l-użu ta' assessjar formattiv ibbażat fuq il-kassi – pereżempju, osservazzjonijiet u assessjar permezz tal-portfolio – bħala alternattiva għat-testijiet standardizzati, jidher li huwa importanti ħafna fil-proċess ta' edukazzjoni inklużiva.

## 2.5 Assessjar[2]

Bħalissa qed tintefa' ħafna attenzjoni f'ħafna pajjiżi fuq dak li huwa assessjar tal-ħiliet lingwistiċi ta' studenti bilingwi fil-pajjiż fejn ikunu. Dan għandu x'jaqsam ukoll mal-ħtiġijiet tal-istudenti għal għajnuna fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-lingwa tagħhom fil-livell ta' qabel l-iskola jew meta jidħlu fis-sistema edukattiva. Il-ħiliet tal-lingwa huma meqjusa bħala kruċjali għal tagħlim fl-iskejjel b'suċċess u ħafna pajjiżi jużaw il-materjal tal-iscreening tal-lingwa għal dan il-għan.

Fil-pajjiżi kollha, għadd ta' għodod ta' assessjar u testijiet ġew żviluppati, aġġustati għall-kuntest nazzjonali u użati biex jassessjaw l-iżvilupp ta' student/a, il-ħiliet akkademiċi bażiċi tiegħu/tagħha u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet edukattivi speċjali tal-istudent/a. Ħafna minnhom huma għodod ta' assessjar u testijiet standardizzati, żviluppati biex jintużaw, fil-qofol tagħhom, ma' studenti monolingwi. Xi wħud minn dawn it-testijiet huma tradotti f'lingwi differenti, imma meta testijiet tal-lingwa huma tradotti, dawn jiġu mbiddla – jistgħu jsiru aktar kumplessi (jew eħfef), il-kostruzzjoni tas-sentenza u l-forom inflettivi jiddifferixxu minn lingwa għal oħra. Barra minn hekk, il-livell ta' diffikultà ta' kelma jew espressjoni mhux bilfors tkun l-istess fil-lingwi kollha, anke jekk mad-dehra l-kelma jkollha l-istess tifsira.

---

[2] 'Assessjar' jirreferi għall-modi kif għalliema jew professjonisti oħra b'mod sistematiku jiġbru u jużaw informazzjoni dwar il-livell ta' suċess ta' student u/jew żvilupp f'oqsma differenti tal-esperjenzi edukattivi tagħhom (akkademiċi, ta' mġiba u soċjali). Din is-sezzjoni tikkonsidra kemm *assessjar inizjali* li għandu l-għan li jidentifika l-abilitjiet tal-istudent u l-ħtiġijiet edukattivi speċjali possibbli, u l-*assessjar formattiv* li għandu l-għan li jinforma lill-għalliema dwar it-tagħlim tal-istudenti u l-iggwidar tagħhom fl-ippjanar għall-passi li jmiss fit-tagħlim.

Barra minn hekk, anke jekk il-materjal huwa tradott fl-ilsien matern tal-istudent/a, id-differenzi kulturali mal-pajjiżi fejn ikun l-istudent/a jista' joħloq distakk u jaffettwa r-riżultati tat-test.

F'każijiet oħra l-proċeduri tal-assessjar isiru bl-għajnuna ta' interpretu, li jew jittraduċi biss dak li jkun inkiteb fit-test u liema huma l-istruzzjonijiet, jew hu/hi jispjega wkoll ħafna aktar dwar it-test, biex b'hekk inaqqas l-effett tad-differenzi relatati ma' fatturi kulturali u soċjokulturali. Ximindaqqiet il-ġenituri jistgħu wkoll jinstaqsu biex jagħmlu din il-biċċa xogħol, għalkemm l-intervent ta' xi ħadd li jkun emozzjonalment qrib ħafna tal-istudenti jista' jiġi kkritikat ħafna.

Biex titnaqqas l-influenza kulturali u l-implikazzjoni tal-ħiliet tal-lingwa fil-proċess tal-assessjar, xi pajjiżi jużaw ukoll għodod mhux-verbali biex jassessjaw ħiliet konoxxittivi tal-istudent/a.

L-isfida ewlenija li nsibu f'numru ta' rapporti tal-pajjiż (eż. Ċipru, id-Danimarka, il-Fillandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Isvezja) hija li l-għodod tal-assessjar mhumiex żviluppati jew aġġustati għal studenti bi sfond ta' immigrant u minħabba f'hekk jikkawżaw ħafna problemi. Il-professjonisti jridu joqogħdu attenti ħafna meta jinterpretaw ir-riżultati ta' dawn it-testijiet. L-istudenti bi sfond ta' immigrant ma għandhomx l-istess ċans li jiksbu riżultati tajbin bħal studenti tal-post minħabba l-ħiliet ridotti fil-lingwa u/jew ħiliet oħra meħtieġa mill-għodda tal-assessjar. L-għodod u t-testijiet psikoloġiċi rarament jiġu aġġustati biex jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tal-istudenti bi sfond ta' immigrant fl-Ewropa.

Għalhekk, l-assessjar b'mod effettiv ta' studenti bi ħtiġijiet individwali jiddependi ħafna fuq ir-responsabiltà professjonali għall-proċess ta' assessjar u l-għerf u l-abiltà tiegħu/tagħha biex jikkonsidra l-bilingwiżmu kif ukoll l-aspetti multikulturali meta jintużaw għodod ta' assessjar u jiġu evalwati r-riżultati. Anke jekk f'ħafna pajjiżi, fil-livell nazzjonali, studenti bilingwi jirrappreżentaw aktar minn 10% tal-istudenti kollha, m'hemmx regola jew ħtiġijiet speċifiċi li jirrigwardaw l-edukazzjoni u l-għerf tal-professjonisti f'dan il-qasam.

Biex tintrebaħ din l-isfida, approċju ħolistiku ta' assessjar b'konċentrazzjoni fuq il-proċess ta' tagħlim u żvilupp huwa meqjus bħala kruċjali fl-assessjar ta' studenti b'SEN u sfond ta' immigrant. F'ħafna każi, l-għalliema jużaw assessjar kontinwu u djalogu ma' studenti u ġenituri bħala għodod ta' assessjar. Miri ssettjati għat-tagħlim tal-istudenti huma bbażati fuq livell tal-ħiliet bażiċi, l-istorja

tat-tagħlim tiegħu/tagħha u s-sitwazzjoni tal-ħajja tiegħu/tagħha. Fil-proċess tal-assessjar l-informazzjoni li tinġabar mill-ġenituri u l-istudent/a nnifsu/innifisha huma fundamentali. Meta jkun hemm bżonn ta' aktar assessjar l-iskola tuża teamijiet ta' assessjar multiprofessjonali. Tinħtieġ informazzjoni mill-għalliema kollha li huma involuti fit-tagħlim tal-istudenti (għalliema tal-klassi, għalliema tas-suġġett, għalliema tal-lingwa, għalliema tal-klassi preparatorja, għalliema tal-ilsien matern u għalliema ta' edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali). Ħaddiema soċjali u psikologi huma wkoll involuti fl-assessjar u l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet edukattivi speċjali u diffikultajiet fit-tagħlim.

F'xi pajjiżi u/jew muniċipalitajiet (eż. il-Fillandja) xi psikologi jagħżlu li jikkumbinaw metodi ta' assessjar tradizzjonali ma' analiżijiet bejn il-lingwi tal-iżvilupp tat-tieni lingwa u f'xi każijiet deskrizzjonijiet ukoll tal-ħiliet fl-ilsien matern.

F'ħafna pajjiżi, jekk assessjar extra jkun meħtieġ biex jiġu identifikati d-diffikultajiet tal-istudent/a b'SEN/problemi fit-tagħlim, l-istudent/a jiġi riferut mill-iskola u/jew il-ġenituri lil servizzi speċjali ta' assessjar, dijanjożi u mbagħad sostenn (eż. servizz ta' pariri edukattivi-psikoloġiċi, ċentri ta' riżorsa, ċentri mediko-psikoloġiċi, assessjar u ċentri ta' sostenn eċċ.). Il-proċeduri ta' assessjar isiru fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni mill-iskola u l-ġenituri flimkien ma' osservazzjonijiet/studji u testijiet tat-tifel/tifla, li jsiru minn speċjalisti (eż. psikologi, pedagogi, eċċ.) li jipprovdu pariri u counselling lill-iskejjel u l-ġenituri dwar l-iżvilupp tat-tifel/tifla u s-sostenn meħtieġ dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu/tagħha.

F'ħafna pajjiżi, għalkemm dokumenti relatati mal-edukazzjoni tal-istudent/a fil-pajjiż tal-oriġini (rapporti ta' skola, riżultati ta'proċessi ta' assessjar, eċċ.) huma mitluba meta l-istudent/a jibda l-iskola fil-pajjiż li jkun, ħafna ġenituri ma jkollhomx dawn ir-records aktar. F'każijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti jew dubju dwar l-SEN tal-istudent/a fiż-żmien meta hu/hi jkun reklutat fis-sistema tal-iskola tal-pajjiż li jkun, assessjar edukattiv-psikoloġiku bbażat fuq dokumenti mill-pajjiż tal-oriġini li jkun jista' jinkiseb u/jew testijiet addizzjonali jsiru bil-għan li jiġu identifikati l-ħiliet tal-istudent/a u jiġi deċiż fuq is-sostenn neċessarju li jkun tajjeb għall-ħtiġijiet tiegħu/tagħha.

F'xi pajjiżi, eż. ir-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Iskozja u Wales) il-ġenituri għandhom id-dritt li jappellaw lil tribunal – jew xi forma oħra ta' korp li jirrisolvi xi forma ta' tilwima jew organizzazzjoni li jittrattaw ma' ħtiġijiet edukattivi u diżabiltà – jekk il-ġenituri mhumiex ferħanin bid-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet lokali fuq l-assessjar u l-proviżjoni extra għall-SEN tat-tifel/tifla tagħhom. Din tista' tkun f'termini ta' rifjut mill-awtorità lokali biex isir l-assessjar jew li jinħareġ statement ta' SEN li jissettjaw l-proviżjoni edukattiva speċjali extra li tifel/a jkun jinħtieġ, il-proviżjoni proposta, jew l-allokar tat-tifel/a fi skola partkolari.

Numru ta' servizzi u professjonisti huma involuti fl-assessjar ta' studenti b'SEN u sfond ta' immigrant, fil-linja ma' regolazzjonijiet differenti u metodi ta' assessjar fil-pajjiżi. Bħala regola, il-ħtiġijiet u l-abilitajiet tal-istudenti huma l-ewwel osservati mill-għalliem/a tal-klassi; jiġu identifikati ħtiġijiet speċjali fil-kooperazzjoni mal-għalliema għal ħtiġijiet speċjai.

F'ħafna każi, team li jkun jikkonsisti mill-għalliema kollha involuti fit-tagħlim tal-istudenti bi sfond ta' immigrant (l-għalliem/a tal-istudent/a fil-klassi preparatorja, l-għalliem tal-ilsien matern, l-għalliem tal-lingwa tal-pajjiż fejn ikun, l-għalliem tal-ħtiġijiet speċjali, eċċ) jieħdu sehem fil-proċeduri ta' assessjar. Jekk ikun hemm bżonn, aktar professjonisti (psikologu, nurse, ħaddiem soċjali, terapista tat-taħdit, tabib mediku, eċċ.) mis-servizzi tal-welfare muniċipali jew tal-iskola jew iċ-ċentru lokali tar-riżorsi, iċ-ċentri tal-assessjar, id-dijanjożi, is-sostenn, l-istituti għall-edukazzjoni bi ħtiġijiet speċjali, eċċ.

Fuq il-bażi tar-riżultati mill-proċess ta' assessjar, tittieħed deċiżjoni, ħafna drabi mill-awtoritajiet tal-iskejjel lokali f'kooperazjoni mas-servizzi konċernati dwar is-sostenn ta' edukazzjoni speċjali meħtieġa mill-istudent/a. Sussekwentement, pjan ta' azzjoni li jkun fih sostenn adekwat neċessarju li jkopri l-ħtiġijiet tal-istudent/a jiġi fformulat.

L-informazzjoni kollha inkluża f'dan il-kapitlu tirreferi għal informazzjoni pprovduta fir-rapporti tal-pajjiżi u li tagħraf il-kumplessità tar-relazzjoni bejn SEN u sfond ta' immigrant. Parametri differenti, bħal sfond soċjo-kulturali, normi, twemmin reliġjuż, fatturi ekonomiċi, eċċ, jistgħu wkoll jkollhom effett sinifikanti fuq din ir-relazzjoni kumplessa.

## 3. RIŻULTATI FIL-QOSOR MILL-ANALIŻI PRATTIKA

L-analiżi prattika tal-istudju kienet ibbażata fuq ir-riżultati tal-preżentazzjonijiet u d-diskussjonijiet f'sitt żjarat organizzati fil-qafas tal-proġett: f'Malmö (L-Isvezja), Ateni (il-Greja), Pariġi (Franza), Brussel (Il-Belġju), Amsterdam (l-Olanda), Varsavja (il-Polonja). Il-lokazzjoni ta' dawn iż-żjarat kienet ggwidata minn tliet kriterji:

a) Pajjiżi li vvoluntarjaw li jorganizzaw analiżi prattika ta' xogħol matul iż-żjarat tal-istudju;

b) Lokalitajiet ġeografiċi ta' pajjiżi li wrew diversità fil-kultura tagħhom u l-approċju edukattiv;

c) Tradizzjoni ta' immigrazzjoni – lokalitajiet li jikkumbinaw ma' tradizzjoni ta' immigrazzjoni minn żmien twil għal dawk b'sitwazzjoni ta' immigrazzjoni relattivament ġdida.

L-għan ta' dawn iż-żjarat kien li jaraw fil-prattika kif is-sitwazzjoni ta' studenti bl-SEN u bi sfond ta' immigrant kienet f'ambjenti edukattivi differenti, f'relazzjoni mal-ħames oqsma tal-analiżi tal-proġett.

Il-professjonisti kollha involuti f'dawn iż-żjarat kienu infurmati minn qabel dwar il-proġett u dwar il-ħames oqsma li l-grupp kellu l-ħsieb li janalizza u jiddiskuti magħhom fil-livell prattiku. Iż-żjarat kollha saru fuq l-istess mudell: introduzzjoni għas-suġġett mill-esperti lokali u/jew nazzjonali; preżentazzjoni tal-lokalitajiet mill-pajjiżi; żjajjar u diskussjonijet mill-professjoni tal-post, segwiti minn diskussjonijiet u analiżi preliminari mill-grupp ta' esperti.

Għalkemm iż-żjarat kollha użaw l-istess mudell, konxji tal-importanza tal-atturi differenti involuti fl-edukazzjoni tal-istudenti b'SEN u bi sfond ta' immigrant, kull lokalità involviet il-parteċipazzjoni ta' xi wieħed minn dawn l-istakeholders waqt iż-żjara: familji, professjonisti mhux mill-għalliema, professjonisti miċ-ċentri tal-assessjar u policy makers.

Qabel nibdew nagħtu fil-qosor il-karatteristii tal-postijiet miżjura, huwa importanti ngħidu li l-professjonisti mis-siti kollha miżjura kienu lesti ħafna kif ukoll xewqana li jaqsmu l-esperjenzi tas-suċċessi u d-diffikultajiet mal-professjonisti minn pajjiżi oħra. Huma kollha wrew impenn professjonali għoli.

## 3.1 Preżentazzjoni u l-karatteristiċi ewlenin tal-lokalitajiet miżjura

Ir-riżultati minn dawn iż-żjajjar kienu ppreżentati għall-ewwel b'introduzzjoni qasira tal-lokalitajiet differenti, segwiti minn kummenti ġenerali. Aktar informazzjoni dettaljata kif ukoll detttalji tal-kuntatt tal-iskejjel u ċ-ċentri li żorna f'sitt pajjiżi jinsabu fil-web area tal-Agency fejn tista' ssib informazzjoni kompluta fuq il-pajjiżi: www.european-agency.org/agency-projects

Dettalji tal-kuntatt dwar il-postijiet miżjura ssibhom fl-aħħar ta' dan ir-rapport.

### *3.1.1 Malmö (L-Isvezja)*

L-ewwel żjara kienet f'Malmö. Dan kien l-uniku post fejn l-grupp tal-esperti ma marx biex iżur ċentri edukattivi, imma minflok ltaqa' u ddiskuta ma' professjonisti mill-iskejjel primarji tal-mainstream – laqa' lill-istudenti minn 7 sa 16-il sena – u miċ-ċentru tas-sostenn.

Il-professjonisti kienu lkoll bbażati f'Rosengård, qasam urban fil-belt ta' Malmö, waħda mill-ibliet Svediżi multikulturali ewlenin fejn approssimament 34% tal-abitanti għandhom sfond ta' immigrant. Għandhom rata għolja ta' nuqqas ta' xogħol. F'Rosengård din tista' tlaħħaq it-80% tal-popolazzjoni. Fl-Isvezja, l-istudenti li għandhom sfond ta' immigrant huma fil-biċċa l-kbira tagħhom minn pajjiżi mil-Lvant Nofsani u l-pajjiżi ta' dik li kienet ir-Repubblika tal-Jugoslavja. Hemm konċentrzzjoni għolja ta' studenti minn dawn l-ambjenti etniċi fl-iskejjel ta' Rosengård. Barra minn hekk, l-edukazzjoni ta' qabel l-iskola f'Rosengård hija ħafna drabi magħmula minn tfal bi sfond ta' immigrant; il-klassijiet ta' qabel l-iskola huma offruti sa minn età ta' 6.

L-Isvezja ghandha policy ta' edukazzjoni diċentralizzata ħafna; il-muniċipalitajiet huma awtonomi ħafna u kompetenti fejn jidħol it-twettiq tal-edukazzjoni. Fil-każ ta' Malmö, il-Kunsill tal-Belt (City Council) jipprovdi fondi addizzjonali biex isostni l-popolazzjoni barranija. Ħafna mis-servizzi huma offruti lill-istudenti kollha u lill-familji tagħhom, b'xi servizzi speċifikatament indirizzati lil dawk li għandhon sfond ta' immigrant: board ta' migrazzjoni; ċentru lokali tas-saħħa għal tfal żgħar ħafna; ċentru tas-saħħa għall-immigranti u r-refuġjati; ċentru għall-ilsien matern, eċċ. L-involviment tal-ġenituri huwa pprijorizzat ħafna, imma l-professjonisti rrappurtaw li xi mindaqqiet ikollhom problemi ta' komunikazzjoni mal-ġenituri. Il-familji bi sfond ta' immigrant mhux dejjem jifhmu l-istruttura u l-

funzjoni tal-iskejjel u s-sistema edukattiva. Minħabba f'hekk, studenti u familji ximindaqqiet jirrappurtaw li huma jħossuhom segregati. Aspett importanti ieħor għall-familji huwa li dawn iridu jsegwu proċedura twila qabel jitħallew jibqgħu fil-pajjiż fejn ikunu.

Safejn jidħlu l-iskejjel, il-liġi tgħid li tfal u żgħażagħ li l-ilsien matern tagħhom mhuwiex l-iSvediż għandhom id-dritt li jingħataw tagħlim fl-ilsien matern fl-edukazzjoni obbligatorja u fis-sekondarja ogħla. L-għan ta' dan hu li jgħinu tfal u żgħażagħ jiżviluppaw l-ilsien matern tagħhom u tingħatalhom l-opportunità li jitgħalllmu aktar dwar il-kultura tagħhom kif ukoll dwar id-differenzi u x-xebh bejn iż-żewġ kulturi. Barra minn hekk, jekk ikun hemm bżonn, l-istudenti jistgħu jirċievu għajnuna għal suġġetti oħra fl-ilsien matern. Il-professjonisti kkummentaw li ximindaqqiet ikun diffiċli li jinstabu għalliema li jitkellmu l-ilsien matern, b'mod speċjali meta dan ikun grupp minoritarju żgħir. Barra minn hekk, il-professjonisti insistew li, li tgħallem u tassessja studenti fiż-żewġ lingwi, l-ilsien matern, u l-Isvediż huwa importanti ħafna. Ambjenti kulturali differenti għandhom modi differenti ta' tagħlim u kkomunikar. Id-diversità kulturali hija ppreżentata fl-iskejjel u sostnuta b'mod pożittiv.

Bħala prinċipju, l-istudenti bi sfond ta' immigrant jattendu skejjel mainstream, bl-eċċezzjoni ta' studenti li jkunu neqsin mis-smigħ li ħafna drabi jirċievu għajnuna speċjali u jista' jkunu li jsegwu proviżjoni jew programmi speċjali. Programm speċjali huwa offrut lil studenti b'diffikultajiet intellettwali: huma jattendu klassijiet speċjali fl-iskejjel mainstream fejn l-intervent ħafna drabi jsir fil-klassi, bl-għajnuna tal-għalliema u t-team tal-mobile. L-iskejjel ikollhom materjal ta' għajnuna mill-għalliema u għodod ta' kwalità tajba.

Prioritajiet ċari kienu ppreżentati mill-għalliema kif ukoll mill-professjonisti miċ-ċentri ta' għajnuna. Dawn inkludew: prijorità għolja fl-intervent bikri; l-importanza u l-ħtieġa li jsir ix-xogħol mal-ġenituri; kooperazzjoni ma'/bejn il-professjonisti fl-iskola; il-ħolqien ta' atmosfera tajba fl-iskola. Huma kienu konxji wkoll u ssuġġerew li konċentrazzjoni għolja ta' nies bi sfond ta' immigrant jistgħu jwasslu għal ħolqien ta' 'ghettos'.

### *3.1.2 Ateni (Il-Greċja)*

It-tieni żjara saret fi skola primarja u oħra sekondarja tal-iskejjel ta' Ateni. L-istudenti li jattendu dawn l-iskejjel kellhom età bejn l-5 u s-16-il sena. Barra minn hekk, saret żjara f'ċentru ta' assessjar.

L-iskola primarja kellha total ta' 110 student; li kienu jinkludu 40 minn sfond ta' immigrant. Ftit minn dawn l-40 kellhom daqsxejn ta' problemi fit-tagħlim. L-iskola sekondajra kellha 270 student, li kienu jinkludu 25 bi sfond ta' immigrant u tnejn minnhom kienu meqjusa bħala li kellhom ħtiġijiet edukattivi speċjali. Il-biċċa l-kbira tal-istudenti kienu ġejjin minn pajjiżi mhux tal-Unjoni Ewropea – jiġifieri l-Albanija, il-Moldavja, l-Ukrajna, ir-Russja, l-Afrika, il-Pakistan, l-Emerati Arab Magħquda u t-Turkija – kif ukoll mir-Rumanija, il-Polonja u l-Bulgarija.

Kemm l-iskejjel primarji kif ukoll l-iskejjel sekondarji dan l-aħħar bdew jirċievu numru ta' studenti sinifikanti bi sfond ta' immigrant minn pajjiżi differenti. Huwa diffiċli ħafna li tagħraf studenti bi sfond ta' immigrant minħabba l-fatt li l-familji jkollhom l-opzjoni li jbiddlu isimhom għal ismijiet Griegi. Din il-possibiltà kienet offruta lill-familji bi sfond ta' immigrant biex jiskansaw kull tip ta' diskriminazzjoni u meta tqis kollox ma' kollox tidher li qiegħda taħdem tajjeb għal dawk li għandhom għarfien tajjeb tal-lingwa Griega. Iż-żewġ skejjel kienu miftuħa u sensittivi għall-multikulturaliżmu u kellhom approċju edukattiv flessibbli. L-iskola primarja ppruvat tapproċja familji biex tilqagħhom lilhom u lil uliedhom. Barra minn hekk l-istaff irċieva l-għajnuna meħtieġa biex titwettaq prattika inklużiva. Għalkemm l-iskejjel jinħtieġu li jsegwu l-Kurrikulu Nazzjonali, l-għalliema jipprovdu pjanijiet individwali għall-istudenti kollha. Għal studenti li jkunu għadhom kif waslu, jiġi offrut proċess bil-mod u flessibbli ta' integrazzjoni għalihom biex b'hekk jitgħallmu l-lingwa Griega. Fl-ewwel sena u nofs l-istudenti ma jkollhomx eżamijiet bil-miktub imma bis-smigħ biss.

Studenti b'SEN u sfond ta' immigrant huma assessjati minn ċentru ta' assessjar. Dan iċ-ċentru jagħti pariri lill-għalliema fuq kif għandhom jagħmlu l-adattazzjonijiet kurrikurali li jkun hemm bżonn. L-għajnuna hija pprovduta wkoll minn psikologu/a kif ukoll għalliem/a speċjalizzat, li jgħallem primarjament il-Matematika u l-Grieg, u li ma jkollux aktar minn ħames studenti fi klassi separata għal massimu ta' għaxar sigħat.

Iċ-ċentru ta' assessjar li nżar huwa ġdid. Huwa jipprovdi servizzi lil studenti ta' 250 skola f'Ateni bi staff ta' 18-il professjonista, li jaħdmu b'mod interdixxiplinarju. Dan huwa servizz pubbliku taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni, mingħajr ħlas, imma b'lista ta' stennija ta' sentejn. Ma hemmx differenzi dwar it-tipi ta' servizzi offruti lill-istudenti (Griegi jew dawk bi sfond ta' immigrant) b'SEN. Madankollu, ix-xogħol

mogħti huwa mmodifikat u addattat billi jingħata każ tad-differenzi f'relazzjoni mal-lingwa u l-kultura. Il-professjonisti jużaw l-osservazzjoni fid-dar u fl-iskola, testijiet mhux-formali, mhux-verbali u formali fejn jidħlu studenti b'SEN u sfond ta' immigrant. Ximindaqqiet meta studenti jkunu assessjati fil-lingwa tal-pajjiż tal-oriġini, ir-riżultat huwa tradott fil-Grieg, imma l-istudenti huma assessjat mill-ġdid. Tiġi ppjanata follow-up bi proċedura ta' assessjar ġdid li jibda wara tliet snin. L-assessjar ta' studenti bi sfond ta' immigrant dejjem isir fl-iskola.

Iċ-ċentru jikkoopera, l-aktar b'mod informali, mal-ġenituri, l-iskejjel u l-Ministeru tal-Edukazzjoni. Fejn jidħlu l-ġenituri, dawn jirċievu statement finali tal-ħtiġijiet tal-istudenti u huma ħilesa li jagħtuh lill-iskola jew le. Il-professjonisti qalu li l-ġenituri m'għandhomx informazzjoni fil-lingwa tagħhom u dan jista' jikkawża problemi fil-komunikazzjoni. Il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u ċ-ċentri tal-assessjar huwa bbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet pprovduti lill-professjonisti tal-iskejjel; madankollu, m'hemm l-ebda obbligazzjoni għall-iskejjel li jimplimentwaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Ximindaqqiet l-għalliema ssuġġerew nuqqas ta' riżorsi, jew il-fatt li jsir fi klassijiet iffullati bħala raġuni għal dan. Iċ-ċentru jipprovdi wkoll rakkomandazzjonijiet għall-MInisteru tal-Edukazzjoni dwar it-tip ta' riżorsi meħtieġa li għandhom jiġu pprovduti lill-istudenti u l-iskejjel.

Għalkemm li tittratta ma' numru dejjem akbar ta' studenti bi sfond kulturali differenti kienet sitwazzjoni pjuttost ġdida, l-impenn minn kapijiet ta' skejjel u għalliema kellhom rwol pożittiv importanti fiż-żewġ skejjel. L-iskejjel implimentaw kurrikulu flessibbli, żviluppaw tagħlim kooperattiv, ikkoperaw ma' u qasmu r-responsabiltajiet ma' servizzi oħra.

*3.1.3 Pariġi (Franza)*

It-tielet żjara saret Pariġi f'erba' skejjel ta' qabel il-primarja, u tal-primarja. L-istudenti li attendew dawn l-iskejjel kienu bejn 3 u 11-il sena. Waħda mill-iskejjel kellha 'CLIS', klassi ta' integrazzjoni speċjali ('Classe d'Intégration Spécialisée'). Din il-klassi ssegwi programm ta' integrazzjoni u tipprovdi għajnuna lil studenti b'SEN fil-klassijiet mainstream flimkien ma' għajnuna separata meta tinħtieġ.

L-erba' skejjel kienu lokalizzati fl-istess naħa, Qasam ta' Priorità Edukattiva, b'densità ta' popolazzjoni għolja ta' immigranti. Numru kbir ta' familji qegħdin jgħixu f'kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċli u

qegħdin jaffaċċjaw rata għolja ta' nuqqas ta' xogħol. Madwar 680 student/a kienu jattendu l-iskejjel, fost dawn 85% kellhom sfond ta' immigrant. Il-biċċa l-kbira tal-istudenti bi sfond ta' immigrant kienu mill-Afrika ta' Fuq u l-Afrika tal-Punent, jiġifieri minn dawk li kienu kolonji, imma wkoll mill-Asja u proporzjoni inqas mill-pajjiżi Ewropej. 50% tal-istudenti kienu qegħdin jingħenu minn għalliema speċjali fl-iskola jew minn ċentri mediko-psikoloġiċi barra l-iskola u 12-il student kienu qegħdin jattendu l-CLIS. Numru kbir ta' attivitajiet waqt il-ħin liberu kienu jiġu organizzati mill-iskejjel flimkien mas-servizzi lokali wara l-ħinijiet tal-iskola jew waqt il-vaganzi tal-iskola biex b'hekk jipprovdu lill-istudenti b'attivitajiet li l-familji ma kinux jifilħu jagħmlu. Kien hemm tnaqqis fil-ħlas għal kull attività tal-iskola li kien indirizzat lil familji bi status soċjo-ekonomiku aktar baxx, kif ukoll ikel b'xejn waqt il-ħin tal-iskola. Minkejja dan, l-għalliema kienu jħossu li l-għajnuna finanzjara ma kinetx biżżejjed biex twieġeb għall-ħtiġijiet li l-iskejjel kellhom.

L-iskejjel miżjura jaħdmu mill-qrib maċ-'Ċentru tas-Sostenn, Interazzjoni u Riċerka fl-Etno-Psikoloġija', parzjalment iffinanzjat mill-muniċipalità. Psikologu u erba' medjaturi kulturali jaħdmu hemm bi rwol li huwa deskritt bħala pont bejn il-ġenituri u l-iskola. L-istaff miċ-ċentru jgħin lill-istaff tal-iskola u joffri s-servizzi tagħhom lill-familji meta t-tfal ikollhom problemi fit-tagħlim. Huma jirċievu l-familji fl-iskola, darbtejn fix-xahar, barra l-ħin tal-iskola. L-għerf u l-għarfien tal-kultura tal-oriġini hija meqjusa bħala ta' valur biex tgħin lit-tifel/tifla, lill-familja u konsegwentement lill-iskola. L-iskejjel kienu miftuħin għall-parteċipazzjoni tal-ġenituri. Il-ġenituri kienu involuti u pparteċipaw fiż-żjara u b'hekk ipprovdew informazzjoni ta' valur kbir meta ppruvaw jifhmu r-reazzjoni tal-istudenti. L-istudenti jintbgħatu fl-iskola (skont fejn jgħixu). Il-ġenituri m'għandhomx il-libertà tal-għażla.

L-istudenti bi sfond ta' immigrant jattendu l-edukazzjoni mainstream. F'każijiet fejn ikollhom diffikultajiet ta' tagħlim, huma jibqgħu fl-iskola, imma jirċievu l-għajnuna meħtieġa minn għalliema speċjali u professjonisti oħra. L-iskola tipprovdi kotba tal-iskola ssimplifikati għal studenti b'SEN. L-għajnuna tieqaf hekk kif l-istudenti jilħqu l-livell edukattiv mistenni, imma jekk il-problemi jippersistu, il-psikologu tal-iskola jaħdem fl-iskola flimkien mal-għalliema speċjali billi joffri, flimkien mal-ġenituri, li jassessja l-ħtiġijiet tal-istudent/a. F'każijiet fejn dak li jkun offrut mill-iskola mhuwiex biżżejjed jew mhux aċċettat mill-familja, jistgħu jidħlu servizzi soċjali u mediċi minn barra. Dawn is-

servizzi jirċievu lill-familja u lill-istudent/a, jassessew il-ħtiġijiet tal-istudent/a u jistgħu jipproċedu b'xi terapija (pereżempju, fil-każ ta' studenti neqsin mis-smigħ). Tipi oħra ta' interventi esterni jeżistu wkoll f'każ ta' problemi ta' immobilità jew diżordnijiet psikoloġiċi. L-assessjar jista' jirriżulta wkoll f'li l-istudent/a jattendi klassijiet speċjali.

Il-Franċiż huwa l-lingwa użata fl-iskola fejn jidħlu l-lezzjonijiet u l-kotba. Meta tieħu inkonsiderazzjoni li xi studenti jkollhom ħiliet lingwistiċi foqra fil-Franċiż, xi skejjel f'din l-area jkollhom xi klassijiet preparatorji li l-għan tagħhom ikun li jtejbu l-akkwist tal-lingwa tal-pajjiz fejn ikun. L-istudenti jistgħu jattendu lezzjonijiet tal-Franċiż hemm għal tliet xhur u sa massimu ta' sena, qabel jirritornaw lejn l-iskola tagħhom. Li titgħallem l-ilsien matern ma kienx meqjus bħala relevanti, anke għal għalliema bi sfond ta' immigrant. Li titgħallem il-lingwa tal-pajjiż fejn tkun jidher li hija l-priorità ewlenija.

Kien hemm atmosfera tajba fl-iskejjel u biżżejjed spazju organizzat fejn it-tfal ikollhom fejn iduru. L-organizzazzjoni tal-attivitajiet tal-iskola kienet ippjanata tajjeb skont il-ħtiġijiet tal-istudenti. L-għalliema qajmu xi suġġetti ta' sfida: aktar għajnuna finanzjarja, aktar taħriġ ta' aġġornament u l-problema tar-reklutaġġ tal-għalliema biex imorru fi skejjel f'oqsma meqjusa bħala li kienu 'ta' diffikultà'.

*3.1.4 Brussel (Il-Belġju)*

Ir-raba' żjara saret f'żewġ skejjel li jitkellmu bil-Franċiż fi Brussel – waħda skola primarja mainstream, waħda skola speċjali – u f'ċentru ta' assessjar li jitkellmu bil-Fjammin. L-istudenti li jattendu ż-żewġ skejjel kellhom bejn sentejn u nofs u 14-il sena.

Qabel iż-żjara, il-grupp kellu ċ-ċans li jisma' żewġ testimonjanzi minn familja u minn żgħażagħ bi sfond ta' immigrant, u jiddiskutu magħhom. L-ostakli ffaċċjati mill-familji biex it-tifel/a jieħu l-aħjar għajnuna possibbli u jgħaddi għall-edukazzjoni mainstream, kif ukoll bħala l-ġlieda kontra r-razziżmu indirett, kienu espressi. Il-fehmiet taż-żgħażagħ kienu ftit jew wisq l-istess, għalkemm huma wkoll kellhom xi problemi dwar l-identità tagħhom: għal liema kultura kienu jappartjenu? Ximindaqqiet huma ħassewhom miċħuda kemm mill-pajjiż fejn kienu kif ukoll mill-grupp etniku tagħhom. Huma ssuġġerew li fil-fatt huma kellhom żewġ kulturi differenti u din kellha tiġi aċċettata l-ewwel minhom infushom imbagħad minn ħaddieħor.

L-iskola mainstream kienet skola primarja u sekondarja, lokalizzata f'ambjent fejn numru kbir tal-popolazzjoni tal-immigranti kienet tgħix,

fil-biċċa l-kbira min-naħa ta' fuq tal-Afrika, imma wkoll mill-Asja, pajjiżi mhux fl-Unjoni Ewropea u bi ftit immigranti min-naħa ta' isfel tal-Amerika. Kien hemm iffukar qawwi fuq din is-sitwazzjoni, fejn kien hemm approssimament 400 student minn 57 pajjiż differenti. L-iskola ħolqot ħames klassijiet 'pond' għal studenti li jkunu għadhom kif waslu, li joqogħdu hemm għal massimu ta' sena qabel jidħlu fil-klassi korrispondenti għal-livell edukattiv tagħhom. L-istudenti jistgħu jidħlu f'dawn il-klassijiet fi kwalunkwe żmien tal-iskola. 80 student kienu qegħdin jattendu dawn il-klassijiet, li ma kellhom l-ebda għarfien tal-lingwa Franċiża. Il-ħiliet tal-lingwa huma l-kriterju ewlieni għall-kompożizzjoni ta' din il-klassi. Jidher li l-istudenti ma kellhom l-ebda ħtiġijiet edukattivi speċjali, imma ħtiġijiet li kienu relatati biss mal-lingwa. L-istudenti kienu jitkellmu lingwi differenti u kien hemm taħlita ta' etajiet u kompetenzi. Fis-sezzjoni tal-edukazzjoni primarja li kienet magħmula minn tliet livelli, l-istaff inkluda għalliem/a interkulturali. L-iskola sekondarja kellha ħames livelli u għalliema tal-Franċiż biss.

L-atmosfera kienu waħda sabiħa, u l-istudenti u l-istaff dehru li kienu motivati. Id-dixxiplina u rwoli fissi huma parti mill-mod tradizzjonali tat-tagħlim, imma huma kienu aċċettati tajjeb ħafna bħala parti mill-edukazzjoni tal-iskola, b'kumbinazzjoni ta' awtorità u b'rispett sħiħ għad-differenzi. L-iskola kienet involuta fi proġett pilota magħruf bħala 'Lingwa u Kultura ta' Oriġini' li kien jinkorpora l-lingwa Franċiża fil-kultura tal-għalliema bi sfond ta' immigrant. Il-proġett pilota għandu l-għan li jgħin – jekk ir-riżultati huma pożittivi – 80 skola oħra fil-komunità Franċiża tal-Belġju.

L-għalliema kellhom attitudni pożittiva lejn l-istudenti b'kulturi diversi. Huma użaw metodi differenti u approċji didattiċi biex jgħallmu l-lingwa tal-pajjiż fejn kienu qegħdin u huma wkoll użaw l-għodod edukattivi kollha possibbli biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-proċess tat-tagħlim. Xi kummenti jinħtieġ li jiġu stressjati: l-għażla tal-materjal jieħu inkonsiderazzajoni mhux biss il-livell tall-lingwa tal-istudenti, imma wkoll l-età; l-użu tat-testi adatti jista' jkun hemm bżonnu għal suġġetti speċifiċi; aktar attivitajiet komuni ma' klassijiet ta' koetanji jista' wkoll jiffaċilita aktar tranżizzjoni għall-klassi mainstream. Li wieħed jitgħallem flimkien jgħin biex tinħoloq klima mhux-diskriminatorja fil-klassijiet 'pont' u l-iskola tagħmel ir-rwol tagħha bħala l-ewwel punt ta' kuntatt bejn il-kulturi u l-pajjiżi. Għandha wkoll tiffaċilita l-involviment tal-ġenituri u l-familji. Huwa

importanti li wieħed jassigura li jkun hemm lok għal djalogu u li tingħata l-għajnuna meħtieġa lill-għalliema.

L-iskola speċjali kienet primarja u waħda vokazzjonali fil-livell sekondarju bi 300 student. 60% tal-istudenti kienu rrapportati bħala li kellhom sfond ta' immigrant. Kien bini kbir mhux ħażin u kellu xi diffikultajiet arkitettoniċi. It-tfal kellhom problemi fit-tagħlim u fl-imġiba u xi wħud kellhom diżabiltajiet fiżiċi. Barra minn hekk, il-professjonisti qalu li ħafna drabi kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni mal-familji minħabba problemi ta' lingwa. F'xi każijiet kien hemm ukoll problemi ta' komunikazzjoni ma' studenti bi sfond ta' immigrant għax l-edukazzjoni kollha kienet ipprovduta bil-Franċiż. Biex tintrebaħ din id-diffikultà, l-għalliema jikkomunikaw permezz ta' kotba bl-istampi. L-istess diffikultà tista' taffettwa l-assessjar tal-istudenti, għalkemm il-professjonisti kienu konxji ta' din is-sitwazzjoni. Il-kuntatt mal-iskejjel mainstream kien irrappurtat bħala li kien wieħed limitat mhux ħażin.

L-organizzazzjoni VCLB Koepel (Vrije Centrum voor Leerlingenbegeleinding) hija Assoċjazzjoni ta' Ċentri għal Għajnuna ta' Studenti u Konsultazzjoni. Ix-xogħol ewlieni huwa li taħdem, tikkoordina u tgħin lil 48 ċentri reġjonali assoċjati (CLB) u mhux li taħdem direttament mal-istudenti u l-familji. Iċ-ċentri kollha huma b'xejn, organizzati u ffinanzjati mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-kommunità Fjammina. Iċ-ċentri tas-CLB joffru għajnuna u konsulenza lil studenti, ġenituri, għalliema u skejjel primarji u sekondarji. L-objettiv tal-VCLB huwa li jsaħħu l-iskejjel, l-għalliema u lill-ġenituri. Hija għandha l-għan li ssaħħaħ l-iskejjel mainstream, tirriduċi l-firda li taffettwa/timpedixxi l-konsulenza, tfittex strategiji priventivi, tieħu passi biex tasal għal dijanjożi ġusta – telimina fatturi disturbanti, tagħti importanza lil fatturi pożittivi. Skont l-istaff, kemm l-istudenti tal-pajjiż kif ukoll l-istudenti bi sfond ta' immigrant għandhom problemi simili meta jaqsmu ambjent ekonomiku baxx; u, dak li huwa tajjeb għal tifel/tifla bi sfond ta' immigrant huwa tajjeb għal kull tifel/tifla. Ma saret l-ebda enfasi speċjali għal studenti b'SEN u sfond ta' immigrant.

*3.1.5. Amsterdam (L-Olanda)*

Il-ħames żjara saret f'Amsterdam f'żewġ skejjel primarji speċjali, fi skola sekondarja, u skola oħra vokazzjonali speċjali li kienet mifruxa fuq ħames siti differenti u f'żewġ ċentri ta' assessjar. Waqt din iż-żjara l-grupp kellu ċ-ċans li jisma' lill-membru tal-Parlament Olandiż

jispjega d-diffikultajiet li wieħed isib u l-miżuri meħtieġa biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni u biex jiġi assigurat titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni għal dawk l-istudenti li huma l-aktar vulnerabbli. Fost dawn il-problemi, issemmew b'importanza l-proviżjoni ta' edukazzjoni għal qabel skola u kmieni fl-iskola, għal klassijiet tal-lingwa u għal budget extra għal studenti b'defiċjenza fil-lingwa.

Waħda mill-iskejjel primarji kellha 320 student/a bejn 3 u 13-il sena li approssimament 70% minnhom kellhom sfond ta' immigrant. L-iskola offriet provizjoni għal studenti b'diżordnijiet fit-taħdit u l-lingwa u pprovdiet ukoll għajnuna peripateika għal 180 student/a li kienu bbażati fi skejjel oħra f'Amsterdam. L-iżvilupp ta' ħiliet fit-taħdit tajjeb u l-lingwa kien l-għan ewlieni. Xi wħud mill-istudenti kienu bdew fi skola mainstream, imma minħabba problemi ta' lingwa kienu ġew irreferuti għal skola speċjali. Għalkemm xi wħud mill-istudenti marru lura għall-iskola mainstream, ħafna minnhom jibqgħu tul l-edukazzjoni primarja tagħhom kollha.

Il-ġenituri għandhom il-libertà tal-għażla fejn jidħlu l-iskejjel, għalkemm din mhux dejjem tkun daqshekk faċli għall-ġenituri bi sfond ta' immigrant. Fil-futur qrib, skejjel lokali jkunu responsabbli biex jassessjaw u jsibu l-iktar skola approprijata għall-istudenti f'kooperazzjoni mal-ġenituri.

Safejn jidħol l-materjal tat-tagħlim, l-iskola użat kull tip ta' għodod viżwali. Intużaw il-modi possibbli kollha biex l-istudenti jżidu l-vokabolarju u jiffaċilitaw il-komunikazzjoni mal-familji. L-iskola ħadmet mill-qrib mal-iskejjel mainstream billi pprovdiet taħriġ ta' aġġornament, għajnuna u servizz wara. Il-professjonisti tkellmu dwar l-importanza ta' assessjar bikri segwit minn miżuri ta' intervent bikri.

L-iskola primarja l-oħra kellha 153 studenti ta' bejn l-4 u t-12-il sena. L-istudenti f'din l-iskola kellhom diffikultajiet fit-tagħlim severi u problemi serji fil-komunikazzjoni (e.ż awtiżmu). Minn dawn l-istudenti, 85% kellhom sfond ta' immigrant; dawn kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom mill-Afrika, l-Asja u xi wħud minhom mill-pajjiżi Eworpej. 40 student kienu integrati fil-klassijiet mainstream. L-iskola tgħin lill-ġenituri fl-għażla tagħhom għal edukazzjoni fil-viċinanza tad-dar fl-iskejjel primarji, billi tipprovdi għajnuna peripatetika u superviżjoni. Fil-każ ta' studenti bl-awtiżmu integrati fl-edukazzjoni mainstream, għalliema speċjalizzati pprovdew taħriġ ta' aġġornament għall-kollegi

tagħhom fl-iskejjel mainstream. L-għalliem huma mħallsa għal din il-biċċa xogħol.

L-iskola kellha 'prattika inkluživa', fis-sens li studenti bl-awtiżmu kienu integrati fi gruppi mħallta. Huma ma kinux fi gruppi speċjali; l-istudenti kollha segwew pjan edukattiv individwali. L-użu ta' komunikazzjoni 'mhux-verbali' kienet magħżula u mwettqa b'mod tajjeb matul l-iskola.

L-iskola kienet tagħti ħafna importanza lill-involviment tal-ġenituri fl-attivitajiet kollha tal-iskola – l-edukazzjoni, il-ħin ħieles, eċċ. Fejn ikun hemm bżonn, jiġu mistiedna interpreti biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn l-għalliema u l-ġenturi. Bl-istess mod jeżisti 'ktieb tal-kuntatt' biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri. Minkejja dan, xi studenti ma kinux qegħdin jattendu l-iskola, imma kienu qegħdin jibqgħu d-dar. Li wieħed jitgħallem il-lingwa materna ma kienx meqjus bħala prijorità fl-iskola, għalkemm tliet membri tal-istaff kellhom sfond ta' immigrant. Enfasi qawwija kienet issir fuq l-assimilazzjoni tal-kultura fejn kienu qegħdin jgħixu.

L-iskola sekondarja u l-iskola vokazzjonali kienu lokalizzati f'ħames postijiet differenti. Din kienet tiġbor fiha żgħażagħ li kellhom xi problemi żgħar ta' tagħlim jew problemi moderati ta' tagħhim ħafna drabi assoċjati ma' problemi ta' mġiba. L-iskola kellha madwar 300 student/a bejn t-12 u l-20 sena. Persentaġġ għoli ta' studenti (80% jew aktar) bi sfond ta' immigrant kienu jattendu l-iskola. Waħda mill-iskejjel kellha konċentrazzjoni importanti ta' studenti minn Surinam, pajjiż li kien kolonja tal-Olanda. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-istudenti jkunu kapaċi li jattendu l-iskejjel mainstream jekk jirċievu għajnuna extra. F'ħafna każijiet il-professjonisti rrappurtaw deprivazzjoni kulturali serja bħala li kienet qiegħda taffettwa l-ksib tal-lingwa u t-tagħlim. Dawn l-istudenti m'għandhomx kontroll suffiċjenti, lezzjonijiet tas-suġġetti li kapaċi jifhmu u programmi li huma orjentati aktar lejn il-prattika. Kull żagħżugħ għandu kurrikulu individwali maħdum għall-ħtiġijiet tiegħu/tagħha. Wara 4 snin fl-iskola, jibda jkollhom esperjenzi regolari ta' xogħol fil-kumpaniji.

L-ambjent fil-lokalitajiet differenti kien tajjeb; ir-regoli kienu ċari u rrispettati u l-ambjent kien jidher sigur. L-għalliema dehru kommessi ħafna u taw ħafna attenzjoni individwali liż-żgħażagħ; huma kienu jaħdmu anke fil-ħin liberu tagħhom. Il-materjali u t-tagħmir kienu adattati ħafna. Fil-każ ta' għajnuna lil żgħażagħ biex jidħlu fis-suq

tax-xogħol, kien hemm approċju prattiku strutturat tajjeb li kien marbut mas-suq tax-xogħol.

Ir-relazzjonijiet mal-ġenituri kienu rrappurtati li jvarjaw: xi postijiet jidher li kienu jagħtu ħafna importanza lill-bdil ta' informazzjoni mal-familji, imma din is-sitwazzjoni ma tidhirx li kienet il-każ fl-iskejjel kollha. Il-ġenituri mill-iskola f'konċentrazzjoni qawwija ta' studenti minn Surinam rrappurtaw li kienu qegħdin jesperjenzaw diskriminazzjoni qawwija mis-soċjetà.

L-iskejjel kienu joffru programmi ta' lingwa speċjali għal studenti li l-ilsien matern ma kienx l-Olandiż. Il-kuntatti mal-iskejjel mainstream jidher li kienu pjuttost limitati.

Iż-żewġ ċentri ta' assessjar u rijabilitazzjoni kienu fil-qofol tagħhom jaħdmu ma' żgħażagħ li kienu qegħdin jippreżentaw problemi soċjali u ta' mġiba serji. Il-maġġoranza taż-żgħażagħ kellhom sfond ta' immigrant – il-biċċa l-kbira tagħhom min-naħa ta' fuq tal-Afrika. Xi wħud minnhom kellhom kuntatt mal-pulizija u d-dipartiment tal-ġustizzja. Iċ-ċentri kellhom l-għan bħala regola tagħhom li jkunu jafu l-istorja ta' dawn iż-żgħażagħ, li jippjanaw perjodu ta' osservazzjoni bejniethom magħhom li jħarrġuhom biex isibu x-xogħol. Xogħol mal-familja kien ta' prijorità għolja u kien jinkludi l-użu ta' tradutturi u/jew medjaturi biex jiċċaraw u jifhmu s-sitwazzjoni tal-familja.

*3.1.6 Varsavja (Il-Polonja)*

Is-sitt żjara saret Varsavja f'ħames skejjel mainstream, tnejn primarja u tlieta skejjel sekondarji, u f'Assoċjazzjoni ta' Intervent Legali. L-iskejjel primarji kienu pubbliċi u s-sekondarji kienu mhux-pubbliċi.

Aktar minn 700 student/a bejn is-6 u l-14-il sena, kienu qegħdin jattendu ż-żewġ skejjel primarji. Waħda mill-iskejjel kellha 35 student/a, ġejjin fil-biċċa l-kbira tagħhom miċ-Chechnya u l-Kawkażja ta' Fuq. In-numru ta' studenti bi sfond ta' immigrant kienu jvarjaw ħafna meta wieħed iqis li ħafna drabi l-familji jaslu (u jħallu) il-Polonja bħala art ta' tranżizzjoni. Id-diffikultajiet fil-lingwa kienu l-isfida ewlenija ta' dawn l-istudenti, flimkien ma' trawmi tal-gwerra li huma jkunu esperjenzaw. L-awtoritajiet edukattivi lokali pprovdew it-tagħlim fil-Pollakk darbtejn fil-ġimgħa. L-iskola kienet qiegħda tikkoopera mal-Assoċjazzjoni ta' Intervent Legali fil-qafas tal-proġett pilota 'Skola Multikulturali' sostnut mill-uffiċċju tal-Edukazzjoni tal-belt ta' Varsavja. L-għan kien li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-istudenti bi sfond ta' immigrant fil-komunità tal-iskola. Kien hemm assistent miċ-Ċeċnija

jgħin bħala medjatur u interpretu interkulturali, kif ukoll billi jagħmel lezzjonijiet fl-ilsien matern. Din kienet meqjusa bħala ta' importanza fejn tidħol l-identità kulturali tal-istudenti u l-integrazzjoni tagħhom. L-ebda student bl-SEN ma kien identifikat f'dawn l-iskejjel.

Fit-tieni skola primarja approssimament 10% tal-istudenti kellhom sfond ta' immigrant, l-aktar mill-Vjetnam. Dawn ma rrappreżentaw l-ebda SEN; għall-kuntrarju, il-proficjenza tagħhom fl-iskola kienet suċċess. Il-familji kienu lesti li jħallsu għal-lezzjonijiet addizzjonali biex jippruvaw xi tip ta' sostenn għal uliedhom hekk kif kienet tiġi identifikata xi ħtieġa.

L-iskejjel sekondarji miżjura kienu ġodda, b'orjentazzjoni pedagoġika influenzata ħafna minn edukaturi nazzjonali relevanti, jew politikanti. Tnejn mill-iskejjel sekondarji kellhom 420 student ta' età bejn it-13 u s-16-il sena. 30 student/a kienu identifikati bħala refuġjati miċ-Ċeċnija u pajjiżi oħra mill-Asja u l-Afrika. 27 student ieħor kellhom sfond ta' immigrant. Żewġ studenti kellhom diżabilitajiet/SEN. Ġenituri u għalliema flimkien kienu jmexxu l-iskejjel.

L-istudenti huma aċċettati f'dawn l-iskejjel b'eżami tad-dħul, barra dawk bl-SEN. Il-ġenituri jħallsu miżata, 6% tal-miżati huma rriservati biex jipprovdu self lill-istudenti minn familji b'diffikultajiet ekonomiċi. Inqas minn 10% tal-istudenti ma jħallsux miżata. L-iskejjel huma parzjalment sostnuti mill-awtoritajiet edukattivi.

L-objettivi ewlenin kienu biex jitgħallmu jgħixu f'soċjetà demokratika u biex jinħeġġu jkollhom attitudni miftuħa lejn kulturi oħra u ambjenti. L-għalliema kienu sostnuti mill-ġenituri. Ir-responsabiltajiet kienu maqsuma bejn kulħadd: għalliema, ġenituri u studenti. Tnejn mill-metodi edukattivi użati minn dawn l-iskejjel kienu l-metodu tat-tagħlim u l-assessjar formattiv. Jiġu pprovduti lezzjonijiet extra fil-Pollakk u suġġetti oħra hekk kif il-problema kienet tiġi identifikata. L-istudenti Ċeċeni kienu jingħataw xi lezzjonijiet fl-ilsien matern tagħhom.

It-tielet skola sekondarja kellha 103 student/a bejn is-16 u d-19-il sena. 9 studenti kellhom sfond ta' immigrant. Ma kienx hemm studenti bl-SEN. Din l-iskola, kif ukoll iż-żewġ skejjel sekondarji kellhom l-għan li jippreparaw lill-istudenti għal parteċipazzjoni attiva f'soċjetà moderna, multikulturali u demokratika.

L-Assoċjazzjoni tal-Intervent Legali li żorna hija NGO li l-għan tagħhom huwa li tipprovdi assistenza legali lil nies li huma marġinalizzati u dddiskriminati kontra, jiġifieri migrant, refuġjat u

dawk li jkunu qegħdin ifittxu kenn. L-Assoċjazzjoni tirrappreżentahom bħala medjaturi quddiem l-awtoritajiet lokali; issostnihom ukoll bħala/ flimkien ma' interpreti. L-assoċjazzjoni kienu involuti bis-sħiħ fil-proġett pilota ma' skola primarja, deskritta aktar 'il fuq, billi pprovdiet medjatur biex isostni l-lingwa u l-integrazzjoni soċjali tal-istudenti.

## 3.2 Kummenti ġenerali

Iż-żjajjar taw l-opportunità biex naraw prattiċi differenti, biex naqsmu u niddiskutu ma' professjonisti li jaħdmu f'dan il-qasam kif ukoll ma' familji, u importanti ħafna, biex nagħfsu fuq xi riflessjonijiet. Huwa impossibbli nġibu r-riżultati fid-dettall, imma l-osservazzjonijiet tagħna huma taqsira tal-aspetti ewlenin diskussi mal-professjonisti u f'dan il-grupp. Huma ppreżentati skont il-ħames oqsma meqjusa għall-analiżi tal-proġett u huma dwar il-pajjiżi miżjura.

### *3.2.1 Il-popolazzjoni fil-mira*

Iż-żjajjar taw l-opportunità biex naraw varjetà ta' sitwazzjonijiet fil-livell lokali: fuq naħa waħda, l-iskejjel minn pajjiżi bi tradizzjoni twila ta' immigrazzjoni u fuq in-naħa l-oħra, l-iskejjel minn pajjiżi li huma riċentement li qegħdin jirċievu familji minn pajjiżi oħra għal raġunijiet ekonomiċi u politiċi. Numru sinifikanti ta' pajjiżi ta' oriġini differenti kienu rrappreżentati f'lokalitajiet differenti. Fi skola waħda l-maġġoranza tal-istudenti kienu minn pajjiż li kien kolonja speċifika tal-pajjiż. Il-professjonisti mil-lokalitajiet kollha kellhom l-impressjoni li l-għadd ta' studenti li kienu għadhom kif waslu kien qiegħed jiżdied. Il-perċezzjoni kienet aktar sinifikanti f'pajjiżi fejn ma kienx hemm tradizzjoni ta' immigrazzjoni.

Id-diversità kulturali ma tidhirx li hija meqjusa mill-iskejjel b'mod negattiv. Ġeneralment hemm attitudni pożittiva fl-iskejjel u l-professjonisti jippruvaw jagħfsu fuq il-valuri li kulturi oħra jġibu magħhom, għalkemm ximindaqqiet id-diversità hija assoċjata wkoll ma' problemi 'li jridu jiġu solvuti'. Din inġibdet l-attenzjoni għalihom minn skejjel lokalizzati f'ambjenti fejn konċentrazzjoni għolja tal-popolazzjoni kellha sfond ta' immigrant u fejn il-familji bħala regola jaffaċċjaw sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi diffiċli. Xi professjonisti rrappurtaw ukoll li kellhom problemi biex jittrattaw mas-sitwazzjoni edukattiva l-ġdida.

### *3.2.2 Data eżistenti*

Dwar id-data, żewġ aspetti hemm bżonn li jiġu kkunsidrati: il-lokalità u t-tip a' skejjel miżjura. Safejn tidħol il-lokazzjoni, l-iskejjel li kienu f'ambjenti b'konċentrazzjoni sinifikanti fejn il-popolazzjoni kellha sfond ta' immigrant, din kellha densità ta' studenti bi sfond ta' immigrant, b'madwar 85% tal-istudenti (jew anke aktar) fi skejjel ta' dan it-tip. Il-professjonisti rrapurtaw li din is-sitwazzjoni tista' twassal għal ħolqien ta' 'ghettos' jew 'skejjel iddominati mill-immigranti'. Dawn l-iskejjel kienu l-aktar lokalizzati f'ambjenti li kienu soċjo-ekonomikament żvantaġġjati.

It-tip ta' skola li l-istudenti tpoġġew fiha – mainstream jew speċjali – huwa aspett ta' informazzjoni li jinħtieġ li jiġi kkunsidrat bir-reqqa, għaliex l-informazzjoni miġbura hija relatata biss ma' ftit skejjel. L-iskejjel mainstream miżjura li kellhom jew ma kellhomx numru kbir ta' studenti bi sfond ta' immigrant kellhom numru limitat ta' studenti meqjusa bħala li kellhom SEN meta mqabbla ma' (ovvjament) in-numru għoli ta' dawn l-istudenti fi skejjel speċjali. L-iskejjel mainstream kienu qegħdin jintegraw u jgħinu lill-istudenti billi jużaw staff speċjalizzat u s-servizzi differenti li kien hemm għad-dispożizzjoni. F'każ fejn l-iskola ma setgħetx tlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-istudenti permezz tar-riżorsi pprovduti, dawn kienu jiġu ttrasferiti għal provviżjoni speċjali.

Il-persentaġġ ta' studenti b'SEN u sfond ta' immigrant fi skejjel speċjali miżjura kien bejn 60 u 80% tan-numru totali tal-istudenti fl-iskola. L-istaff kien konxju tas-sitwazzjoni. F'xi postijiet, skejjel speċjali kienu qegħdin jikkooperaw mal-iskejjel mainstream, jintegraw u jsostnu studenti biex jibqgħu fil-proviżjoni mainstream, għalkemm din ma kinetx il-qagħda ġenerali. L-iskejjel speċjali miżjura kellhom studenti fil-biċċa l-kbira tagħhom b'diffikultajiet fi-tagħlim u problemi fl-imġiba.

### *3.2.3 Il-proviżjoni edukattiva*

Il-biċċa l-kbira tal-iskejjel u s-servizzi miżjura kienu pubbliċi u mingħajr ħlas, għalkemm dan ma kienx il-każ għal wieħed mis-siti. L-iskejjel kienu ffinanzjati b'modi differenti, skont il-qagħdiet tal-pajjiżi differenti: jew ċentralizzati fil-livell ta' stat, jew deċentralizzati fil-livell muniċipali, jew anke fil-livell ta' skola, jew inkella ffinanzjati fil-biċċa l-kbira tagħhom minn donazzjonijiet privati.

Familji u studenti bi sfond ta' immigrant għandhom l-istess drittijiet bħall-popolazzjoni tal-pajjiż fejn ikunu. L-importanza li jkollok rispett sħiħ għad-drittijiet umani tal-istudenti u tal-familji tagħhom kif ukoll li tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni rreferew għaliha b'saħħa l-professjonisti involuti f'dawn iż-żjajjar. Madanakollu, tqajmu xi kwistjonijiet dwar sitwazzjoniiet potenzjalment diskriminatorji. Mhux dejjem hemm għażla ħielsa ta' skola għall-ġenituri anke f'xi skejjel fejn l-għażla ħielsa hija possibbli, din tista' tkun ippreġudikata mill-problemi ta' komunikazzjoni bejn il-familji u s-servizzi. Dan jista' jwassal biex ikun hemm 'studenti aktar milli suppost' bi sfond ta' immigrant f'xi ambjenti, jew f'xi forom ta' proviżjoni speċjali. Xi familji wkoll tkellmu dwar il-fatt li xi drabi jħossuhom segregati, mhux verament aċċettati mill-popolazzjon tal-pajjiż fejn ikunu.

Il-familji jistgħu jirċievu, f'każ ta' bżonn, xi għajnuna finanzjarja extra, simili għal dik li tieħu l-popolazzjoni lokali. F'xi każijiet, insibu xi tnaqqis fl-ispejjeż jew attivitajiet extra tal-iskola – bħala ikel fl-iskola – għal familji bi status soċjo-ekonomiku baxx. Madankollu, il-professjonisti sabu li l-iffinanzjar mhux biżżejjed biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet kollha tal-istudenti. Dan il-punt tqajjem mill-professjonisti minn skejjel li kienu f'ambjenti żvantaġġjati u deher li japplika għall-istudenti kollha u mhux biss għal dawk bi sfond ta' immigrant.

Servizzi varji huma involuti u jikkooperaw mal-iskejjel. Dan fil-qofol tiegħu jiddependi fuq it-tip ta' skola, imma ġeneralment huma involuti servizzi soċjali u ta' saħħa. Sitwazzjoni partikolari kienet f'Pariġi bl-involviment ta' ċentru etno-psikoloġiku u f'Malmö bil-preżenza ta' team ta' sostenn għall-iskejjel lokali.

Il-kollaborazzjoni bejn l-iskejjel u s-servizzi ħafna drabi dehret li kienet informali. Il-professjonisti mill-iskejjel indikaw il-ħtieġa li tiżied il-kooperazzjoni ma' tipi oħra ta' organizzazzjonijiet bħal assoċjazzjonijiet etniċi. Huma tkellmu wkoll dwar il-valur potenzjali offrut mill-assistenti li kellhom sfond kulturali u etniku varju. Dan mhux minħabba raġunijiet prattiċi biss – biex jiġu evitati ostakli ta' lingwa u tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni mal-familji – imma wkoll biex jinftiehem b'mod aħjar kif kulturi differenti jipperċepixxu diżabilitajiet/SEN.

Jidher li informazzjoni u komunikazzjoni mal-ġenituri kif ukoll il-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fid-deċiżjonijiet dwar it-tifel/tifla tagħhom kienet priorità ċara fil-lokalitajiet kollha. Madanakollu, il-

professjonisti tal-iskola kienu konxji tan-nuqqas serju fil-komunikazzjoni minħabba problemi ta' lingwa.

### *3.2.4 Miżuri ta' sostenn*

L-iskejjel kollha miżjura implimentaw miżuri biex jgħinu fl-integrazzjoni tal-istudenti bi sfond ta' immigrant. Il-professjonisti kienu konxji tal-importanza tat-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż kemm jista' jkun malajr, l-aktar għall-istudenti li jkunu għadhom kif waslu, u li jilħqu livell tajjeb fil-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu. Kif qalu l-professjonisti, l-iskejjel għandhom rwol ewlieni bħala punt fejn jiltaqgħu l-kulturi u bħala l-ewwel tarġa għal aktar integrazzjoni fil-pajjiż fejn ikunu.

Biex jintrebħu ostakli ta' lingwa potenzjali xi professjonisti pproponew l-użu ta' modi differenti ta' tagħlim bħala l-objettiv ewlieni tal-iskejjel. Xi skejjel waqqfu klassijiet 'pont' biex jgħinu bl-aħjar mod u għal perjodu biss, l-akkwist tal-lingwa; f'xi ftit postijiet, tiġi offruta edukazzjoni bilingwi; f'każijiet oħra, għajnuna fit-tagħlim – anke fl-ilsien matern – hija offruta għas-suġġetti ewlenin. L-użu ta' kotba monolingwi hija mifruxa sew, għalkemm modi alternattivi ta' tagħlim kienu użati, bl-użu ta' stampi, kotba ssimplifikati, eċċ. Ħafna professjonisti rreferew għal ħidma fit-triq għal kurrikulu flessibbli filwaqt li f'xi skejjel twaqqaf programm ta' edukazzjoni individwali. Il-professjonisti tkellmu dwar l-importanza li tingħata attenzjoni individwali lill-istudenti.

L-attitudni pożittiva tal-istaff ċertament dehret li kellha rwol importanti fir-riżultati miksuba mill-iskejjel, għalkemm l-istaff tal-iskola tkellem dwar xi sfidi, partikolarment il-ħtieġa għal aġġornament ta' taħriġ.

Minkejja l-isforzi u l-impenn osservati fl-iskejjel miżjura, xorta waħda kien hemm xi mistoqsijiet relatata ma':

- Kif tagħmel linja/distinzjoni bejn problemi ta' lingwa u diffikultajiet ta' tagħlim?
- Sa liema livell skejjel mainstream jassiguraw li jieħdu r-responsabiltà fis-sostenn tal-istudenti, u sa liema livell l-iskejjel speċjali jagħmlu sforz biżżejjed biex jgħinu lill-istudenti jerġgħu lura għall-edukazzjoni mainstream?
- Sa liema livell l-iskejjel jużaw għodod suffiċjenti u ta' min joqgħod fuqhom biex jidentifikaw l-ħtiġijiet reali tal-istudenti u mbagħad jipprovdu s-sostenn meħtieġ?

### 3.2.5 Assessjar

Iċ-ċentri ta' assessjar miżjura kienu pubbliċi u mingħajr ħlas. Dawn kienu għall-istudenti, il-ġenituri, l-għalliema u l-iskejjel. L-objettivi ewlenin kienu li jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-istudenti, li jinfurmaw u jiggwidaw lill-ġenituri dwar il-ħtiġijiet tat-tifel/tifla tagħhom u biex isaħħu u jsostnu x-xogħol li jsir fl-iskejjel mainstream. Il-professjonisti miċ-ċentri tkellmu dwar l-importanza li jiġu implimentati strateġiji preventivi u r-rwol tagħhom fl-għajnuna tal-istaff tal-iskola f'dan ir-rigward. Eżempju partikolari ta' strateġiji preventivi kienu jikkonċernaw żewġ ċentri li kienu jinvolvu professjonisti minn servizzi relatati mal-ġustizzja, għaliex kienu jinvolvu żgħażagħ li kellhom problemi serji ta' mġiba. Wieħed minn dawn iż-żewġ ċentri kien qiegħed juża medjaturi kulturali u kien implimenta programm ta' osservazzjoni għal xahrejn dwar dawn iż-żgħażagħ.

Għalkemm professjonisti minn ċentri ta' assessjar kienu konxji tal-importanza ta' assessjar (inizjali) fiż-żewġ lingwi – l-ilsien matern u l-ilsien tal-pajjiż fejn ikunu – biex ikun hemm għarfien aktar tal-ħtiġijiet tal-istudenti bi sfond ta' immigrant, ftit kienu ċ-ċentri li dan poġġewh fil-prattika. Biex wieħed jirbaħ l-ostakli tal-lingwa, huma użaw għodod informali u formali, kif ukoll metodi verbali u mhux-verbali. Dwar l-istudenti li jkunu għadhom kif waslu, il-professjonisti indikaw li ftit studenti jġibu informazzjoni magħhom li tirriżulta minn proċeduri ta' assessjar li jkunu saru fil-pajjiż tal-oriġini.

L-assessjar kien aspett delikat, li kien iqajjem ħafna mistoqsijiet. L-ostakli tal-lingwi jidhru ovvji u jaffettwaw il-proċessi kollha – kuntatt u komunikazzjoni mal-familji, identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' studenti, eċċ – sal-livell li jistgħu jillimitaw il-valur tal-proċessi ta' assessjar li jkunu qegħdin jiġu implimentati. Skont ċ-ċentri ta' assessjar miżjura, jidher li l-istudenti bi sfond ta' immigrant jistgħu ma jirċivux informazzjoni approprijata dwar it-tip ta' ċentru (kif ukoll min servizzi oħra). Dan jista' jkun marbut mal-fatt li kulturi differenti jkollhom perċezzjonijiet differenti dwar l-SEN. Bħala riżultat, numru serju ta' aspetti jinħtieġ li jittieħdu inkonsiderazzjoni dwar l-identifikazzjoni ta' SEN ta' studenti bi sfond ta' immigrant.

Huwa ovvju li r-riżultati miż-żjajjar jipprovdu stampa limitata tas-sitwazzjonijiet lokali – dan ma jimplikax li huma neċssarjament rappreżentattivi ta' sitwazzjonijiet nazzjonali, imma jinħtieġ li jiġu meqjusa bħala li jistgħu jgħinu biex jinftiehmu ċirkustanzi lokali.

## 4. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Ir-riżultati tal-analiżi juru xi aspetti ġenerali li jikkonfirmaw ir-relevanza tal-mistoqsijiet imqajma mir-rappreżentanti tal-pajjiżi fil-bidu tal-proġett:

a) Sa liema livell problemi ta' lingwa huma meqjusa bħala diffikultajiet fit-tagħlim;

b) Kif il-ħiliet u l-ħtiġijiet tal-istudenti bi sfond ta' immigrant huma assessjati;

c) Kif issostni għalliema u familja bl-aħjar mod.

Jidher li ċerti skejjel fl-Ewropa qegħdin u se jkunu aktar multikulturali. Dan jimplika l-ħtieġa li jwieġbu għal sitwazzjonijiet edukattivi – ħafna drabi meqjusa bħala kumplessi, għax huma relattivament ġodda. Fil-passat il-pajjiżi rċevew familji minn ex-kolonji, jew pajjizi assoċjati mal-iżvilupp ekonomiku u industrijali. Riċentement ġew identifikati żewġ sitwazzjonijiet ġodda: familji li qegħdin jaslu fil-pajjiżi Ewropej bħala refuġjati jew fittiexa għall-kenn (asylum seekers) u familji li qegħdin f'sitwazzjoni ta' tranżizzjoni li qegħdin jaslu f'xi pajjiż Ewropew. L-iskejjel għandhom rwol importanti, għaliex ximindaqqiet huma jkunu l-ewwel punt tal-kuntatt għal dawk il-familji tas-soċjetà fejn ikunu.

Hawn taħt insibu l-konklużjonijiet ewlenin f'relazzjoni mal-oqsma ewlenin kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin indirizzati lejn il-professjonisti u l-policy-makers.

### 4.1 Data eżistenti

L-eżerċizzju tal-ġbir tad-data kien, kif mistenni, biċċa xogħol iebsa. Fil-qafas tal-proġett kien possibbli li tinġabar l-informazzjoni relevanti, l-aktar fil-livell lokali. F'xi pajjiżi, sistema ġdida ta' ġbir ta' data fuq dan is-suġġett kienet mibdija bħala riżultat tat-talba ta' dan il-proġett għal informazzjoni bħal din. Huwa importanti li ngħidu li d-data miġbura tipprovdi stampa limitata biss tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi parteċipanti. Id-data pprovduta mhiex neċessarjament rappreżentattiva ta' sitwazzjonijiet nazzjonali.

Ħafna rapporti tal-pajjiżi wrew disproporzjonijiet sinifikanti ta' studenti bi sfond ta' immigrant li jwasslu għal rappreżentazzjoni aktar jew anqas min-normali fl-edukazzjoni speċjali. Skont xi rapporti tal-pajjiż

il-parteċipazzjoni ta' studenti bi sfond ta' immigrant tirrappreżenta minn 6 sa 20% tal-popolazzjoni tal-iskola obbligatorja għall-maġġoranza tal-pajjiżi involuti (għas-sena skolastika 2005/2006).

Informazzjoni dwar pajjiżi u l-analiżi prattika hija tal-fehma li hemm rappreżentazzjoni żejda ta' studenti bi sfond ta' immigrant l-aktar fil-proviżjoni indirizzata lil studenti bi problemi ta' tagħlim, u kif ukoll sa ċertu punt bi problemi ta' mġiba. Din is-sitwazzjoni jinħtieġ li tiġi analizzata bir-reqqa u ma tistax tiġi interpretata b'mod sempliċi. Għadd ta' fatturi huma marbuta ma' xulxin u jinħtieġ li jiġu kkunsidrati: it-tip ta' ħtieġa speċjali – jiġifieri fil-problemi tat-tagħlim; u t-tip ta' popolazzjoni – jiġifieri l-istudenti bi status soċjo-kulturali u/jew ekonomiku baxx. Il-fatt li studenti bi sfond ta' immigrant huma, ximindaqqiet rrappreżentati żżejjed fi proviżjoni speċjali ta' studenti bi problemi ta' tagħlim jidher li qegħdin juru li hemm konfużjoni fil-mod kif niddistingwu bejn diffikultajiet ta' lingwa u problemi ta' tagħlim u huwa ċar li tinħtieġ aktar riċerka dwar dan il-qasam.

**Rakkomandazzjoni dwar id-data**

Aktar data tista' tiġabar u tinħtieġ aktar riċerka biex wieħed jinvestiga d-disproporzjon apparenti ta' studenti bi sfond ta' immigrant fi strutturi ta' edukazzjoni speċjali.

L-għan ewlieni jkun li jkollna aktar evidenza dwar l-eżistenza u d-disproporzjon sinifikanti ta' studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant fi proviżjonijet speċjali.

## 4.2 Proviżjoni edukattiva

Il-pajjiżi kollha joffru varjetà ta' proviżjoni edukattiva li tikkorrispondi mal-edukazzjoni nazzjonali speċjali u/jew policy ta' inklużjoni. Il-liġijiet tal-pajjiż huma differenti u r-responsabiltajiet ivarjaw ukoll skont il-pajjiżi; il-proviżjoni tvarja, imma r-rispett lejn id-drittijiet u l-policies favur opportunitajiet indaqs huma prinċipji ewlenin fil-pajjiżi kollha. Il-medda ta' proviżjoni li għandhom studenti b'SEN tapplika wkoll għal studenti b'SEN u sfond ta' immigrant.

Insibu tliet sfidi ċari. L-ewwel, il-professjonisti u s-servizzi varji involuti mhux neċessarjament jikkombinaw il-kompetenza f'edukazzjoni għal ħtiġjiet speċjali u fit-trattament ta' studenti bi sfond ta' immigrant biex tiġi pprovduta l-aħjar soluzzjoni għal edukazzjoni li tilħaq il-ħtiġijiet kombinati tal-istudent/a.

It-tieni, xi pajjiżi tkellmu dwar l-istruzzjoni fiż-żewġ lingwi, l-ilsien matern u l-lingwa tal-pajjiż fejn ikunu ttejjeb l-profiċjenza tal-istudenti – partikolarment jekk din tibda minn età bikrija. Din tgħin l-istudenti biex jibnu l-istima personali tagħhom u tippromwovi l-iżvilupp personali tagħhom bħala individwi bilingwi b'identità kulturali duwalistika. Madanakollu, l-istruzzjoni bilingwi hija meqjusa bħala li qiegħda tiġi implimentata b'mod irregolari kemm f'pajjiżi differenti kif ukoll u ġewwa l-pajjiżi individwali. It-tielet ħaġa hi li l-pajjiżi kollha huma tal-fehma l-kooperazzjoni bejn servizzi kif ukoll l-involviment ta' ġenituri huma fundamentali f'dan il-qasam. F'dan ir-rigward, kemm il-professjonisti kif ukoll il-familji jinħtieġ li jagħtu importanza lid-differenzi kulturali wieħed tal-ieħor.

Esperti tal-proġett ukoll tkellmu dwar il-ħtieġa li tiġi implimentata u mtejba l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-gruppi ta' minoritajiet/gruppi etniċi li l-istudenti jiġu minnhom. Il-kooperazzjoni mal-familji u l-assoċjazzjonijiet tinħtieġ li tiġi implimentata b'mod aktar sodisfaċenti.

**Rakkomandazzjonijiet relatati mal-proviżjoni**

Il-policy makers għandhom jassiguraw li prinċipji bħal rispett sħiħ għad-drittijiet umani u opportunitajiet indaqs, iggarantiti mil-liġi tal-pajjiż jitwettqu. L-objettivi ewlenin tal-policy huma li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu u x-xenofobija, filwaqt li jqajmu kuxjenza u jsostnu u jestendu l-prattika pożittiva fil-livell lokali u nazzjonali. Prattika pożittiva ta' dan it-tip għandhom jippromwovu policies integrattivi u inklużivi li huma miftuħa għal diversità, jagħtu importanza lill-valuri edukattivi li l-istudenti jġibu magħhom, tkun xi tkun l-oriġini jew l-ħtieġa li jista' jkollhom.

L-iskejjel għandu jkollhom gwidi adekwati u riżorsi biex jimplimentaw inklużjoni fil-prattika. L-iskola għandu jkollha l-għan li:

a) Tifhem u tirrispetta d-diversità;

b) Tevita kwalunkwe policy ta' aċċess/admission u reġistrazzjoni li tippromwovi segregazzjoni;

ċ) Tagħraf, issostni u timplimenta strateġiji ta' edukazzjoni li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-istudenti b'SEN u sfond ta' immigrant;

d) Tkun attivament involuta fil-kooperazzjoni mas-servizzi, inklużi l-assoċjazzjonijiet ma' u għall-immigranti;

e) Tinkoraġġixxi komunikazzjoni kif ukoll parteċipazzjoni għall-familji.

L-iskejjel għandu jkollhom policy interkulturali li torbot u tilħaq il-ħtiġijiet tal-kuntest lokali. Policy bħal din tkun tinħtieġ li l-edukazzjoni mainstream kif ukoll dik speċjali żżid l-għarfien u l-ħiliet tagħhom u tieħu vantaġġ mill-programmi neċessarji ta' taħriġ biex tifhem aħjar u mbagħad tittratta bl-aħjar mod possibbli mad-diversità kulturali.

L-għan aħħari jkun li tiżdied il-prattika inklużiva filwaqt li jiġu pprovduti riżorsi għall-iskejjel u l-professjonisti. Sitwazzjonijiet 'ghetto' jitnaqqsu billi tiġi evitata s-segregazzjoni u l-inklużjoni.

## 4.3 Miżuri ta' sostenn

Medda wiesgħa ta' miżuri ta' sostenn edukattiv huma pprovduti għall-istudenti u l-għalliema f'pajjiżi differenti. Dawn jiffukaw l-aktar fuq s-sostenn għall-ksib tal-lingwa tal-pajjiż permezz ta' edukazzjoni bilingwi, 'klassijiet-pont', għajnuna fit-tagħlim, sostenn addizzjonali u sostenn fil-homework wara l-iskola fost oħrajn. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet edukattivi individwali jissemmew bħala li huma miżuri ta' sostenn importanti ħafna. Is-sostenn u l-impenn tal-kap tal-iskola u l-istaff tal-iskola kif ukoll l-implimentazzjoni tax-xogħol f'team huma meqjusa bħala fatturi importanti. Il-kompetenza tal-għalliema, l-impenn u l-esperjenza għandhom rwol importanti. Investigazzjoni f'xi pajjiżi jidentifikaw xi miżuri ta' sostenn addizzjonali li kienu suċċess, bħal: studenti li jattendu skola fil-viċinanza tagħhom flimkien ma' sħabhom; li jkollhom gruppi ta' tagħlim żgħar għal ċerti suġġetti; il-preżenza ta' skejjel fil-mainstream ta' għalliema u assistenti bl-istess sfond ta' immigrant bħall-istudenti, li jaħdmu flimkien mal-għalliem/a tal-klassi.

Fl-aħħar, huwa meqjus bħala pożittiv li jiġi inkorporat kontenut u materjal ta' tagħlim fil-qafas ta' pjan ta' edukazzjoni individwali, li jiġu rikonoxxuti l-esperjenzi u l-kulturi ta' studenti inklużi dawn b'SEN u sfond ta' immigrant.

**Rakkomandazzjonijiet marbuta ma' miżuri ta' sostenn**

L-awtoritajiet edukattivi, meta jiġu biex jieħdu inkonjizzjoni l-kuntest lokali, għandhom jikkunsidraw x'forma ta' edukazzjoni bilingwi jew approċji multikulturali għandhom jiġu pprovduti biex jassiguraw l-iżvilupp edukattiv tal-istudenti, l-inklużjoni soċjali u l-istima personali.

L-iskejjel b'persentaġġ għoli ta' studenti multilingwi għandhom jiġu mħeġġa biex jiżviluppaw policy ta' lingwa speċifika għall-iskola. Din tinħtieġ:

a) Li ssir analiżi tas-sitwazzjoni tal-iskola;

b) Jinħolqu pjan u proposta (proposal) f'livell 'in-school', bil-għan li tiżdied il-kwalità tal-miżuri ta' sostenn pprovduti.

L-għalliema għandhom jaddatttaw il-metodi ta' riċerka tagħhom, jiffaċilitaw l-involviment tal-ġenituri u jkunu sostnuti minn professjonisti kwalifikati kif ukoll assistenti b'ambjenti kulturali differenti.

L-għan aħħari jkun li l-iskejjel mainstream ikunu sosnuti biex b'hekk huma jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' popolazzjoni ta' studenti etereoġenji indipendentement mill-ħtiġijiet speċjali edukattivi tagħhom u l-oriġini etnika.

## 4.4 Assessjar

Numru ta' servizzi u professjonisti huma involuti fl-assessjar inizjali tal-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u sfond ta' immigrant, skont ir-relazzjonijiet differenti u l-metodi ta' assessjar użati fil-pajjiżi. Ħafna mill-proċessi ta' assessjar involuti huma miżuri standard, indirizzati lil studenti mill-pajjiżi fejn ikunu. Xi wħud mill-għodod ta' assessjar u testijiet huma tradotti f'lingwi differenti; f'sitwazzjonijjiet oħra, il-proċeduri ta' assessjar iseħħu bl-għajnuna ta' interpretu; l-użu mhux-verbali ta' għodod ta' assessjar huma inkoraġġuti. Minkejja l-isforzi magħmula mill-professjonisti, l-impatt tal-aspetti kulturali li nsibu f'dawn l-għodod għadha meqjusa bħala ostakli għal studenti bl-SEN u sfond ta' immigrant.

Biex jingħelbu l-ostakli lingwistiċi u kulturali u riżultati potenzjalment preġudikati ta' proċeduri ta' assessjar standardizzat, għandu jiġi kkunsidrat approċju ħolistiku ffukat fuq il-proċess tat-tagħlim u l-iżvilupp tal-istudent/a. F'ħafna każi, l-għalliema jużaw assessjar kontinwu u djalogu mal-istudenti u l-ġenituri. F'dan il-proċess, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduti mill-ġenituri, anke jekk dawn mhux dejjem issibhom, huwa essenzjali. L-elementi ewlenin li għandu jsir iffukar fuqhom f'approċju ta' assessjar ta' dan it-tip huma l-livell ta' ħiliet bażiċi tal-istudent/a, l-istorja tat-tagħlim tiegħu/ha u s-sitwazzjoni tal-ħajja tiegħu/ha. Informazzjoni mill-għalliema kollha involuti (tal-klassi, tas-sostenn, l-ispeċjali eċċ.) kif ukoll professjonisti

oħra, bħal ħaddiema soċjali u psikologi, kif ukoll ġenituri għandhom ikollhom sehem.

**Rakkomandazzjonijiet dwar l-assessjar**

Proċeduri ta' assessjar għandhom jiffaċilitaw id-distinzjoni bejn id-diffikultajiet relatati mal-ksib tal-lingwa tal-pajjiż u d-diffikultajiet fit-tagħlim. L-atturi kollha tal-iskola għandhom ikunu involuti u jaqsmu r-responsabiltà fil-proċeduri ta' assessjar.

L-għan ewlieni jkun li jiġi żviluppat materjal ta' assessjar f'postu għal studenti b'SEN u sfond ta' immigrant.

L-informazzjoni miġbura permezz tal-eżaminar tad-dokumentazzjoni eżistenti fuq is-suġġett, kif ukoll permezz ta' kwestjonarji u analiżi prattika, ipprovdew xi tweġibiet għal xi ftit mistoqsijiet. Ħafna aspetti oħra ħarġu u – dan huwa l-ewwel attentat biex tinġabar informazzjoni ta' dan it-tip – tqajmu ħafna aktar mistoqsijiet milli ntwieġbu. J'Alla, din l-ewwel analiżi u dehra ġenerali tiftaħ il-bieb għal aktar investigazzjonijiet u analiżi fil-fond tas-suġġett.

## REFERENZI

AMEIPH (Association Multi-Ethnique pour l'Intégration des Personnes Handicapées), 1998. *Vers une politique de la formation continue,* Montréal: Opinion presented to the Minister of Education of Quebec

AMEIPH (Association Multi-Ethnique pour l'Intégration des Personnes Handicapées), 2001. *Disability+Migration: A New Planetary Reality*, Montréal: Document presented at the Durban UN World Conference Against Racism, Racial Discrimination, Xenophobia and Related Intolerance

Andersson F., 2007. *Challenging Experiences: Generation of Knowledge in a Research Circle,* Stockhom: University of Stockholm

Bleidick U., Rath W. and Schuck K., 1995. 'Die Empfehlungen der Kultusministerkonferenz zur sonderpädagogischen Förderung in den Schulen der Bundesrepublik Deutschland' in *Zeitschrift für Pädagogik,* No.41, pp. 247–264

Candelier M., 2003. *L'éveil aux langues à l'école primaire. EVLANG : bilan d'une innovation européenne,* Bruxelles: De Boeck

Council of Europe, 2006. *Recommendation on the Council of Europe Action Plan to Promote the Rights and Full Participation of People with Disabilities Improving the Quality of Life of People with Disabilities in Europe 2006–2015*, Strasbourg: Council of Europe. Recommendation Rec(2006)5 adopted by the Committee of Ministers on 5 April 2006 at the 961st meeting of the Ministers' deputies

Danish Institute for Development in Education of Bilingual Students and Royal Danish School of Educational Studies, 1999. *Report on the European Conference on Migrant Children with Special Educational Needs; Copenhagen 7th–8th June 1999*, Copenhagen: UC2, Danish Institute for Development in Education of Bilingual Students

European Commission, 2008. *Green Paper: Migration and Mobility. Challenges and Opportunities for EU education systems,* European Commission: COM(2008) 423 final

European Monitoring Centre on Racism and Xenophobia, 2004. ‘Comparison on Enrolment Figures in Special Education’ in *Migrants, Minorities and Education: Documenting Discrimination and Integration in 15 Member States of the European Union*, Luxembourg: Office for Official Publications of the European Communities

Eurydice, 2004. *Integrating Immigrant Children into Schools in Europe*, Brussels: Eurydice (European Commission, DG Education and Culture)

Henriot (Van Zanten) A., 1996. ‘L’école, les enfants de l’immigration et des minorités ethniques. Une revue de la littérature française, américaine et britannique’ in *Revue Française de Pédagogie*, No.177: October–December 1196. pp. 87–194

Henriot (Van Zanten) A., 1997. ‘Schooling Immigrants in France in the 1990s: Success or Failure of the Republican Model of Integration?’ in *Anthropology and Education Quarterly*, Vol. 28, No. 3: September 2007, pp. 351–374

Leman J., 1991. ‘The Education of Immigrant Children in Belgium’ in *Anthropology and Education Quarterly*, Vol. 22, No. 2: June 1991, pp. 140–153

Lindsay G., Pather S. and Strand S., 2006. *Special Educational Needs and Ethnicity: Issues of Over- and Under-Representation*, Warwick: University of Warwick Institute of Education, Research Report 757

Losen D. J. and Orfield G. (eds.), 2002. *Racial Inequity in Special Education*, Harvard: Harvard Education Press

Manço A., 2001. ‘La scolarité des enfants issus de l’immigration turque et maghrébine en Belgique francophone’ in *L’Observateur*, Paris, n° 6–7, pp. 17–21

Meijer, C., Soriano, V. and Watkins, A. (eds.), 2003. *Special Needs Education in Europe: Thematic Publication*, Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Meijer, C., Soriano, V. and Watkins, A. (eds.), 2006. *Special Needs Education in Europe: Provision in Post Primary Education: Thematic Publication,* Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Milic A., 1997. *Sozialindexierte Schülerpauschale,* Zürich: Erziehungsdirektion des Kantons Zürich, Pädagogische Abteilung. Projekt Reorganisation des sonderpädagogischen Angebots des Kantons Zürich (RESA)

Milic A., 1998. *Methodisches Vorgehen. Sozialindexierte Schülerpauschale.* Zürich: Erziehungsdirektion des Kantons Zürich, Pädagogische Abteilung. Projekt Reorganisation des sonderpädagogischen Angebots des Kantons Zürich (RESA)

Moro M. R., 2005. *Working with children of immigrant parents,* Bobigny: Association Internationale d'thnoPsychanalyse

National Research Council, Committee on Minority Representation in Special Education, 2002. *Minority Students in Special and Gifted Education*, Washington DC: National Academy Press

Nicaise I., 2007. *Education and Migration: Policies and Practices for Integration and social Inclusion,* Summary of the Seminar for DG Education and Culture, Brussels 9 October 2007

Nordahl T. and Øverland T., 1998. Idealer og realiteter. Evaluering av spesialundervisningen i Oslo kommune*,* Ministry of Education and Research: NOVA Research Institute, NOVA Rapport 20/98

OECD, 2004. *Equity in Education. Students with Disabilities, Learning Difficulties and Disadvantages,* Paris: Organisation for Economic Cooperation and Development (OECD)

OECD, 2006. *Where Immigrant Students Succeed. A Comparative Review of Performance and Engagement in Pisa 2003*, Paris: Organisation for Economic Cooperation and Development (OECD)

OECD, 2007. 'Groups at Risk: The Special Case of Migrants and Minorities' in *No More Failures: Ten Steps to Equity Education*, Paris: Organisation for Economic Cooperation and Development (OECD)

Perregaux C., de Goumoëns C., Jeannot D. and de Pietro J.-F., 2003. *EOLE: Education et Ouverture aux Langues à l'Ecole,* Neuchâtel: CIIP. vol I and II

Pflegerl J., 2004. *Immigration and Family. Annual Seminar Helsinki, Finland, 8–10 June 2002. Synthesis*. Wien: Österreichisches Intitut für Familienforschung, Materialiensammlung, Heft 18

Poulain M., Perrin N. and Singelton A. (eds.), 2006. *Towards Harmonised European Statistics on International Migration*, Louvain La Neuve: Presses Universitaires de Louvain-La-Neuve

Rosenqvist J., 2007. *Specialpedagogik I Mångfaldens Sverige. Om Elever Med Annan Etnisk Bakgrud än SvenskISärskolan*, Sweden: Specialpedagogiska Institutet, Kristianstad University

Salameh E.-K. 2003. *Language impairment in Swedish bilingual children – epidemiological and linguistic studies,* Lund University

Salameh E.-K., 2006. 'Considerations when meeting bilingual children', Presentation to the European Agency for Development in Special Needs Education project experts group in Malmö on 7 December 2006

SIOS: Cooperation Group for Ethnical Associations in Sweden, 2004. *We Are All Unique, And Yet More Alike Than We Imagine. A Book About Disability, Ethnicity, Reception and Treatment,* Sweden: SIOS

UNESCO, 1994. *The Salamanca Statement and Framework for Action on Special Needs Education*. Adopted by the World Conference on Special Needs Education: Access and Quality, Salamanca: United Nations Educational Scientific and Cultural Organisation (UNESCO)

United Nations, 2008. Convention on the Rights of Persons with Disabilities and Optional Protocol (entered into force on 3 May 2008, following adoption on 13 December 2006), New York: United Nations Organisation

Verkuyten M. and Brug P., 2003. 'Educational Performance and Psychological Disengagement among Ethnic Minority and Dutch Adolescents' in *The Journal of Genetic Psychology*, 164(2), pp. 189–200

Watkins, A. (ed.), 2007. *Assessment in Inclusive Settings: Key Issues for Policy and Practice.* Odense: European Agency for Development in Special Needs Education

Werning R., Löser J. M. and Urban M., 2008. 'Cultural and Social Diversity. An Analysis of Minority Groups in German Schools' in *The Journal of Special Education*, Vol. 42, No. 1: May 2008, pp. 47–54

## KONTRIBUTURI

| | | |
|---|---|---|
| **L-Awstrija** | Irene MOSER | Irene.Moser@phsalzburg.at |
| | Judith STENDER | judith.stender@ssr-wien.gv.at |
| **Il-Belġju (Fl)** | Jef VERRYDT | j.verrydt@pandora.be |
| | Josee VAN LEEMPUT | josee.van.leemput@khk.be |
| **Il-Belġju (Fr)** | Thérèse SIMON | therese.simon@cfwb.be |
| | Jean-Claude DE VREESE | jeanclaude.devreese@skynet.be |
| **Ċipru** | Eftihia KALLEPITI | ekallepiti@gmail.com |
| | Kalomira IOANNOU | ioannoukalomira@yahoo.com |
| **Id-Dannimarka** | Preben SIERSBAEK | siersbaek@uvm.dk |
| | Tina FEHRMANN | Tina.Fehrmann@uvm.dk |
| **L-Estonja** | Maie SOLL | maie.soll@hm.ee |
| | Kai KUKK | kai.kukk@hm.ee |
| **Il-Fillandja** | Hanna-Mari SARLIN | hanna-mari.sarlin@welho.com |
| | Anne NURMINEN | anne.nurminen@saunalahti.fi |
| **Franza** | Cécile LESTOCQUOY | cecile.lestocquoy@laposte.net |
| | Dominique LENORMAND | dominiquel@orange.fr |
| **Il-Ġermanja** | Peter WACHTEL | Peter.Wachtel@mk.niedersachsen.de |
| | Angelika SCHAUB | Angelika.Schaub@mbwjk.rlp.de |
| **Il-Greċja** | Katerina SPETSIOTOU | katerinaspetsiotou@gmail.com |
| | Maria MICHAELIDOU | smi@acm.org |
| **L-Islanda** | Hulda DANIELSDOTTIR | hulda.karen.danielsdottir@reykjavik.is |

| | | |
|---|---|---|
| **L-Isvezja** | Fia ANDERSSON | Fia.Andersson@specped.su.se |
| | Kristina LANGBY GRUBB | kristina.langby_grubb@malmo.se |
| | Trinidad RIVERA | trinidad.rivera@spsm.se |
| **L-Isvizzera** | Priska SIEBER | priska.sieber@phz.ch |
| | Christiane PERREGAUX | Christiane.Perregaux@pse.unige.ch |
| **L-Italja** | Matteo TALLO | matteo.tallo@istruzione.it |
| | Leandra NEGRO | leandra.negro@istruzione.it |
| **Il-Latvja** | Dina BETHERE | dina@lieppa.lv |
| | Mudite REIGASE | mudite.reigase@vsic.gov.lv |
| **Il-Litwanja** | Lina PALACIONIENE | lina.palacioniene@sppc.lt |
| | Virginija STUMBRIENE | virginija.stumbriene@flf.vu.lt |
| **Il-Lussemburgu** | Gilbert STEINBACH | gil.steinbach@education.lu |
| **Malta** | Alexander SPITERI | alexander.spiteri@gov.mt |
| **In-Norveġja** | Merete BAEKKEVOLD | mbe@udir.no |
| | May-Britt MONSRUD | may-britt.monsrud@statped.no |
| **L-Olanda** | Wim VAN OOSTEN | directie@kingmaschool.nl |
| **Il-Polonja** | Krzysztof SIKORA | krzys@rasz.edu.pl |
| | Aleksandra CHRZANOWSKA | ollencja@wp.pl |
| **Il-Portugal** | Isabel PAES | isabel.paes@acidi.gov.pt |
| | Graça FRANCO | graca.franco@clix.pt |
| **Ir-Renju Unit** | Geoff LINDSAY | Geoff.Lindsay@warwick.ac.uk |

| | | |
|---|---|---|
| | Sonali SHAH | splsls@leeds.ac.uk |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Milos KUSY | milos.kusy@seznam.cz |
| | Věra VOJTOVÁ | vojtova@ped.muni.cz |
| **Spanja** | Ana Maria TURIEL PINTADO | anamtp@princast.es |
| | Virginia JIMENEZ | jimenez_vir@gva.es |
| **L-Ungerija** | Szilvia NÉMETH | nemethsz@oki.hu |
| | Margit KOCZOR | koczormargit@mail.tvnet.hu |

## L-ismijiet u l-indirizzi tal-pajjiżi miżjura

| | |
|---|---|
| **Malmö** | Rosengård Resource Team<br>Malmö Stad<br>20580 Malmö<br>lena.becking@malmo.se<br>barbro.jarnhall@malmo.se<br>tove.m.nilsson@malmo.se |
| | Kryddgårdsskolan<br>Vougts väg 15<br>213 72 Malmö<br>kryddgårdsskolan@malmo.se |
| | Dragon preschool center<br>Möllevångsgatan 46<br>214 20 Malmö<br>kristina.langby_grubb@malmo.se |
| **Ateni** | 6th Dimotiko Kifisias (primary school)<br>53, L.Katsoni Street (and 1st May)<br>13561 Athens<br>johntsat@otenet.gr<br>http://6dim-kifis.att.sch.gr/globalsch-autosch/default/ |
| | 3rd Gymnasio Kifisias (secondary school)<br>Patrwn and Korinthou Street. N.Kifisia<br>145 64 Athens<br>library@3gym-kifis.att.sch.gr<br>http://3gym-kifis.att.sch.gr/arxiki.htm |
| | A' KDAY of Athens, Centre of Assessment<br>Kandanou 18<br>11526 Athens<br>E-mail@kday-a-athin-att.sch.gr |
| **Pariġi** | Ecole polyvalente Binet A<br>60 rue René Binet<br>75018 Paris<br>ce.0753737e@ac-paris.fr |
| | Ecole élémentaire Binet B<br>60 rue René Binet<br>75018 Paris<br>ce.0751443L@ac-paris.fr |

| | |
|---|---|
| | Ecole maternelle<br>60 rue René Binet<br>75018 Paris<br>ce.0751380t@paris.fr |
| | Ecole polyvalente Labori<br>19 rue Labori<br>75018 Paris<br>ce.0751107w@paris.fr |
| **Brussel** | Athénée Royal Serge Creuz<br>Avenue du Sippelberg 2<br>1080 Molenbeek Saint Jean<br>www.sergecreuz.be |
| | Ecole Schaller<br>Avenue Schaller 87<br>1160 Auderghem<br>www.ecoleschaller.org |
| | VCLB Koepel<br>Anatole France 119<br>1030 Schaarbeek<br>www.vclb-koepel.be |
| **Amsterdam** | Kingmaschool<br>Beijerlandstraat 2<br>1025 NN Amsterdam<br>www.kingmaschool.nl |
| | Van Koetsveldschool<br>Archimedesplantsoen 98<br>1098 KB Amsterdam, Netherlands<br>www.zmlkoetsveld.nl |
| | Alexander Roozendaalschool<br>Jan Tooropstraat 13<br>1062 BK Amsterdam<br>www.roozendaalschool.nl |
| | De Zeehoeve<br>Gemeente Amsterdam – Dienst Werk en Inkomen<br>www.maatwerk.amsterdam.nl |
| | De Bascule<br>Postbus 303<br>1115 ZG Duivendrecht<br>www.debascule.nl |

| | |
|---|---|
| **Varsavja** | Gymnasium n°20<br>Raszyńska street 22<br>02-026 Warszawa<br>www.rasz.edu.pl |
| | Gymnasium N° 20 (filia)<br>Startowa street, 9<br>02-248 Warszawa<br>www.startowa.edu.pl |
| | Multicultural Secondary School<br>Klopotowskiego street 31<br>03-720 Warszawa<br>www.humanistyczne.pl |
| | Primary School N° 273<br>Balcerzaka street, 1<br>01-944 Warszawa<br>www.szkola273.pl |
| | The Association for Legal Intervention<br>Al.3 Maja street 12, local 510<br>00-391 Warszawa<br>www.interwencjaprawna.pl |
| | Primary School N° 220<br>Jana Pawla II street, 26a<br>00-133 Warszawa<br>www.sp220.pl |

MT

Dan ir-rapport huwa taqsira tal-analiżi li għamlet l-Aġenzija Ewropea tal-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali, fuq talba tar-rappreżentanti tal-pajjiżi membri fuq is-suġġett tal-Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali u d-Diversità Multikulturali.

L-għan kien li jintwieġbu tliet mistoqsijiet ewlenin:
a) sa liema punt aspetti ta' tagħlim tat-tieni lingwa jintrabtu jew jitħalltu ma' diffikultajiet fit-tagħlim, b) kif il-ħiliet u l-ħtiġijiet tal-istudenti bi sfond ta' immigrant huma assessjati, u ċ) kif issostni għalliema, familji u studenti bl-aħjar mod possibbli.

Matul il-proġett ta' tliet snin, l-esperti nazzjonali minn 25 pajjiż Ewropew kienu involuti fil-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni tal-pajjiż. Ix-xogħol kollettiv tagħhom wassal għal xi tweġibiet inizjali interessanti ħafna għal dawn il-mistoqsijiet.

Minħabba li dan hu l-ewwel attentat biex tiġi kkompilata din it-tip ta' informazzjoni f'livell Ewropew ħarġu ħafna aktar aspetti u nstaqsew aktar mistoqsijiet milli ngħataw tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet. Għalhekk huwa mistenni li din l-ewwel analiżi u studju jiftħu l-bieb għal aktar investigazzjonijiet f'dan is-suġġett.



European Agency for Development in Special Needs Education